ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI ·

2020

# RIĊERKATURI

ĦARĠA 2

GĦAŻLA TA' TEŻINI
TAL-BA (UNURI) FIL-MALTI

L-Università
ta' Malta

# Riċerkaturi

Id-Dipartiment tal-Malti
L-Università ta' Malta

Ħarġa 2
2020

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti
© 2020 Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta

Koordinazzjoni:
Dr Michael Spagnol

Qari tal-Provi:
Dwayne Ellul

Disinn:
Panda
www.panda.com.mt

ISBN: 978-99957-1-721-6

4. **It-Tieni Ħarġa**
Michael Spagnol

6. **Il-Verbi f'Sekwenza fil-Malti**
Kirsty Azzopardi

18. **Analiżi tal-Iżbalji Ortografiċi fil-Komponimenti tal-Letteratura**
Julia Bezzina

31. **Il-Qlib tal-Kodiċi**
Amy Calleja

44. **Xejriet Rettoriċi f'*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri***
Stepheon Camilleri

54. **Il-Laqam Personali: Analiżi Lingwistika**
Abigail Deguara

66. **Ir-Realtà li Toħloq il-Letteratura**
Rachel Saydon

76. **Konfini, Silenzji u Mergħat**
**Aspetti Queer fin-Narrattiva Maltija, b'Referenza Speċjali għal Bep**
Romario Sciberras

88. **Ġabra Analitika tal-Materjal Lingwistiku fil-Programm Seħer il-Malti**
Elaine Vella

# Riċerkaturi

Id-Dipartiment tal-Malti
L-Università ta' Malta

Ħarġa 2
2020

# It-Tieni Ħarġa

Din il-ħarġa ta' *Riċerkaturi* fiha tmien artikli, ħamsa dwar oqsma ta' riċerka lingwistika u tlieta dwar temi letterarji. Ix-xogħlijiet lingwistiċi jittrattaw (i) is-sintassi: Azzopardi teżamina l-ktajjen verbali fil-Malti; (ii) l-ortografija: Bezzina tanalizza l-iżbalji fil-komponimenti ta' xi eżamijiet annwali tal-primarja; (iii) il-morfoloġija: Deguara tistħarreġ il-binja tal-laqmijiet personali; (iv) is-soċjolingwistika: Calleja tistudja l-qlib tal-kodiċi fi programm televiżiv; u (v) il-lessiku: Vella tiddiskuti kif torganizza l-materjal lessikali li joħroġ mill-programm tar-radju *Seħer il-Malti*.

L-istudji letterarji jiffukaw fuq in-narrattiva minn angoli differenti. Camilleri jesplora l-mekkaniżmi rettoriċi fir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, Saydon tippreżenta studju fuq it-teorija letterarja li juri kif il-lingwa letterarja tingħażel minn għamliet oħra tal-lingwa, u Sciberras jintroduċi l-perspettiva Queer fil-kritika letterarja Maltija u japplikaha għal erba' rumanzi.

Għalkemm qosra, dawn l-artikli msejsa fuq it-teżini jiftħu orizzonti ġodda għar-riċerka fuq il-Malti. Ir-riċerkaturi, huma u jirfsu f'għelieqi mhux maħduma, iwasslulna sejbiet friski mill-oqsma mistħarrġa u jkomplu jiżviluppaw l-idjoma akkademika tal-lingwistika u tal-kritika u t-teorija letterarja bil-Malti.

*Dr Michael Spagnol*
*31 ta' Mejju 2020*

# Il-Verbi f'Sekwenza fil-Malti

Studenta:
Kirsty Azzopardi

Tutur:
Prof. Albert Borg

Kotutur:
Prof. Ray Fabri

## 1. Daħla

F'dan l-artiklu nistħarreġ in-natura tal-katina verbali fil-Malti, li għalissa nistgħu niddeskrivuha bħala sekwenza ta' verbi li jokkorru wara xulxin mingħajr l-ebda ndħil ta' xi element ieħor. Eżempju ta' katina verbali fil-Malti hu dan li ġej:

*1. kont ridt nerġa' nibda nipprova nara jirnexxilix naqbadhom fil-fatt*

Għalkemm il-preżenza tiegħu fil-Malti ilha magħrufa minn żmien Vassalli, dan il-fenomenu ngħata l-ġenb u l-istudji li jittrattaw dan is-suġġett fil-Malti huma tassew ftit. Għaldaqstant, l-għan ta' dan l-istudju mhux għajr li jixħet xi ftit tad-dawl fuq qasam li tħalla fid-dlam. F'dan l-istudju, għalhekk, nittratta ktajjen verbali magħmulin minn żewġ verbi biss - V1 u V2 rispettivament, bħal:

*2. ġie jiġri*

Ir-raġuni għal dan hija li, kif jgħidu Fabri u Borg, "insight into the structure and relations within the sequence can best be gained by focusing our analysis on the relationship between specific pairs of predicates rather than examining the whole possible sequence at one go" (68).

## 2. Xi ntqal diġà

### 2.1. Il-kwistjoni terminoloġika[1]

Qabel ma nagħtu ħarsa lejn x'inhu dak li jagħti identità lill-katina verbali, tajjeb li nitkellmu dwar it-terminoloġija. Ir-raġuni għal dan hija li s-sekwenza verbali fil-Malti ġiet deskritta permezz ta' ismijiet, jew aħjar termini, differenti. Ta' min wieħed jinnota li t-terminu li jintuża jista' jimplika li r-rabta bejn il-membri tal-katina verbali hija waħda sfiqa u mhux laxka, jew viċiversa (Stolz 138).

Fabri, meta jitkellem dwar binjiet b'"Verb V1" li jaħkem verb ieħor, "Verb V2", juża t-terminu "Multi-Verb-Konstruktionen (203). Mill-banda l-oħra, Maas jirreferi għall-ktajjen verbali fil-Malti bħala predikati kumplessi. Filwaqt li l-element modifikat isejjaħlu "modificatum," l-element modifikatur isejjaħlu "modificans" (113). F'katina bħal 3, *qabad* huwa l-element modifikatur, filwaqt li *jiġri* huwa l-"modificatum."

*3. qabad jiġri*

Il-katina verbali fil-Malti, Stolz isejħilha "verb chain" u jistqarr li jagħżel dan it-terminu għal raġunijiet ta' newtralità (138). Għall-istess raġuni, Fabri u Borg jużaw "sequence" u jgħidu li l-għan tal-istudju tagħhom hu proprju li jfissru n-natura tal-katina verbali f'termini teoretiċi (67-68).

L-għażliet terminoloġiċi jiddaħħlu f'kunflitt bejniethom. Minn banda jidher li Maas isejjaħ binjiet bħal dawn *predikati kumplessi*, mill-banda l-oħra Stolz jgħid li l-katina verbali fil-Malti mhi ekwivalenti la għal predikat kumpless u lanqas għal kumpless predikattiv (Stolz 175). Id-distinzjoni terminoloġika ssir saħansitra fl-għoti tal-isem lill-kostitwenti li jsawru l-katina verbali. Stolz jittratta l-katina bħala unità magħmula minn verbi differenti li mhix ekwivalenti għall-frażi verbali mil-lat ta' kostitwenti (139), però jidher li kemm il-V1 kif ukoll il-V2 jista', b'mod fakultattiv, jokkorri bil-kumplamenti tiegħu miegħu (Fabri u Borg 81), kif jidher fl-eżempji li ġejjin.

*4. Pawlu ħareġ jixtri*
*5. Pawlu ħareġ mid-dar jixtri*
*6. Pawlu ħareġ jixtri l-perżut*
*7. Pawlu ħareġ mid-dar jixtri l-perżut*

Il-fatt li verb jippermetti lill-kumplament tiegħu jokkorri miegħu huwa sinjal li, sintattikament, m'hemmx sekwenza ta' verbi imma sekwenza ta' frażijiet verbali[2] b'ras

[1] Tajjeb li ngħidu li f'dan l-istudju t-termini "katina verbali," "sekwenza verbali" u "par verbali" jintużaw b'mod newtrali sabiex jirreferu għal binja tat-tip V1+V2. [2] Minflok frażi verbali ġieli se jintuża l-abbrevjazzjoni FV.

verbali u kumplament fakultattiv (82). F'sentenza 7, mela, *ħareġ* hija l-FV b'ras verbali u *mid-dar* hija l-kumplament tagħha. Fabri u Borg iqisu *jixtri l-perżut* bħala FV2 ta' għan li hija argument estiż ta' V1.

## 2.2. Il-karatteristiċi tal-katina verbali

### 2.2.1. Il-qbil grammatikali

Il-verbi li jsawru l-katina jridu jaqblu bejniethom fil-persuna, l-għadd, u l-ġens, u b'hekk irid ikollhom argument komuni - is-suġġett. Jekk xi mkien fil-katina verbali sseħħ bidla fis-suġġett, il-verb bis-suġġett il-ġdid isib ruħu barra l-katina (Stolz 147). Għaldaqstant, fl-eżempju li ġej, *xtaqt, immur,* u *narah* jifformaw katina verbali ladarba l-verbi huma inflessi kollha għall-ewwel persuna singular. Madanakollu, *jirreċta* jispiċċa għalih waħdu għax is-suġġett tiegħu huwa t-tielet persuna singular maskil.

*8. xtaqt immur narah jirreċta*

Tajjeb li ngħidu li l-qbil grammatikali fis-suġġett morfoloġiku jista' jitqies wieħed mill-kriterji formali li jiggarantixxu grad għoli ta' koeżjoni bejn il-membri tal-katina verbali, b'tali mod li jistgħu jitqiesu bħala unità (149).

### 2.2.2. Il-kontigwità

Skont Trask, il-kontigwità ("adjacency") hija "the linear relation holding between two elements in a sentence which are not separated by any other element" (7). Fis-sens dejjaq tal-kelma dan ifisser li l-membri tal-katina verbali jridu jkunu maġenb xulxin fis-sintagma. Minkejja dan, Stolz jgħid li l-katina verbali mhijiex impenetrabbli u ġieli jidħlu fiha elementi nonverbali (152). Fil-ktiba tiegħu, Stolz jistħarreġ liema huma dawk l-elementi mhux verbali li jidħlu fil-katina u bħal jinterrompuha. L-għan hu li toħroġ fid-dieher it-tip ta' rabta li hemm bejn il-membri tal-katina u li titwieġeb il-mistoqsija ta' kemm il-katina verbali ġġib ruħha bħala unità waħda mil-lat morfosintattiku.

Stolz jasal biex jikkonkludi li r-rabta bejn il-membri tal-katina hija waħda laxka tant li jistgħu jiddaħħlu elementi oħra bejniethom (153-154). Fil-fatt, f'madwar 730 sentenza Stolz sab 750 każ ta' ksur il-katina. Dawn l-interruzzjonijiet mhux neċessarjament ikunu magħmulin minn kelma waħda biss imma jistgħu jkunu, ngħidu aħna, frażi prepożizzjonali jew saħansitra, kif isejħilha Stolz, klawżola subordinata. Dan juri li d-daqs tal-interruttur ma jostakolax l-inserzjoni tiegħu fil-katina verbali (156). Tant hu hekk li jsemmi wkoll ir-rikorsività (sic)

tal-interruzzjoni, jiġifieri l-fatt li fl-istess pożizzjoni hemm spazju għal iktar minn interruttur wieħed, bħalma jidher fl-eżempju li ġej (162).

*9. Kien <u>għalhekk diġà</u> tefa*

### <u>2.2.3. Il-kombinazzjonijiet morfosintattiċi</u>

Il-katina verbali ma tissawwarx b'mod għalkollox arbitrarju imma hemm ċerti restrizzjonijiet imposti fuq dawk il-membri tal-katina li huma sensittivi għall-aspett. Dawn il-membri jistgħu jkunu fil-perfett jew fl-imperfett imma ma jokkorrux f'kombinazzjoni ħielsa. Skont Stolz, filwaqt li V1 fil-perfett jista' jingħaqad ma' V2 fl-imperfett jew ma' V2 fil-perfett, V1 fl-imperfett jista' jingħaqad biss ma' V2 fl-imperfett (149). Dawn il-kombinazzjonijiet jidhru fl-ordni rispettiva tagħhom fl-eżempji li ġejjin. Filwaqt li eżempju 13 mhuwiex aċċettabbli skont id-deskrizzjoni ta' Stolz, għall-kelliem nattiv jinħass għalkollox naturali.

*10. xtaqt immur*
*11. xtaqt mort*
*12. nixtieq immur*
*13. nixtieq mort*

Fabri u Borg jgħidu li "while V1 can be morphologically either in the perfect . . . or the imperfect . . . form, any following verb must be in the imperfect" (70). Minkejja dan, huma jagħrfu l-possibilità ta' V2 fil-perfett meta l-V1 ikun il-markatur temporali (*kien*) inkella verb modali bħal *seta'* (71).

## 3. Il-metodoloġija

### <u>3.1. Il-metodu użat</u>

Minħabba n-nuqqas ta' studju fil-qasam tal-katina verbali fil-Malti ma kienx ikun prattiku li wieħed jibda mill-ewwel jistudja ktajjen b'għadd ġmielu ta' verbi. Għaldaqstant analizzajt sekwenzi magħmula minn żewġ verbi biss. Sabiex nanalizza pari ta' verbi V1+V2 għażilt li nuża l-korpus tal-MLRS (Maltese Language Resource Server) tal-Malti miktub li huwa aċċessibbli online u minn hemm ġbart kampjun ta' 500 sekwenza verbali V1+V2. L-ammont ta' lessemi differenti li okkorrew fil-V1 kien ta' 55, filwaqt li fil-V2 okkorrew 297 lessema differenti. Kienu biss 31 verb li daqqa dehru fil-V1 u daqqa fil-V2.

L-ewwel ħaġa li għamilt wara l-ġbir ta' dan il-kampjun kienet li pruvajt noħroġ il-paradimma ta' kull verb V1 li sibt fil-kampjun miġbur. Fi kliem ieħor, għal kull verb V1 bdejt nara x'inhuma l-possibilitajiet morfosintattiċi, li ġeneralment ikunu wħud minn dawn l-erbgħa: Imperfett+Imperfett, Imperfett+Perfett, Perfett+Imperfett, u Perfett+Perfett. Wara li ħriġt dan

it-tqassim, iggruppajt il-verbi skont it-tqassim morfosintattiku tagħhom sabiex nagħraf liema huma dawk il-verbi li bejn wieħed u ieħor iġibu ruħhom bl-istess mod. Waħda mill-ikbar diffikultajiet iltqajt magħha proprju meta bdejt inħares mill-qrib lejn il-verbi ta' wieħed mill-gruppi u rrealizzajt li t-tqassim morfosintattiku li oriġinarjament ħriġt bih kien magħmul minn taħlita ta' tifisiriet differenti tal-istess V1. Wara li fittixt x'jgħid Aquilina dwar il-verbi li kont qed nanalizza, bdejt noħroġ paradimma għal kull tifsira tal-istess verb. Kien sewwasew f'dan il-punt li ndunajt bil-possibilità li l-istess verb V1 ikollu aktar minn tqassim morfosintattiku wieħed.

Il-proċess tal-analiżi, mela, kien jitlob li niġbor il-verbi V1 li okkorrew fil-kampjun u mbagħad, wara konsultazzjoni mad-dizzjunarju sabiex nara t-tifsir differenti li l-istess verb jista' jġorr, noħroġ il-paradimma tat-tqassim morfosintattiku għal kull tifsira.

## 4. L-analiżi tal-V1 ġie

Qabel ma nibdew niddiskutu l-verb *ġie* bħala V1 f'katina V1+V2 ikun tajjeb li naraw it-tqassim morfosintattiku tiegħu. Fi kliem ieħor se naraw liema huma dawk il-kombinazzjonijiet temporali-aspettwali li jkunu possibbli meta l-V1 ikun *ġie*. Dan jidher fl-eżempji li ġejjin.

### ġie

*14. niġu nbeżżgħu (IMPF+IMPF)*
*15. niġu beżżajna (IMPF+PRF)*
*16. ġejna nbeżżgħu (PRF+IMPF)*
*17. ġejna beżżajna (PRF+PRF)*

Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-V1 *ġie* jippermetti l-erba' kombinazzjonijiet morfosintattiċi kollha. Wieħed aktarx iħoss li filwaqt li 14 u 16 jesprimu l-istess ħaġa, l-unika differenza bejn iż-żewġ kombinazzjonijiet hija waħda aspettwali għax filwaqt li f'eżempju 14 naraw drawwa mhux ristretta, f'16 naraw ġrajja li ntemmet qabel il-mument tat-taħdit. Bl-istess mod aktarx inħossu li l-unika differenza bejn 15 u 17 hija waħda ta' aspett filwaqt li s-semantika taż-żewġ binjiet hija identika. Minkejja dan, aktarx inħossu li s-semantika taż-żewġ pari hija differenti u b'hekk naslu nifhmu li jista' jkun li *ġie* għandu aktar minn tifsira waħda.

Fost it-tifsiriet mogħtija f'Aquilina nsibu: a) "To come, to arrive" (399), u b) "To grow, develop, progress, become, form, take shape" (400). Mal-aħħar tifsira Aquilina jorbot ukoll il-binja magħmula mil-lessema *ġie* segwita minn V2 fl-imperfett u jagħti "he became, began to" bħala

t-tifsira ta' din il-binja, bħalma jidher fl-eżempju ta' Aquilina: "wara l-operazzjoni reġa' [ġie] jara" (400). Taħt ĠIE nsibu wkoll tifsira ċ) "To result, add up to, come out, amount to, be equal or comparable to" u bħala eżempju Aquilina jagħti: "hekk ġejt tlift ħames liri" (401). Apparti dawn it-tifsiriet, Aquilina jagħti wkoll il-binja bil-lessema *ġie* fil-V1 u verb fl-imperfett bħala V2, binja li se nsejħilha *d)*, u maġenb il-formazzjoni tal-binja jikteb "To assume an attitude of indifference, etc," fejn wieħed mill-eżempji mogħtija huwa "[ġie] jitmejjel" (401). Issa li stabbilejna liema tifsiriet mogħtija minn Aquilina se nimxu fuqhom, ikun tajjeb li nibdew nanalizzaw l-okkorrenzi ta' kull tifsira f'binja *V1 ġie + V2*.

## 4.1. Tifsira fiżika

Meta l-V1 jintuża bit-tifsira mogħtija f'*a)* jinħass is-sens ta' miġja fiżika lejn punt partikolari jew aħjar is-sens ta' wasla u għaldaqstant nistgħu nqisu *a)* bħala s-sens fiżiku ta' *ġie*. Għaldaqstant, meta *ġie* fil-V1 ikollu dan is-sens ikun qed jaħdem bħala verb ta' ċaqliq. Dwar dawn il-verbi, Fabri u Borg jgħidu: "A V2 in combination with a motion V1 can be interpreted in either of two ways, namely, either as purpose or as manner" (73). Filwaqt li l-V2 ta' għan iwieġeb il-mistoqsija *X'jiġi/ġie jagħmel?*, il-mistoqsija *Kif jiġi/ġie?* titwieġeb mill-V2 b'interpretazzjoni ta' manjiera.

Nibdew billi nħarsu lejn it-tqassim morfosintattiku tal-V1 *ġie* b'tifsira fiżika li warajh ikollu V2 b'interpretazzjoni ta' manjiera, bħalma jidher f'eżempji 18-21.

### Tifsira Fiżika (V2 ta' Manjiera) - Kif jiġi/ġie?

18. *Dejjem jiġi jiġri fuqi meta jarani (IMPF+IMPF)*
19. **Dejjem jiġi ġera fuqi meta jarani (*IMPF+PRF)*
20. *Ilbieraħ ġie jiġri fuqi kif rani (PRF+IMPF)*
21. **Ilbieraħ ġie ġera fuqi kif rani (*PRF+PRF)*

Jidher li l-binja *V1 ġie + V2 (manjiera)* tippermetti biss kombinazzjonijiet fejn il-V2 ikun fl-imperfett. Fil-fatt, l-unika żewġ kombinazzjonijiet esklużi minn din il-paradimma huma dawk b'V2 fil-perfett. Li kellna nippruvaw naħdmu l-binja *V1 ġie + V2 (manjiera)* b'V2 bħal *għaġġel* jew *ħaffef*, il-possibilitajiet kombinatorji jaqblu ma' dawk li rajna fl-eżempji t'hawn fuq.

Mill-banda l-oħra, li kellna nużaw il-verb *xtara* bħala V2, bħal f'*jiġi jixtri*, aktarx li l-kelliem nattiv jinterpretah bħala verb b'tifsira ta' għan għax dan juri x'ġie jagħmel is-suġġett u mhux

il-mod kif ġie. Meta l-V2 li jsegwi V1 ta' moviment, bħal *ġie*, ikollu tifsira ta' għan, it-tqassim morfosintattiku jkun bħalma jidher fl-eżempji li ġejjin.

### Tifsira Fiżika (V2 ta' Għan) - X'jiġi/ġie jagħmel?

22. *Ir-raġel li semmejtli spiss jiġi jixtri minn hawn (IMPF+IMPF)*
23. **Jidhirli li ġieli jiġi xtara mingħandek (*IMPF+PRF)*
24. *Ilbieraħ ġie jixtri mill-ħanut tagħna (PRF+IMPF)*
25. *Ġie xtara kwart perżut u telaq 'l hemm (PRF+PRF)*

F'dan il-każ hija biss il-binja IMPF+PRF li mhix aċċettata u l-binja PRF+PRF, li ma tiġix aċċettata meta l-V2 ikollu interpretazzjoni ta' manjiera, tidher għalkollox grammatikali. Eżempji oħra tal-binja PRF+PRF fil-kuntest ta' V2 b'tifsira ta' għan huma dawn li ġejjin.

26. *Imissu jistħi wara li ġie qalli dak il-kliem għalxejn b'xejn (PRF+PRF)*
27. *Ġiet għamlet jumejn xogħol magħna u parpret 'l hemm (PRF+PRF)*

Minkejja dan, jidher li xorta waħda jista' jkun hemm xi eċċezzjonijiet. Filwaqt li fl-idjolett tiegħi nista' b'xi mod naċċetta s-sentenza 28, insibha bi tqila ħafna naċċetta 29.

28. *?Ġiet għexet Malta għal ftit qabel telqet il-Ġermanja (?PRF+PRF)*
29. **Ġiet mietet Malta (*PRF+PRF)*

Ladarba fil-każ tal-kombinazzjoni PRF+PRF jidher li hemm xi eċċezzjonijiet, ikun aħjar li nużaw is-simbolu *?* meta nitkellmu dwar din il-kombinazzjoni. B'hekk nistgħu naġġornaw it-tqassim morfosintattiku li deher fl-eżempji 22-25 għal dak li ġej.

### Tifsira Fiżika (V2 ta' Għan)

30. *IMPF+IMPF*
31. **IMPF+PRF*
32. *PRF+IMPF*
33. *?PRF+PRF*

## 4.2. Tifsira inkoattiva[3]

Meta l-V1 jintuża fis-sens mogħti f'*b)*, jiġifieri "To grow, develop, progress, become, form, take shape" (Aquilina 400), it-tqassim morfosintattiku jkun l-istess bħat-tqassim li jokkorri meta l-V1 ikollu tifsira fiżika, jiġifieri tifsira ta' vjaġġ, u V2 b'interpretazzjoni ta' manjiera miegħu. Dan ifisser li l-unika binjiet aċċettati huma dawk li jkollhom il-V2 fl-imperfett, kif jidher fl-eżempji li ġejjin. F'dan il-każ, il-V1 nistgħu nqisuh inkoattiv.

[3] B'*inkoattiv* nifhmu verb li jwassal is-sens ta' bidla fl-istat li sseħħ waħidha (Spagnol 142).

**Tifsira Inkoattiva**

34. *Wara t-tiswija l-kompjuter jiġi jaħdem sew (IMPF+IMPF)*
35. **Wara t-tiswija l-kompjuter jiġi ħadem sew (*IMPF+PRF)*
36. *Wara t-tiswija l-kompjuter ġie jaħdem sew (PRF+IMPF)*
37. **Wara t-tiswija l-kompjuter ġie ħadem sew (*PRF+PRF)*

Fil-każ tal-eżempji mogħtija, il-kelliem qed jitkellem dwar kompjuter li kellu xi tip ta' ħsara u li wara t-tiswija reġa' beda jaħdem kif suppost. Għaldaqstant, tidher bidla fl-istat: minn xi ħaġa li ma tiffunzjonax kif mistennija għal xi ħaġa li tibda taħdem kif suppost.

## 4.3. Tifsira riżultattiva[4]

Imiss li nitkellmu dwar tifsira *ċ)*: "To result, add up to, come out, amount to, be equal or comparable to" (401). F'dan il-każ, is-sens ikun riżultattiv, jew aħjar deduttiv u l-kelliem jikkonkludi xi ħaġa dwar dak li jkun qed jitkellem fuqu. Eżempji ta' pari verbali b'V1 li jġorr din it-tifsira nsibuhom minn 38 sa 41.

**Tifsira Riżultattiva**

38. *?Skont dak li qed nara int tiġi taħdem aktar minni (?IMPF+IMPF)*
39. *La l-Ħadd kellek 12-il siegħa tiġi ħdimt aktar minni (IMPF+PRF)*
40. *?Mis-sena l-oħra 'l hawn int ġejt taħdem aktar minni (?PRF+IMPF)*
41. *Il-ġimgħa l-oħra ġejt ħdimt aktar minni (PRF+PRF)*

F'dan il-każ jidher li l-erba' kombinazzjonijiet morfosintattiċi huma possibbli għalkemm mhux kollha jinħassu naturali daqs xulxin. Il-kombinazzjonijiet IMPF+PRF u PRF+PRF jinħassu naturali filwaqt li dawk IMPF+IMPF u PRF+IMPF, għad li jistgħu jiġu aċċettati, huma kemxejn dubjużi. Huwa proprju għal din ir-raġuni li ntuża s-simbolu *?* f'eżempji 38 u 40.

## 4.4. Tifsira ta' indifferenza

L-aħħar tifsira li slitna minn Aquilina, jiġifieri tifsira *d)*, tidher meta *ġie* jintuża sabiex jesprimi l-indifferenza tas-suġġett. Jekk nagħtu ħarsa lejn l-imġiba ta' *ġie* meta maġenbu jkollu

[4] It-terminu *riżultattiv* qed jintuża fis-sens ta' jirriżulta li. Fi kliem ieħor, f'dan il-każ għaddej proċess ta' deduzzjoni fejn il-kelliem jasal għal konklużjoni speċifika dwar xi ħaġa.

V2 bħal *jitmejjel*, għal darb'oħra naraw li l-uniċi kombinazzjonijiet possibbli huma dawk li jkollhom il-V2 fl-imperfett.

### Tifsira ta' Indifferenza

42. *Dak dejjem jiġi jitmejjel mill-opinjoni ta' ħaddieħor (IMPF+IMPF)*
43. **Dak dejjem jiġi tmejjel mill-opinjoni ta' ħaddieħor (*IMPF+PRF)*
44. *Dak dejjem ġie jitmejjel mill-opinjoni ta' ħaddieħor (PRF+IMPF)*
45. **Dak dejjem ġie tmejjel mill-opinjoni ta' ħaddieħor (*PRF+PRF)*

Hawnhekk ninnutaw li t-tqassim morfosintattiku huwa bħal dak li rajna fil-każ tal-binja *V1 (tifsira fiżika) + V2 (manjiera)*. Fil-fatt, insibu li binja bħal *ġie jitmejjel* tista' twieġeb il-mistoqsija *Kif ġie?* F'dan il-każ, it-tifsira fiżika tal-V1 togħla u ssir astratta għax *ġie jitmejjel* ma nużawhiex sabiex nesprimu kif fil-fatt saret il-miġja ta' xi ħadd imma sabiex niddeskrivu l-attitudni ta' dak li jkun.

Barra minn hekk, kontra ta' dak li jagħtina x'nifhmu Aquilina, is-sens ta' nuqqas ta' kas ma joħroġx kull meta l-V1 *ġie* jkollu V2 fl-imperfett warajh, imma mill-V2 *jitmejjel*. Minn dan li għadna kif ngħidu jidher biċ-ċar li fil-V1 *ġie* nsibu biss tliet distinzjonijiet semantiċi u mhux erbgħa: tifsira fiżika, tifsira inkoattiva, u tifsira riżultattiva.

## 5. Konklużjoni

Minn dan li rajna nifhmu li wieħed jista' faċilment jitqarraq meta joħroġ il-paradimma ta' tqassim morfosintattiku preliminari għax ma jqisx il-polisemija. Meta nkunu qed naħdmu fuq verb polisemiku jeħtieġ li nqisu t-tifsiriet kollha possibbli u noħorġu paradimma għal kull tifsira. Ġejna wiċċ imb wiċċ mal-possibilità li l-istess verb V1 ikollu aktar minn tqassim morfosintattiku wieħed minħabba t-tifisiriet differenti li l-istess verb jista' jassumi fil-pożizzjoni V1. Fil-fatt, sibna li kull tifsira tal-V1 ikollha l-paradimma tagħha tat-tqassim morfosintattiku.

# Biblijografija


Aquilina, Joseph. *Maltese-English Dictionary*. Vol. 1, Midsea Books, 1987.

Comrie, Bernard, et al., edituri. *Introducing Maltese Linguistics*. Vol. 113, John Benjamins, 2009.

Fabri, Ray, u Albert Borg. "Modifiers and complements within the Maltese verb sequence." *Advances in Maltese Linguistics,* editjat minn Benjamin Saade u Mauro Tosco, vol. 21, De Gruyter Mouton, 2017, pp. 67-86. Studia Typologica.

Fabri, Ray. *Kongruenz und die Grammatik des Maltesischen*. Niemeyer, 1993.

Maas, Utz. "Complex predicates in Maltese." *Introducing Maltese Linguistics,* editjat minn Bernard Comrie et al., vol. 113, John Benjamins, 2009, pp. 113-132. Studies in Language Companion Series.

Saade, Benjamin, u Mauro Tosco, edituri. *Advances in Maltese Linguistics*. Vol. 21, De Gruyter Mouton, 2017.

Spagnol, Michael. *A Tale of Two Morphologies*. 2011. L-Università ta' Konstanz, teżi tal-Ph.D. nbn-resolving.de/urn:nbn:de:bsz:352-163722

Stolz, Thomas. "Splitting the verb chain in modern literary Maltese." *Introducing Maltese Linguistics,* editjat minn Bernard Comrie et al., vol. 113, John Benjamins, 2009, pp. 133-179. Studies in Language Companion Series.

Trask, R. L. *A Dictionary of Grammatical Terms in Linguistics*. Routledge, 1993.

# Analiżi tal-Iżbalji Ortografiċi fil-Komponimenti tal-Primarja

Studenta:
Julia Bezzina

Tutur:
Dr George Farrugia

# 1. Daħla

L-ortografija ta' lsienna, matul l-istorja uffiċjali tagħha ta' ftit anqas minn mitt sena, ta' spiss tqieset bħala fattur inkwetanti minn xi wħud. Għadna sal-lum naraw Malti miktub ħażin. Għalhekk, il-mistoqsija tiġi waħedha: il-għaliex, wara dawn is-snin kollha, donna ma nistgħux nieħdu r-ruħ fejn tidħol il-kitba tal-lingwa tagħna stess? Minn dejjem kienet tberren f'moħħi din il-mistoqsija u għalhekk xtaqt li bir-riċerka tiegħi nipprova nitfa' aktar dawl fuq dan il-fenomenu li donnu jrid ikompli jinkwetana.

Fid-daħla għall-ktieb tiegħu, Chetcuti (1982) kiteb hekk: "Ili f'kuntatt mal-istudenti għal iżjed minn erbgħin sena u naf sewwa li l-punt l-iktar dgħajjef tagħhom hu l-ortografija." (p.1). Ir-rapporti li għadhom joħorġu sena wara sena mill-Bordijiet tal-Eżaminaturi kemm tal-Benchmark (li jsir fi tmiem is-sitt sena tal-Primarja kif ukoll tal-MATSEC (fil-livelli ta' sekondarja u postsekondarja), jilmentaw mill-fatt li l-akbar problema tal-istudenti Maltin hija l-ortografija. Minkejja li aħna konxji minn dan kollu u għalkemm l-għalliema qed jagħmlu sforzi kbar biex jitnaqqas dan il-fenomenu inkwetanti, il-problemi donnhom xorta għadhom hemm.

## 2. L-għan tar-riċerka

Lokalment ftit sibt studji dwar dan l-aspett tal-lingwa u minn dawn, tnejn biss saru fuq studenti tal-primarja. Jien ħassejt li kien għad baqa' vojt li jeħtieġ li jimtela fil-qasam tar-riċerka dwar l-ortografija. Qatt ma kien sar studju dwar l-iżbalji ortografiċi tal-istudenti bejn il-ħames u s-sitt sena tal-primarja. Għalhekk ħsibt li nagħmel tajjeb jekk nipprova nimla dan il-vojt u nittama li, wara l-istudju tiegħi, inkunu f'pożizzjoni aħjar biex nanalizzaw x'inhu jiġri f'dan il-qasam tal-lingwa partikolarment fil-livell primarju. Dan l-istadju ta' riċerka jkun tassew komplut jekk isir ukoll studju tal-iżbalji ortografiċi fl-eżami tal-Benchmark. B'hekk inkunu nistgħu noħorġu b'oġġettivi preċiżi u għodod tat-tagħlim biex minn kmieni l-istudenti tagħna jitħarrġu ħalli jevitaw dawk l-iżbalji li sa minn età bikrija jfixkluhom fil-kitba tal-lingwa tagħhom stess.

B'dan il-għan f'moħħi, għalhekk, ġbart il-materjal kollu li kont neħtieġ għar-riċerka tiegħi. Il-mistoqsijiet fundamentali li ridt inwieġeb kienu tnejn:

i. Liema huma l-iżbalji ortografiċi l-iktar komuni li jokkorru bejn tmiem il-ħames sena u nofs is-sitt sena tal-iskola primarja?
ii. Jeżistu differenzi fl-iżbalji tal-kitba bejn studenti subien u bniet f'dawn il-ftit xhur qabel l-eżami tal-Benchmark?

Bir-riċerka tiegħi ridt nitfa' dawl biex nagħrfu liema żbalji jeħtieġ li jiġu ttrattati aħjar fil-klassijiet f'perjodu importanti ħafna peress li hu l-preludju għall-eżami tal-Benchmark li jsir fl-iskejjel primarji statali kollha u fil-maġġoranza tal-iskejjel primarji fis-settur skolastiku privat. It-tagħrif li joħroġ mir-riċerka tiegħi, għalhekk, għandu jgħin lill-iskejjel, u primarjament lill-għalliema, biex jiffokaw aktar fuq dawk l-iżbalji fil-Malti miktub li jseħħu l-aktar f'dan il-perjodu biex jiġu evitati fil-Benchmark u b'hekk il-livell tal-Malti fil-livell primarju jogħla. Ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-istudenti fil-kampjun tiegħi għamlu l-eżami tal-Benchmark f'Mejju-Ġunju 2018. F'dan l-eżami l-marka medja fil-Malti kienet 69%, kemm kemm aktar baxxa minn tal-Ingliż (70%) u 'l isfel sew minn dik tal-Matematika (75%). Din hi statistika inkwetanti, meta tiftakar li l-Malti huwa l-lingwa materna tagħna.

## 3. Il-lingwa miktuba: l-ikbar sfida

Lokalment, ir-rapport dwar il-Benchmark tal-2017 (p.15) - bħal oħrajn qablu - jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, skont l-istatistika ppreżentata,

mill-erba' komponenti li fihom ġew assessjati fil-Malti, l-agħar li marru l-istudenti kien fil-kitba.

Il-komponiment huwa taħriġ spontanju li jitlob attenzjoni mill-istudenti biex jiktbu b'Malti tajjeb u biex jittrattaw bil-għaqal is-suġġett li jagħżlu, wara li jfasslu pjan. Il-komponent tal-kitba fl-eżamijiet tal-Malti li jsiru mill-fażi primarja sa dik sekondarja huwa l-uniku wieħed fejn l-istudenti jitilfu l-marki għal żbalji fl-ortografija. F'komponenti oħra li jinvolvu l-kitba, mhux dejjem jitnaqqsu l-marki għal żbalji ortografiċi. Kien proprju għalhekk li jien għażilt il-komponiment għar-riċerka tiegħi.

Filwaqt li dejjem emminna - għax hekk turi b'mod ġenerali r-riċerka - li l-bniet huma aħjar mis-subien fil-produzzjoni miktuba tal-lingwa, naħseb li dejjem ħadnieha bħala stat ta' fatt li l-iżbalji ortografiċi huma kollha l-istess. Imma, fir-realtà, mhux biss teżisti differenza fl-għadd ta' żbalji tal-kitba bejn il-bniet u s-subien, imma jista' jkun ukoll li din id-differenza toħroġ ukoll fil-kwalità tal-iżbalji.

Għalhekk, barra li xtaqt nagħti stampa tal-iżjed żbalji li jokkorru spiss f'dan l-istadju, jien ridt noħroġ ukoll id-differenzi fl-iżbalji ortografiċi l-aktar komuni bejn is-subien u l-bniet. Fit-tagħlim tagħhom fil-klassi, l-għalliema, għalhekk, ikunu jistgħu jagħfsu aktar fuq ċerti aspetti tal-lingwa li l-istudenti subien jafu jsibuhom itqal u għaldaqstant joffrulhom sfida akbar.

## 4. Ir-raġunijiet għall-metodu tat-tqassim

Fir-riċerka tiegħi, jiena ridt li nibda minn studenti żgħar għax iżjed ma jinqabdu l-iżbalji fil-bidu, iktar inkunu nistgħu nsibu rimedji malajr ħalli l-ħsara ma tippersistix. Kien għalhekk li xtaqt niffoka l-istudju tiegħi fuq perjodu li s'issa qatt ma tpoġġa taħt il-lenti u nagħmel analiżi tal-iżbalji ortografiċi ta' għadd ta' studenti li għandhom bejn disa' snin u ħdax-il sena u li fil-mixja skolastika tagħhom jinsabu bejn it-tmiem tal-ħames sena u nofs is-sitt sena tal-primarja. Għażilt dan iż-żmien partikolari għaliex huwa perjodu ta' madwar erba' xhur (jekk wieħed jaqta' l-vaganzi tas-sajf u tal-Milied) li ħafna jqisuh bħala 'delikat' peress li, ftit taż-żmien wara, dawn l-istudenti jkunu jridu joqogħdu għall-eżami tal-Benchmark li jittieħed b'serjetà u b'impenn mill-iskejjel, l-għalliema, il-ġenituri u l-istudenti.

Il-kampjun tiegħi jikkonsisti f'120 komponiment b'kollox: 60 mill-eżami annwali li jsir fl-aħħar tal-ħames sena u 60 oħra mill-eżami li jsir f'nofs is-sitt sena tal-primarja. Il-komponiment

jingħata punteġġ totali ta' ħmistax-il marka għall-ħames sena u tmintax-il marka għas-sitt sena.

Jien iddeċidejt li nagħżel l-iskritti tiegħi skont is-sess tal-kandidati, kif ukoll il-klassi u l-iskola li jattendu. Il-kampjun hu maqsum indaqs bejn studenti subien u bniet biex, fost l-oħrajn, inkun nista' noħroġ diverġenzi bejn is-sessi fil-ħiliet tal-Malti miktub. Biex il-kampjun ikun jirrifletti sew il-popolazzjoni studenteska ta' din l-età f'Malta u Għawdex u biex ikolli kampjun rappreżentattiv, għażilt komponimenti ta' studenti li, b'mod ugwali, jattendu l-ħames u s-sitt sena fi skejjel primarji minn kulleġġi differenti mxerrdin mal-gżejjer Maltin: min-naħa t'isfel - Ħaż-Żabbar u ż-Żurrieq; min-naħa ta' ġewwa tal-Port il-Kbir - San Ġiljan u San Ġwann; miċ-ċentru - is-Siġġiewi u r-Rabat; min-naħa ta' fuq - in-Naxxar u l-Mellieħa; u minn Għawdex - il-Qala u s-Sannat.

Biex nassigura firxa wiesgħa tal-iżbalji ortografiċi li jagħmlu l-istudenti f'din il-fażi partikolari tal-vjaġġ edukattiv tagħhom u biex il-kampjun ikun jirrappreżenta tassew lill-istudenti f'din l-età, xtaqt li jkolli għad-dispożizzjoni tiegħi kitbiet ta' studenti ta' livelli varji. B'hekk tkun tista' toħroġ stampa ċara tal-abbiltajiet u tad-dgħufijiet ta' dan il-faxx ta' studenti fit-tħaddim tal-kitba bil-Malti.

Wara li  kelli f'idejja l-120 komponiment mill-għaxar skejjel differenti, stajt nibda l-ġabra tal-iżbalji. Din saret permezz ta' analiżi bir-reqqa tal-komponiment ta' kull wieħed u waħda mill-120 parteċipant. Kull skritt ġie ċċekkjat darbtejn, u ġieli anke tliet darbiet, speċjalment f'każijiet fejn il-kaligrafija ma kinitx ċara biżżejjed biex tingħaraf u għalhekk diffiċli biex tinqara. Wara li qrajt bir-reqqa kull komponiment u sibt l-iżbalji ortografiċi kollha, qassamt l-iżbalji f'sittax-il kategorija ortografika differenti simili għal dawk li ppreżentat Dimech (2013) fir-riċerka li kienet għamlet fuq il-komponiment ta' studenti li wara li spiċċaw l-iskola sekondarja, għamlu l-eżami tal-Malti taċ-ĊES. F'kull kategorija ortografika, qabbilt dak li sibt jien fost studenti tal-primarja ma' dak li sabet hi fl-analiżi tagħha. B'hekk ħareġ ukoll ċar liema huma l-kategoriji ortografiċi li fihom sar jew ma sarx progress mill-fażi primarja għal dik sekondarja.

Għall-parti investigattiva tar-riċerka, għamilt użu mill-programm 'Statistical Package for the Social Sciences' (SPSS) li normalment jintuża għal riċerka kwantitattiva minħabba l-użu ta' numri u persentaġġi. Dan is-software tar-riċerka kien utli għall-parti fejn ridt niġbor f'persentaġġi l-għadd ta' żbalji differenti li ħadu l-parteċipanti, skont iż-żewġ varjabbli magħżula: is-sess u

l-età. L-SPSS intuża għall-kampjun kollu, jiġifieri għall-120 komponiment li ġew analizzati.

## 5. X'ħareġ mir-riċerka

L-għan ewlieni tar-riċerka tiegħi kien li nitfa' dawl biex nagħrfu liema żbalji jeħtieġ li jiġu ttrattati aħjar fl-aħħar fażi tal-primarja, qabel l-eżami tal-Benchmark. It-tama tiegħi hi li t-tagħrif li se joħroġ mir-riċerka tiegħi jgħin lill-iskejjel, u primarjament lill-għalliema, biex jiffokaw aktar fuq dawk l-iżbalji fil-Malti miktub li jseħħu l-aktar f'dan il-perjodu biex il-livell tal-Malti fil-livell primarju jogħla.

**Tabella 1: L-għadd ta' żbalji fil-kitba, skont is-sess u s-sena, f'kull kategorija**

| Kategorija | Punt Ortografiku | Subien | Bniet | Total għal kull kategorija | Il-Ħames Sena | Is-Sitt Sena |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | il-konsonanti *h* | 45 | 69 | 114 | 38 | 76 |
| 2 | Il-konsonanti *għ* | 112 | 119 | 231 | 102 | 129 |
| 3 | Il-konsonanti doppji | 127 | 138 | 265 | 111 | 154 |
| 4 | Il-metatesi u konsonanti li jixxiebhu | 33 | 42 | 75 | 33 | 42 |
| 5 | Il-konsonanti dgħajfin | 23 | 25 | 48 | 27 | 21 |
| 6 | Id-dijakritiċi | 59 | 51 | 110 | 40 | 70 |
| 7 | Il-vokali tal-leħen | 78 | 77 | 152 | 54 | 101 |
| 8 | Il-vokali *ie* | 47 | 60 | 107 | 49 | 58 |
| 9 | L-artiklu | 30 | 32 | 62 | 30 | 32 |
| 10 | Tehmiż tal-artiklu mal-partiċelli | 36 | 41 | 77 | 35 | 42 |
| 11 | Id-*Deċiżjonijiet 1* | 36 | 34 | 70 | 29 | 41 |
| 12 | L-ittri kapitali | 40 | 19 | 59 | 25 | 34 |
| 13 | L-aċċent grafiku | 25 | 37 | 62 | 20 | 42 |
| 14 | L-appostrofu | 25 | 22 | 47 | 19 | 28 |
| 15 | Kelmiet il-għadd | 7 | 8 | 15 | 11 | 4 |
| 16 | Żbalji oħra | 179 | 189 | 368 | 153 | 215 |
| **Total ta' żbalji** | | **902** | **963** | **1865** | **776** | **1089** |
| **Perċentwali tat-total** | | **48%** | **52%** | **100%** | **42%** | **58%** |
| **Total ta' kategoriji li fihom instab għadd akbar ta' żbalji ortografiċi** | | **2** | **8** | | **2** | **13** |

Mit-tabella 1 wieħed malajr jieħu idea ċara ta' dak li joħroġ minn dan l-istudju. Jekk neskludu kategorija 16 li tiġbor fiha diversi tipi ta' żbalji li mhumiex fil-kategoriji 1 sa 15, l-aktar tliet kategoriji li fihom żbaljaw l-istudenti kienu, f'din l-ordni: (i) il-konsonanti doppji; (ii) il-konsonanti *għ*; u (iii) il-vokali tal-leħen. Din l-ordni tikkonferma dak li sabet Dimech (2013), bid-differenza li t-tielet l-aktar żball komuni li sabet fl-istudju tagħha seħħ fil-kitba tad-dijakritiċi. Bħal Dimech ukoll, minn din ir-riċerka jirriżulta li l-inqas għadd ta' żbalji ttieħdu fil-kitba ta' kelmiet il-għadd. Minn dan jidher, għalhekk, li l-istess żbalji qed jibqgħu telgħin mil-livell primarju għal dak sekondarju, fatt inkwetanti li nagħmlu sew li nfittxu għala qed iseħħ u x'għandna nagħmlu biex nirrimedjaw.

Mil-lat kwantitattiv, b'kollox instabu 1865 żball ortografiku li minnhom 902 (48%) ħaduhom is-subien filwaqt li 963 (52%) għamluhom il-bniet. Għalkemm din l-istatistika hija pjuttost bilanċjata, il-miżien ixaqleb lejn il-bniet. Kif jidher ukoll mill-għadd ta' żbalji sottolineati fit-tabella 1, mil-lat kwalitattiv, il-bniet għamlu iktar żbalji fil-kitba tagħhom mis-subien fi tmienja mis-sittax-il kategorija filwaqt li s-subien żbaljaw iżjed mill-bniet fi tnejn biss; fis-sitt kategoriji l-oħra kien hemm bilanċ bejn is-subien u l-bniet.

Dan l-eżitu huwa pjuttost kurjuż għax imur kontra t-tendenza ġenerali li toħroġ kemm mil-letteratura internazzjonali kif ukoll minn dik lokali. Din l-analiżi qed tiftħilna għajnejna biex ma nibqgħux aktar noħduha bħala stat ta' fatt li l-bniet huma aħjar mis-subien fil-produzzjoni tal-lingwa miktuba. Ta' min, għalhekk, jistudja aktar fil-fond dan il-fenomenu biex ninvestigaw jekk hemmx fatturi li qabel għandu mnejn ma tajniex kashom biżżejjed iżda li llum il-ġurnata qed iħallu impatt fuq it-tfal tagħna, u forsi b'mod iktar influwenti fuq il-bniet.

Din l-analiżi qiegħda anki titfa' dawl fuq id-differenza fl-iżbalji li saru minn studenti tas-sitt sena meta mqabbla ma' studenti tal-ħames sena. Filwaqt li fil-ħames sena l-istudenti għamlu b'kollox 776 żball (42%), fis-sitt sena l-għadd totali tal-iżbalji tela' drastikament għal 1089 (58%). Barra dan, l-iżbalji mill-ħames għas-sitt sena żdiedu f'xejn inqas minn tlettax-il kategorija filwaqt li naqsu biss fi tnejn mis-sittax-il kategorija ortografika. F'kategorija waħda ġie reġistrat bilanċ bejn is-snin. B'hekk, bħalma ġara fil-varjabbli tas-sess, l-istatistika qiegħda turi - u b'mod iktar qawwi - li minbarra li l-iżbalji fis-sitt sena żdiedu fil-kwantità, żdiedu wkoll fil-kwalità.

Din iż-żieda konsiderevoli fl-għadd ta' żbalji ortografiċi fis-sitt sena

hija inkwetanti meta tikkunsidra li l-istudenti fl-aħħar sena tal-primarja jkunu qegħdin ilestu ruħhom għall-eżami tal-Benchmark. Ir-raġunijiet għala, ftit ġimgħat qabel ma jersqu għal dan l-eżami, l-istudenti - kontra kull mistenni - qed jikkommettu aktar żbalji fil-kitba tagħhom mis-sena ta' qabel, għandhom jiġu mistħarrġa biex naraw x'rimedji għandna nfittxu. Jista' jkun li ż-żieda fit-tensjoni li jista' jġib miegħu dan l-eżami tħalli effett fuq l-istudenti. Barra minn hekk, il-pass forsi ftit mgħaġġel fit-tagħlim fl-ewwel xhur tas-sitt sena qabel ma jsir l-eżami ta' nofs is-sena fi Frar - li jservi wkoll ta' prova għall-Benchmark - seta' wkoll kien fattur li għen biex isiru aktar żbalji. Ta' min jinnota li, mis-sena skolastika 2018-2019, dan l-eżami ta' nofs is-sena tneħħa u b'hekk l-istudenti jistgħu jersqu b'mod iktar rilassat għall-eżami tal-Benchmark. X'riżultat se tħalli din il-miżura, fejn tidħol il-kitba bil-Malti, għad irid jiġi valutat.

L-istatistika li toħroġ minn din ir-riċerka turina li mhux biss hemm differenza fl-ammont iżda anki fit-tipi ta' żbalji li jagħmlu l-bniet u s-subien, kif ukoll bejn studenti fil-ħames u s-sitt sena. Dan, għalhekk, jitlob li l-għalliema jifhmu li jista' jiswa ta' ġid jekk jadottaw strateġiji ta' tagħlim differenti għas-subien u għall-bniet skont it-temi ortografiċi li jkunu qegħdin jittrattaw fil-klassi matul is-sena skolastika. Għaldaqstant nemmen li, minkejja li hemm diversi fatturi li jistgħu jgħinu jew ixekklu t-tagħlim tal-ortografija Maltija fl-iskejjel, it-tip ta' tagħlim li jingħata fil-klassi jibqa' l-aktar fattur determinanti fil-kisba tal-ħiliet lingwistiċi. Ir-rwol tal-għalliema, għalhekk, huwa kruċjali. Huwa fatt ikkonfermat minn diversi studji (Metzler & Woessmann, 2012; Kunter et al., 2013; König & Pflanzl, 2016) li l-għarfien pedagoġiku tal-għalliema jinfluwenza l-prattika fil-klassi u l-kwalità tat-tagħlim li min-naħa tagħhom iħallu effett fuq dak li l-istudenti jitgħallmu. Sikwit tisma' persuni jistqarru li huma jafu sew il-Malti għax fl-iskola primarja u/jew sekondarja kellhom għalliema tajbin. Għalhekk huwa importanti li l-għalliema tal-primarja, b'mod speċjali, ikollhom kmand tajjeb tal-lingwa Maltija. Sfortunatament, f'dan ir-rigward, jeżistu nuqqasijiet li tajjeb li jiġu indirizzati malajr kemm jista' jkun. Qiegħda ssir ħidma biex dawn l-ostakli jingħelbu. Ngħidu aħna, kull sena jsiru korsijiet ta' aġġornament mid-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar diffikultajiet fil-kitba tal-Malti mmirati għall-għalliema kemm tal-primarja kif ukoll tas-sekondarja (Ċirkulari DLAP 290/2018 datata 17 ta' Ottubru 2018). Minn dawn il-laqgħat li jien stess attendejt għalihom, mill-mistoqsijiet u mid-diffikultajiet

imressqa malajr tinduna bid-differenza bejn għalliema fil-primarja u dawk fis-sekondarja. Għalhekk, naħseb li wasal iż-żmien li fl-iskejjel primarji tagħna jibda jkollna għalliema speċjalizzati fis-suġġett li jgħallmu, bħalma għandna f'dawk sekondarji. Hawn xi skejjel statali li ftit ilu adottaw din is-sistema u ta' min, minn hawn u ftit snin oħra, issir riċerka biex tanalizza jekk dan hux qed iħalli l-frott mixtieq fejn tidħol il-kitba tal-Malti.

Barra minn hekk, iżda, fl-iskola u fil-klassi jeħtieġ li jinħoloq ambjent ta' tagħlim fejn l-għalliema jiffaċilitaw il-possibilità li l-istudenti tagħhom jispellu u jiktbu l-kliem b'mod korrett. Għandha ssir enfasi akbar fuq strateġiji kif jistgħu jispellu u jiktbu tajjeb.  Għal dan il-għan, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar tgħin lill-iskejjel biex iħeġġu lill-istudenti jispellu u jiktbu aħjar bil-Malti. Fost diversi inizjattivi biex tgħin lill-istudenti fil-klassijiet tal-primarja jtejbu l-kitba tagħhom bil-Malti, din l-aġenzija toffri lill-iskejjel primarji attività divertenti ta' spellija bl-isem 'Spellili' għal studenti tal-aħħar tliet snin tal-primarja (Ċirkulari DLAP 367/2018 datata 27 ta' Novembru 2018).

Apparti l-għajnuna barra mill-iskola, fil-klassi l-għalliema għandhom jieħdu inizjattivi personali biex jgħollu l-livell tal-Malti miktub mill-istudenti tagħhom. Hekk, ngħidu aħna, għandhom jesebixxu posters fejn l-istudenti jaraw kontinwament kliem li jindunaw li l-istudenti tagħhom qegħdin jiżbaljaw ta' spiss jew li jużaw regolarment fil-kitba, bl-għajnuna ta' mudelli fejn hu possibbli. Dan għandu jsir wara li t-tema partikolari tiġi mgħallma tajjeb u pprattikata sew bil-kitba fil-klassi, naturalment skont l-età tal-istudenti.

It-tabella 2 tagħti lill-għalliema idea iktar preċiża ta' liema huma, f'kull kategorija, l-iżbalji speċifiċi l-iżjed komuni li joħorġu mill-analiżi ta' dan l-istudju. B'hekk huma jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri biex dawn l-iżbalji jitnaqqsu.

**Tabella 2: L-iktar żbalji frekwenti tal-kitba f'kull kategorija ortografika**

| Kategorija | Punt Ortografiku | L-iktar sottokategorija li fiha ttieħdu żbalji | Persentaġġ (fil-kategorija) |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-konsonanti *h* | In-nuqqas ta' *h* f'verbi u f'verbi mehmużin mal-pronomi | 44.7% |
| 2 | Il-konsonanti *għ* | Il-kitba nieqsa u/jew żejda tal-*għ* | 59.3% |
| 3 | Il-konsonanti doppji | Il-kitba nieqsa u żejda tal-konsonanti fil-verbi | 49.8% |
| 4 | Il-metatesi u konsonanti li jixxiebhu | Il-metatesi | 28.0% |
| 5 | Il-konsonanti dgħajfin | Il-kitba żbaljata tal-*i/u* minflok *j/w* | 43.8% |
| 6 | Id-dijakritiċi | Il-kitba ta' *g* minflok *ġ* | 31.8% |
| 7 | Il-vokali tal-leħen | Żieda ta' vokali tal-leħen fl-artiklu wara kelma li tispiċċa bil-vokali | 57.4% |
| 8 | Il-vokali *ie* | Il-kitba tal-*ie* minflok *i* u viċiversa fi kliem li mhumiex verbi jew fin-negattiv | 79.4% |
| 9 | L-artiklu | In-nuqqas tas-sing fl-artiklu | 62.9% |
| 10 | Tehmiż tal-artiklu mal-partiċelli | Il-kitba nieqsa u żejda tal-*l* tal-artiklu mal-partiċella | 53.2% |
| 11 | Id-*Deċiżjonijiet 1* | L-użu tal-kelma *x'ħin* minflok *xħin* u viċiversa | 47.1% |
| 12 | L-ittri kapitali | Nuqqas ta' ittri kapitali fil-bidu tas-sentenza | 45.8% |
| 13 | L-aċċent grafiku | L-użu tal-aċċent minflok l-appostrofu | 58.1% |
| 14 | L-appostrofu | Il-partiċelli *ma' / ta'* bla apostrofu | 51.1% |
| 15 | Kelmiet il-għadd | In-numri *tliet/ tlett/ tlitt; erba' / erbgħa; seba' / sebgħa; disa' / disgħa* | 40.0% |
| 16 | Żbalji oħra | Żbalji individwali | 39.4% |

L-għalliema jagħmlu sew jekk jgħallmu lill-istudenti tagħhom biex, individwalment, jagħmlu lista tal-iktar kliem li jfixkilhom huma u jiktbu bil-Malti. Wara jistgħu jiddiskutuhom flimkien ma' sħabhom, taħt il-gwida tal-għalliem/a. L-isfida tagħhom tkun li, minn kitba għal oħra, inaqqsu l-iktar tliet  tipi ta' żbalji li normalment jieħdu huma u jiktbu. Meta ma jikkommettux aktar dawn l-iżbalji, jgħaddu biex jiffokaw fuq tlieta oħra biex b'hekk, bil-mod il-mod, jibdew jonqsu l-iżbalji u l-livell tal-ortografija tal-istudenti jibda jogħla. Dan jitlob impenn kbir mill-għalliema. Imma s-sodisfazzjon li jieħdu meta jaraw progress fil-kitba jkun kbir, kemm għalihom kif ukoll għall-istudenti tagħhom.

Tajjeb ukoll li t-tfal ikollhom aktar aċċess għall-qari ta' kotba bil-Malti fl-iskola. Importanti, iżda, li dawn il-kotba jkollhom Malti aġġornat għax ma jagħmilx sens li fil-ktieb jaraw kliem bħal *ta' l-isqof, priedka* u *rkobba* meta mbagħad, fil-klassi, ngħallmuhom biex jiktbu *tal-isqof, prietka* u *rkoppa*. Barra mill-klassi, l-użu ta' siti soċjali u elettroniċi bħal 'Kelma Kelma', jista' jgħin lill-istudenti jieħdu gost jitgħallmu jiktbu tajjeb bil-Malti. Iżda neħtieġu iżjed siti elettroniċi għat-tfal, sa minn età bikrija, ibbażati l-aktar fuq il-logħob, li jistgħu jgħinuhom jiktbu aħjar bil-Malti.

## 6. Nixtieq li...

Din ir-riċerka tiegħi hija l-iżjed ħolqa reċenti minn diversi ħoloq li jiffurmaw katina ta' xogħlijiet dwar l-iżbalji ortografiċi fil-Malti. Ix-xewqa tiegħi hi li aktar studenti universitarji jkomplu jfittxu u jistudjaw aktar dwar kif nistgħu ngħinu 'l-istudenti fl-iskejjel tagħna jiktbu Malti aħjar. Nawgura li l-eżitu ta' din ir-riċerka ma jispiċċax fuq l-ixkafef iżda jasal għand l-għalliema biex tassew jagħti l-frott mixtieq. B'hekk biss ikolli s-sodisfazzjon li r-riċerka tiegħi tkun tat sehem biex l-imħabba għal ilsienna u l-għarfien dwar kif għandu jinkiteb jikbru fost il-poplu tagħna, b'mod speċjali fit-tfal.

# 7. Biblijografija


Chetcuti, Ġ. (1982). *Tgħallem il-Malti f'20 Lezzjoni: Taħriġ prattiku ta' ortografija u ta' grammatika fil-livell tal-Matrikola Avanzata*. Interprint Limited, Malta.

Dimech, D. *Analiżi tal-iżbalji ortografiċi li saru fl-eżami tal-Matrikola tal-Malti fl-2011*. Teżi għall-grad ta' B.A. (Unuri) fil-Malti. L-Università ta' Malta, 2012-2013.

König, J. & Pflanzl, B. (2016). "Is teacher knowledge associated with performance? On the relationship between teachers' general pedagogical knowledge and instructional quality."Eur. J. Teach. Educ. 39, 419-436.

Kunter, M., Klusmann, U., Baumert, J., Richter, D., Voss, T., & Hachfeld, A. (2013). "Professional competence of teachers: Effects on instructional quality and student development." *Journal of Educ. Psychology. 105(3), 805-820.*

Metzler, J., & Woessmann, L. (2012). "The impact of teacher subject knowledge on student achievement: Evidence from within-teacher within-student variation." *Journal of Development Economics, November 99(2), 486-496.*

Ministry for Education & Employment. *End of Primary Benchmark 2017 - Report*. Educational Assessment Unit. Directorate for Learning and Assessment Programmes, October 2017.

# Il-Qlib tal-Kodiċi

Studenta:
Amy Calleja

Tutur:
Dr Michael Spagnol

## 1. Daħla

Dan l-artiklu jinqasam fi tnejn. Fl-ewwel parti nagħti ħarsa ġenerali lejn il-qlib tal-kodiċi, bl-Ingliż *code-switching*, bħala fenomenu li jinsab f'għadd ta' komunitajiet lingwistiċi madwar id-dinja. Fit-tieni parti nippreżenta s-sejbiet ewlenin tal-istudju li għamilt fuq il-qlib tal-kodiċi fi programm televiżiv lokali.

# 2. Ħarsa kritika

## 2.1. X'inhu l-qlib tal-kodiċi

Il-qlib tal-kodiċi, skont Poplack, huwa "l-alternanza ta' żewġ ilsna fl-istess diskors, sentenza jew kostitwent" (583). Bħalha, Aikio jgħid li l-qlib tal-kodiċi jirreferi għall-użu simultanju ta' iktar minn lingwa jew varjetà lingwistika waħda f'konverżazzjoni (35). Grosjean josserva li l-qlib tal-kodiċi huwa karatteristika u konsegwenza komuni ta' persuna bilingwi (146).

## 2.2. L-Aspetti tal-qlib tal-kodiċi

Il-qlib tal-kodiċi jista' jiġi studjat minn tliet angoli ewlenin: mill-aspett soċjolingwistiku, bħala funzjoni konverżazzjonali, u mill-aspett grammatikali. Fil-parti li jmiss nagħti ħarsa ħafifa lejn it-tlieta li huma.

### 2.2.1 L-Aspett soċjolingwistiku

B'mod ġenerali, l-istudjużi interessati f'dan l-aspett jistudjaw il-qlib tal-kodiċi f'soċjetajiet differenti. Eżempju ta' dan huwa l-esperiment ta' Gumperz u Blom fin-Norveġja (407-425). Blom u Gumperz sabu li f'din il-komunità magħluqa, in-nies bejniethom jitkellmu d-djalett, iżda meta jaraw lil xi ħadd barrani (bħar-riċerkaturi), jaqilbu mill-ewwel għall-istandard.

Studjużi oħra jistudjaw ir-rabta bejn il-qlib tal-kodiċi u s-sess sabiex jaraw jekk il-qlib tal-kodiċi jseħħx l-iktar mill-irġiel jew min-nisa. Madanakollu, m'hemmx tweġiba ċara għal dan għax is-sess mhuwiex fenomenu fiss. Barra minn hekk, kif jgħidu Chloros u Finnis, is-sess ma jistax jiġi studjat bħala fenomenu 'separat', imma jeħtieġ li jiġi studjat f'rabta ma' aspetti soċjali oħra.

### 2.2.2. Il-Funzjonijiet konverżazzjonali

Il-funzjonijiet konverżazzjonali jippruvaw iwieġbu l-mistoqsija: Għaliex il-kelliem jaqleb il-kodiċi f'konverżazzjoni? Baker jissuġġerixxi tlettax-il raġuni għala persuna taqleb minn varjetà lingwistika għal oħra waqt konverżazzjoni (88-89):

1. Biex issir enfasi fuq xi punt jew kelma importanti, ngħidu aħna, waqt xi spjegazzjoni.
2. Minħabba nuqqas t'għarfien, persuna tipprova tinqeda bi kliem minn lingwi oħra.
3. Minħabba li ma jkunx hemm il-kelma, jew il-kelma eżatta, fil-lingwa l-oħra.
4. Biex turi l-awtorità jew tagħmel talba. Għalliema jaf tgħid xi ħaġa bħal, 'Oqogħdu kwieti, tfal! *Be quiet, children*!'
5. Bħala kjarifika. Wieħed jista' jispjega kunċett b'lingwa u mbagħad jirrepetih b'lingwa oħra sabiex isaħħaħ l-idea jew l-argument.

6. Biex turi ħbiberija u identità komuni, kif ukoll ix-xewqa li wieħed jibda jitqies bħala membru tal-'grupp', ngħidu aħna, grupp turisti mill-istess pajjiż lu jkunu vaganza f'pajjiż ieħor.
7. Biex tirrapporta konverżazzjoni li seħħet b'lingwa oħra. Baker jagħti l-eżempju ta' żewġ Spanjoli li jitkellmu flimkien bl-Ispanjol. Biss, meta wieħed mill-Ispanjoli jkellem lill-ieħor dwar konverżazzjoni ma' terza persuna li tkun saret bl-Ingliż, jaf ikun hemm qlib għall-Ingliż.
8. Bħala interjezzjoni jew sabiex xi ħadd jidħol fil-konverżazzjoni b'mod 'pulit' billi jinterrompi permezz tal-bidla fil-lingwa.
9. Biex titnaqqas it-tensjoni u jiżdied l-umoriżmu.
10. Minħabba d-distanza soċjali. Żewġ persuni jiltaqgħu u jitkellmu bil-lingwa tal-maġġoranza, iżda meta jsiru jafu iktar lil xulxin jaqilbu għall-varjetà reġjonali.
11. Biex wieħed jeskludi lil persuni oħra mill-konverżazzjoni, speċjalment jekk is-suġġett ikun personali.
12. Minħabba bidla fl-attitudni jew bidla fir-relazzjoni. Baker jagħti l-eżempju ta' persuni li jsellmu lil xulxin bil-lingwa tal-minoranza imma jiddiskutu n-negozju bil-lingwa tal-maġġoranza.
13. Xi suġġetti f'ċerti pajjiżi huma konnessi ma' lingwa partikolari. Baker isemmi l-eżempju ta' xi Spanjoli li meta jitkellmu dwar il-qasam finanzjarju għandhom tendenza jaqilbu mill-Ispanjol għall-Ingliż.

### 2.2.3. L-Aspett grammatikali

L-istudjużi jistudjaw il-qlib tal-kodiċi *fil*-lingwa (internament). Insibu tliet tipi ta' qlib tal-kodiċi: il-qlib ekstrasentenzjali (bl-Ingliż *extrasentential switching* jew *tag switching*), il-qlib intersentenzjali u l-qlib intrasentenzjali. Il-qlib ekstrasentenzjali jseħħ meta kelliem li jkun qed jitkellem b'lingwa partikolari juża xi fillers jew tags minn lingwa oħra. Skont Sciriha, 'hux' u 'hux hekk' huma tags li jintużaw sikwit meta persuna Maltija titkellem bl-Ingliż (119), u forsi magħhom jistgħu jiżdiedu 'ta' u 'mela'. Fi kliem Brincat, permezz ta' dawn it-tags il-kelliema donnhom ikunu qed jikkjarifikaw li, minkejja li jkunu qed jitkellmu bl-Ingliż, huma xorta Maltin (206).

Mill-banda l-oħra, il-qlib tal-kodiċi jkun intersentenzjali meta l-bidla tkun fl-aħħar tas-sentenza u allura l-kelliem jibda s-sentenza li jkun imiss b'lingwa oħra. Sciriha tagħti dan l-eżempju: *Iva jekk jogħġbok. But just a little please*, li fih il-kelliem ilissen l-ewwel sentenza bil-Malti u t-tieni waħda bl-Ingliż (120).
L-aħħar tip, l-intrasentenzjali, huwa qlib li jsir fi ħdan sentenza waħda.

Sciriha tagħti l-eżempju: *Għax il-flowers jekk ma tpoġġihomx sew ma jkunux nice* (120). Skont Bullock u Toribio, dan it-tip ta' qlib tal-kodiċi huwa l-iktar tip kumpless għaliex jagħti informazzjoni profonda dwar il-grammatika u l-istruttura tal-lingwi konċernati, kif ukoll ta' kif dawn iż-żewġ lingwi jaħdmu flimkien (3).

#### 2.2.3.1. Il-Qlib tal-kodiċi u s-self lingwistiku

Mhux dejjem faċli tagħżel il-qlib tal-kodiċi mis-self lingwistiku, il-proċess li bih element lingwistiku (bħal ħoss, kelma jew binja grammatikali) minn lingwa jidħol u jintegra f'lingwa oħra. Sabiex tipprova tispjega d-differenza bejn il-qlib tal-kodiċi u s-self lingwistiku fil-każ tal-Ispanjol u l-Ingliż, Poplack tuża l-kriterji tal-fonoloġija, il-morfoloġija u s-sintassi (584-585). Poplack tqis bħala qlib tal-kodiċi kliem Ingliż li (a) jaddatta għas-sintassi Spanjola biss imma jżomm morfoloġija u fonoloġija Ingliża; (b) jaddatta għall-fonoloġija Spanjola biss imma jżomm morfoloġija u sintassi Ingliża; jew (ċ) la jintegra fonoloġikament, la morfoloġikament u lanqas sintattikament mal-lingwa Spanjola. Mill-banda l-oħra, kliem li jintegra fil-morfoloġija, fis-sintassi u fil-fonoloġija jitqies bħala self lingwistiku.

Grosjean (308) ukoll jagħti eżempju minn persuna li titkellem bil-Franċiż u bl-Ingliż sabiex juri kif f'ċerti każijiet persuna bilingwi tista' tagħżel jew li taqleb il-kodiċi jew li tissellef kelma minn lingwa oħra:

1. *Ca m'étonnerait qu'on ait code-switched autant que ça.*
2. *Ca m'étonnerait qu'on ait code-switché autant que ça.*
   (trad. *Lanqas nista' nemmen li qlibna l-kodiċi daqstant.*)

Il-kelma *code-switch* fl-ewwel sentenza hija każ ta' qlib tal-kodiċi minħabba li l-persuna tuża terminu Ingliż, bi pronunzja Ingliża, u bil-parteċipju passat Ingliż f'sentenza bil-Franċiż. Mill-banda l-oħra, fit-tieni każ, il-persuna tuża terminu Ingliż imma bi pronunzja u inflessjoni Franċiżi, u allura tagħmel self lingwistiku, ladarba dan it-terminu jintgħaġen mal-istrutturi tal-Franċiż. Madanakollu, il-fonoloġija ma tistax torbot dejjem fuqha. Bħalma josserva Mahootian, jekk persuna jkollha aċċent tajjeb daqs kelliem nattiv, tkun diffiċli ħafna sabiex tiddetermina jekk il-persuna tkunx qed tagħmel qlib tal-kodiċi jew self lingwistiku.

## 3. L-Istudju tiegħi

### 3.1. L-Għanijiet u l-metodoloġija

L-istudju tiegħi jittratta l-qlib tal-kodiċi fil-lingwaġġ tax-xandir.

L-għanijiet prinċipali huma erbgħa: li nara (a) x'tip ta' qlib tal-kodiċi jokkorri l-aktar (intrasentenzjali, intersentenzjali u ekstrasentenzjali); (b) liema huma l-kategoriji grammatikali l-aktar soġġetti għall-qlib tal-kodiċi; (ċ) liema mill-funzjonijiet li jelenka Baker (ara 1.2.2) huma relevanti għall-Malti; u (d) jekk humiex in-nisa jew l-irġiel li jaqilbu l-kodiċi l-aktar.

Biex stajt nagħmel dan, għażilt il-programm televiżiv ta' diskussjoni *Ieqaf Għoxrin Minuta*, li fih dejjem kien ikun hemm żewġ persuni: il-preżentatriċi u mistieden jew mistiedna. Is-suġġetti jvarjaw ġmielhom: mis-saħħa tal-għadam sal-vjolenza domestika, mill-klieb gwida sal-kunjomijiet. L-ewwel pass kien li nittraskrivi bir-reqqa l-biċċiet li fihom il-kelliema jaqilbu mill-Malti għall-Ingliż biex inkun nista' nanalizzahom. Kien f'dan l-istadju li rrealizzajt li mhux kull kelma Ingliża setgħet titqies bħala qlib tal-kodiċi. Kien hemm xi kliem li kien jidher biċ-ċar li kien self, ngħidu aħna *tablet* u *interactive whiteboard* (għax, fost l-oħrajn, m'hemmx ekwivalenti bil-Malti għalihom), iżda kien hemm kliem ieħor li ma kienx ċar jekk hux każ ta' self jew ta' qlib tal-kodiċi. Kien għalhekk li użajt żewġ għodod biex jgħinuni nagħmel din id-distinzjoni.

### 3.1.1. L-Ewwel għodda: Id-dizzjunarju

Id-dizzjunarju ta' Aquilina (1987-1990) għenni sabiex nikkonferma liema kliem ta' nisel Ingliż huwa parti mill-Malti modern. Ngħidu aħna, il-fatt li kliem bħal *tiċer* u *bejbi* jingħataw minn Aquilina, jixhed li huma integrati sew fil-lingwa Maltija. Ikkonsultajt ukoll id-dizzjunarju l-konċiż ta' Aquilina li ħareġ kważi ħmistax-il sena wara d-dizzjunarju l-kbir, u allura jniżżel kliem ta' nisel Ingliż li daħal fil-Malti fid-disgħinijiet u l-bidu tas-snin elfejn. Fost il-kliem li sibt fid-dizzjunarji hemm *homework,* (Aquilina, *Concise Maltese English Dictionary* 167)*, screen* (Aquilina, *Concise Maltese English Dictionary* 346) u *player* (ta' dixxiplina sportiva) (Aquilina, *Concise Maltese English Dictionary* 279). Fid-dizzjunarju ż-żgħir sibt kliem jew tifsiriet li ma sibthomx fid-dizzjunarju l-kbir. Pereżempju, fil-*Concise* sibt *rekord* (eż. "ir-rekords tal-knisja") mhux fis-sens li tingħata fid-dizzjunarju l-kbir, li jagħti *rekord* fis-sens mużikali u fis-sens kompetittiv (Aquilina, *Maltese English Dictionary M-Z* 1203).

### 3.1.2. It-Tieni għodda: Il-kwestjonarju

Permezz tad-dizzjunarju stajt nikklassifika xi kliem bħala każi ta' self u mhux ta' qlib tal-kodiċi. Iżda fil-lista kien fadal xi kliem li, għalkemm jintuża ħafna fit-taħdit, mhux imniżżel

fid-dizzjunarju. Dan il-kliem għandu jitqies bħala qlib tal-kodiċi jew bħala parti mill-Malti li nitkellmu llum? Ħafna kliem, bħal *aware, depression* u *breakfast,* tant huwa komuni - minkejja li għandna ekwivalenti bil-Malti - li ħsibt li ma kellix inkun jien li b'mod arbitrarju niddeċiedi huwiex self jew qlib tal-kodiċi. Biex negħleb din id-diffikultà, iddeċidejt li nagħmel studju aktar sistematiku permezz ta' tlettax-il kwestjonarju.

## 3.2. It-Tfassil tal-kwestjonarju

Sabiex fassalt il-kwestjonarju, dort it-traskrizzjonijiet u slitt il-kliem dubjuż, jiġifieri dak il-kliem li mhux fid-dizzjunarji imma tant jintuża mill-kelliema tal-Malti li ma kontx ċerta li għandi nqisu qlib tal-kodiċi. Kull kelma qegħedtha f'sentenza sabiex jingħata kuntest ċar, speċjalment fil-każ ta' kelma b'aktar minn tifsira waħda. Il-maġġorparti tal-kliem kienu nomi (komuni, komposti u propji). Kien hemm ukoll aġġettivi, ftit verbi, avverbji, u ftit pronomi u prepożizzjonijiet. Iddeċidejt li nqassam il-kwestjonarji lil persuni ta' bejn it-18 u t-30 sena, kollha studenti tal-Università li huma esposti għall-Malti u għall-Ingliż.

Kull kwestjonarju fih madwar 29 sentenza u l-parteċipanti riedu jagħżlu jekk is-sentenza kinitx: (a) Kompletament aċċettabbli u naturali; (b) Aċċettabbli; (ċ) Dubjuża; (d) Mhux aċċettabbli; (e) Kompletament inaċċettabli u mhix naturali. Iddeċidejt li l-kliem kollu li jiġi mmarkat (a) u (b) mill-maġġoranza tal-parteċipanti jitqies bħala każijiet ta' self fil-Malti modern, u kliem immarkat (ċ), (d) u (e) mill-biċċa l-kbira jitqies bħala qlib tal-kodiċi.

# 4. Ir-Riżultati

## 4.1. Il-Partijiet tad-diskors

Hawn taħt nippreżenta l-partijiet tad-diskors u l-persentaġġ ta' (in)aċċettabilità tagħhom.

## 4.2. Xi riflessjonijiet

Il-parteċipanti qiesu l-espressjonijiet numerali għall-età, *(fifty six)* id-deċennji (*eighties)* u fl-għadd (eżempju *sixteen* fis-sentenza "Ħa ngħoddhom ftit ... eħe, hekk hu, *sixteen.*"). bħala aċċettabbli. Frażijiet numerali li kienu meqjusa aċċettabbli iżda b'persentaġġ anqas kienu numri f'każ ta' sekwenza, meta l-kelliem ikun ser jagħti diversi raġunijiet (*Number one... Number two...*). Frażijiet numerali li juru persentaġġi tqiesu kollha bħala aċċettabbli, minkejja li *one hundred percent* u *eighteen percent* tqiesu aċċettabbli minn 75% tal-parteċipanti, filwaqt li *ninety three percent* tqieset aċċettabbli minn 87.5% tal-parteċipanti.

**Tabella 1: Ir-Riżultati**

| Parti tad-diskors | Total tal-kliem tal-kwestjonarji | Aċċettabbli (numri) | Aċċettabbli (persentaġġ) | Mhux aċċettabbli (numri) | Mhux aċċettabbli (persentaġġ) |
|---|---|---|---|---|---|
| Nomi Komuni | 377 | 68 | 18.04% | 81 | 21.49% |
| Nomi Komposti | | 53 | 14.06% | 30 | 7.96% |
| Aġġettivi | | 19 | 5.04% | 25 | 6.63% |
| Frażi Numerali | | 12 | 3.18% | 14 | 3.71% |
| Frażijiet | | 12 | 3.18% | 32 | 8.49% |
| Nom Propji | | 4 | 1.06% | 3 | 0.80% |
| Prepożizzjonijiet | | 1 | 0.27% | 2 | 0.53% |
| Fillers | | 1 | 0.27% | 1 | 0.27% |
| Konġunzjonijiet | | 1 | 0.27% | 2 | 0.53% |
| Avverbji | | 1 | 0.27% | 1 | 0.27% |
| Verbi | | 0 | 0% | 1 | 0.27% |
| Kliem li juri enfasi | | 0 | 0% | 2 | 0.53% |
| Kliem Relatat ma' Matematika | | 0 | 0% | 1 | 0.27% |
| Pronomi | | 0 | 0% | 3 | 0.80% |
| Esklamazzjonijiet | | 0 | 0% | 2 | 0.53% |
| Parteċipji | | 0 | 0% | 5 | 1.33% |
| **Total** | | **172** | **45.62%** | **205** | **54.38%** |

Mill-banda l-oħra, dati twal bħal *nineteen seventy eight, two thousand and twelve, fourteen nineteen* tqiesu kollha bħala qlib tal-kodiċi, riżultat li ħasadni kemxejn, peress li l-anni fit-taħdit spiss jingħadu bl-Ingliż, bħan-numri tat-telefown. Jista' jkun li l-fatt li l-parteċipanti raw il-frażijiet miktuba għamel differenza, għaliex meta xi ħaġa tkun miktuba jaf tkun inqas aċċettata milli fit-taħdit, u dan għandu mnejn affettwa l-ġudizzju. Il-partiċipji kollha li tajt fil-kwestjonarji (eż. *socialised, knighted*) ġew meqjusa bħala inaċċettabbli jew bħala dubjużi. Dan ifisser li għall-parteċipanti, il-partiċipji ġejjin mill-Ingliż ma jinħassux integrati fil-Malti. L-istess ħaġa tista' tingħad għal prepożizzjonijiet (eż. *through*) u kliem ta' enfasi (eż. *again*).

## 4.3. Il-Qlib tal-kodiċi fl-episodji

**Tabella 2: It-tip tal-qlib tal-kodiċi fl-episodji**




Il-kliem kollu mmarkat bħala inaċċettabbli tqies bħala qlib tal-kodiċi. L-iktar tip ta' qlib tal-kodiċi predominanti huwa dak intrasentenzjali, għaliex fit-tnax-il episodju kien hemm 426 każ, segwit mill-qlib tal-kodiċi ekstrasentenzjali/ *tag switching* (39 każ). L-inqas tip ta' qlib tal-kodiċi preżenti huwa dak intersentenzjali: 30 każ. Minn dawn it-30 każ, f'sebgħa minnhom il-qlib kien mill-Malti għall-Ingliż, jiġifieri l-kelliema rispettivi spiċċaw is-sentenza bil-Malti u bdew oħra bl-Ingliż. Fit-23 każ l-ieħor, il-kelliema spiċċaw is-sentenza bl-Ingliż u ta' warajha bdewha bil-Malti. Għalhekk, it-total aħħari huwa 495, li jinqasmu fi tnejn: (a) 472 kelma kif deskritti hawn fuq fit-tabelli, li jinkludu l-partijiet tad-diskors Ingliżi għall-qlib tal-kodiċi intrasentenzjali (426), intersentenzjali (7), u għall-qlib tal-kodiċi ekstrasentenzjali (39); u (b) 23 każ ta' qlib tal-kodiċi intersentenzjali Malti (il-kelliem jibda s-sentenza li jkun imiss bil-Malti wara li jkun spiċċaha bl-Ingliż).

## 4.4. Il-Partijiet tad-diskors

F'Tabella 3, jidhru l-partijiet tad-diskors soġġetti għall-qlib tal-kodiċi.

**Tabella 3: Il-Partijiet tad-diskors**

| | Total minn 472 | Persentaġġ |
|---|---|---|
| Nomi Komuni<br>eż. impact | 141 | 29.87% |
| Frażijiet<br>eż. it's an enclosed space | 82 | 17.37% |
| Reġistru Speċjalizzat<br>eż. link teacher (reġistru marbut mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni) | 70 | 14.83% |
| Nomi Komposti<br>eż. policework | 40 | 8.48% |
| Aġġettivi<br>eż. medieval | 37 | 7.84% |
| Esklamazzjonijiet<br>eż. no, no! | 28 | 5.93% |
| Frażijiet Numerali<br>eż. six hundred years | 26 | 5.51% |
| Sentenzi<br>eż. they accept it, two guide dogs on the aircraft | 13 | 2.75% |
| Partiċipji<br>eż. knighted | 6 | 1.27% |
| Avverbji<br>eż. regretfully | 6 | 1.27% |
| Pronomi<br>eż. they | 5 | 1.06% |
| Kliem ta' enfasi<br>eż. definitely | 5 | 1.06% |
| Konġunzjonijiet<br>eż. so | 4 | 0.85% |
| Nomi Propji<br>eż. Norway | 3 | 0.64% |
| Prepożizzjonijiet<br>eż. through | 2 | 0.42% |
| Kliem relatat mal-matematika<br>eż. plus | 2 | 0.42% |
| Fillers<br>eż. right | 1 | 0.21% |
| Determiners<br>eż. every | 1 | 0.21% |

Fi tnax-il episodju l-kodiċi nqaleb 472 darba. Jidher l-aktar f'kelma waħda (sempliċi jew komposta), imbagħad fil-frażijiet, u finalment fis-sentenzi. L-iktar kategorija soġġetta għall-qlib tal-kodiċi ta' kelma waħda hija dik tan-nomi, li jinqasmu f'nomi komuni (29.87%), komposti (8.48%), u propji (0.64%), u għal darb'oħra hemm qbil mar-riċerka ta' Pfaff (Fi Grosjean 321-322), ta' Poplack (602-605) u ta' Romaine (125). Dawn ir-riċerkaturi jsibu li n-nomi huma aktar soġġetti għall-qlib tal-kodiċi minħabba li mhumiex daqstant ristretti sintattikament.

## 4.5. Il-Qlib tal-kodiċi u s-sess

Minn kampjun ta' tnax-il episodju, jirriżulta li l-irġiel jaqilbu l-kodiċi kemm kemm aktar min-nisa.
Minn total ta' 30 qalba tal-kodiċi intersentenzjali, 18 sar minn mistiedna rġiel u 12 minn mistiedna nisa. L-istess jista' jingħad għall-qlib ekstrasentenzjali. Filwaqt li l-irġiel jagħmluh 22 darba, in-nisa jagħmluh 17-il darba minn 39. L-unika differenza hija li, filwaqt li l-qlib ekstrasentenzjali fin-nisa kien varjat b'konġunzjonijiet *(so, once)*, fillers *(right)*, u esklamazzjonijiet *(yes, no)*, frażi *(I mean)*, u kliem ta' enfasi (*definitely, again*), fil-każ tal-irġiel kien iddominat minn *yes, no* u *I mean* biss. Barra minn hekk, l-irġiel jaqilbu bil-ħafna aktar il-kodiċi f'sentenzi sħaħ u fir-reġistru tekniku, kif jidher f'Tabella 4 hawn taħt.

**Tabella 4: Il-Partijiet tad-diskors skont is-sess**

| Il-Parti tad-diskors | L-Irġiel | In-Nisa |
|---|---|---|
| Aġġettivi | 9 | 15 |
| Avverbji | 6 | 0 |
| Determiner | 1 | 0 |
| Esklamazzjonijiet | 20 | 8 |
| Fillers | 0 | 1 |
| Frażijiet | 37 | 33 |
| Frażijiet Numerali | 14 | 9 |
| Kliem ta' enfasi | 0 | 5 |
| Kliem relatat mal-matematika | 1 | 1 |

| | | |
|---|---|---|
| Konġunzjonijiet | 0 | 4 |
| Nomi Komposti | 12 | 10 |
| Nomi Komuni | 51 | 66 |
| Nomi Propji | 2 | 1 |
| Parteċipji | 3 | 3 |
| Prepożizzjonijiet | 1 | 1 |
| Pronomi | 0 | 5 |
| Reġistru Speċjalizzat/Tekniku | 43 | 19 |
| Sentenzi | 12 | 1 |
| **Total:** | **212** | **182** |

## 4.6. Għala jinqaleb il-kodiċi?

Il-maġġoranza tal-każi ta' qlib tal-kodiċi li għamlu l-mistednin jistgħu jiġu kklassifikat f'żewġ funzjonijiet konverżazzjonali: il-qlib bħala kjarifika/ripetizzjoni jew il-qlib għall-użu ta' termini minn reġistru tekniku.

### 4.6.1. Bħala kjarifika/repetizzjoni

Mill-kampjun tiegħi ta' tnax-il episodju, ħareġ li l-iktar funzjonijiet konverżazzjonali popolari huma tal-kjarifika u tar-repetizzjoni. Ħafna drabi l-qlib sar sabiex persuna tipprova tfiehem punt, u tagħmel dan billi taqleb il-lingwa. Fl-ewwel każ hawn taħt naraw kif il-persuna tgħid kelma bl-Ingliż u tikkjarifika bil-Malti, u fit-tieni każ, il-persuna titkellem bil-Malti u tikkjarifika b-Ingliż. L-iktar partijiet tad-diskors ikkjarifikati huma n-nomi, l-aġġettivi, il-frażijiet u l-frażijiet tekniċi (marbutin ma' reġistru partikolari, eżempju tas-saħħa), filwaqt li ma kien hemm l-ebda kjarifika wara parteċipji u sentenzi sħaħ.

KR1. "Dak ifisser, ġeneralment, li n-nies ta' madwar il-persuna li għandha d-depressjoni huma stess qegħdin f'***denial***, jiġifieri **ma jistgħux jaċċettaw li din il-persuna għandha l-kundizzjoni**, owkej?"

KR2. "Meta nħolqot l-**insinwa**, dik li ngħidulha l-***public registry***". (Mit-tielet episodju)

### 4.6.2. Minħabba reġistru tekniku

Każijiet ta' kliem jew frażijiet tekniċi mill-Ingliż li ntużaw f'diskors bil-Malti jinkludu *endogenous depression, ingrowing toenail, knock knees,* (saqajn) *criss-crossed, Athlete's foot, wart, recurrent, gryphotic, corn* (kallu), *foreign body, chronic bronchitis* u *smoker's cough.* Skont Baker (88-89), dan it-tip ta' kliem huwa qlib tal-

kodiċi għaliex jagħmel ma' qasam ta' speċjalizzazzjoni marbut ma' lingwa partikolari (f'dan il-każ l-Ingliż). Madanakollu, fil-każ tal-Malti, ma nistgħux ngħidu li kull lingwaġġ tekniku huwa qlib tal-kodiċi. Ngħidu aħna, fil-kwestjonarji, il-parteċipanti ma kellhom l-ebda problema jaċċettaw il-kelma *autism* u *flat feet* bħala self Ingliż fil-Malti kontemporanju, allavolja għandna l-kelma 'awtiżmu' *u* 'saqajn ċatti', rispettivament. Fuq din l-aħħar nota nista' nżid li kien hemm xi drabi li l-mistieden ipprova jagħmel sforz biex jagħti l-verżjoni Maltija. Ngħidu aħna, il-mistiedna tagħti 'difer ġol-laħam' għal *ingrowing toenail*, u fil-ħames episodju tintuża 'bronkite kronika' għal *chronic bronchitis*.

## 5. Għeluq

Minn dan l-istudju joħorġu tliet osservazzjonijiet ewlenin. L-ewwel nett, l-iktar tip ta' qlib tal-kodiċi komuni huwa l-intrasentenzjali, u l-partijiet tad-diskors l-iktar soġġetti għall-qlib tal-kodiċi huma n-nomi. It-tieni, ħafna drabi l-kelliema jaqilbu mill-Malti għall-Ingliż fl-istess tlissina biex jikkjarifikaw xi kelma jew meta jużaw kelma minn reġistru tekniku. It-tielet, jidher li l-irġiel jaqilbu l-kodiċi ħarira aktar min-nisa. Il-qlib tal-kodiċi ekstrasentenzjali fin-nisa huwa varjat b'konġunzjonijiet (*so, once*), fillers (*right*) u esklamazzjonijiet (*yes, no*), fost l-oħrajn, filwaqt li fl-irġiel hu ddominat minn *yes, no* u *I mean* biss.

# 6. Biblijografija


Aikio, Marjut. "Are women innovators in the shift to a second language? A case study of Reindeer Sàmi women and men." International journal of the study of languages, vol. 94, nru1, 1992, pp. 43-62. https://doi.org/10.1515/ijsl.1992.94.43. Aċċessat Ottubru 2018.

Aquilina, Joseph. *Concise Maltese-English, English-Maltese Dictionary*. Midsea Books, 2006.

--. *Maltese-English Dictionary : Vol. 1 A-L*. 1987.

--. *Maltese-English Dictionary : Vol. 2 M-Z and Addenda*. 1987.

Baker, Colin. *Foundations of Bilingual Education and Bilingualism Matters*, 1996.

Blom, Jan-Petter, u John J. Gumperz. "Social Meaning in Linguistic Structures: Code-Switching in Norway." *Directions in Sociolinguistics: The Ethnography of Communication*, editjat minn John Gumperz u Dell Hymes, Basil Blackwell, 1986, pp. 407-434.

Bullock, Barbara E., u Almeida Jaqcueline Toribio. "Themes in the study of code-switching." The Cambridge Handbook of Linguistic Code-switching, editjat minn Barbara E. Bullock u Almeida Jacqueline Toribio, Cambridge University Press, 2009, pp. 1-17.

Calleja, Amy. *Il-Qlib tal-Kodiċi fil-Lingwaġġ tax-Xandir*. 2019. Teżina tal-B.A. (Unuri) fil-Malti.

Chesire, Jenny, u Penelope Gardner Chloros. "Code-switching and the sociolinguistic gender pattern." *International Journal of the Sociology of Language*, vol.129, no.1, pp.5-34, https://doi.org/10.1515/ijsl.1998.129.5.

Gardner Chloros, Penelope. *Code-switching*. Cambridge University Press, 2009.

Grosjean, François. *Life with Two Languages: An Introduction to Bilingualism*. Harvard University Press, 1982.

Poplack, Shana. "Sometimes I'll start a sentence in Spanish y termino en español": toward a typology of code-switching."*Linguistics*, vol. 18, no.7/8, 1980, pp.581-618, https://www.degruyter.com/view/j/ling.2013.51.issue-jubilee/ling-2013-0039ad.pdf. Aċċessat Settembru 2018.

Romaine, Suzanne. *Bilingualism*. Basil Blackwell, 1989.

Sciriha Lydia, u Mario Vassallo. *Living Languages in Malta*. Print It Printing Services, 2006.

# Xejriet Rettoriċi f' *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*

Student:
Stepheon Camilleri

Tutur:
Prof. Arnold Cassola

## 1. Daħla

Fi żmien maħkum mill-qilla politika tas-sebgħinijiet u t-tmeninijiet f'Malta, kien jenħtieġ li l-irjus taż-żewġ partiti ewlenin Maltin iwasslu l-ideoloġija tagħhom permezz ta' diskorsi pubbliċi mirquma b'teknika u mekkaniżmi rettoriċi bl-għan li jipperswadu lis-semmiegħa. *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* huwa turija ta' korla nazzjonali f'soċjetà li taf biss blu jew aħmar. L-awtur jittrasmetti dan l-antagoniżmu f'ambjent distopiku b'personaġġi li jinsabu f'taqtigħa eżistenzjali kif ukoll f'kunflitti mal-karattri superjuri tagħhom. L-għan tiegħi hu li nistħarreġ ix-xejriet rettoriċi ta' dawn il-personaġġi kif jixirfu fl-attitudnijiet, l-imġiba u d-diskorsi tagħhom, b'ħarsa aktar fil-fond lejn il-protagonista tar-rumanz, Karlu Manju. Saħħaħt l-analiżi tiegħi b'referenzi għal xogħlijiet Klassiċi ta' filosfi differenti; fosthom Aristotli, Ċiċerun u Djoġene b'referenza għal studji aktar riċenti dwarhom.

## 2. Elementi Alluživi f'*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*

Kif stqarr Friggieri fid-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, l-*allużjoni* hija "riferiment għal persuna, idea jew ħaġa magħrufa" (Friggieri, s.v. allużjoni). L-awtur jinqeda b'din it-teknika rettorika biex jistabilixxi l-ideoloġija, it-twemmin u l-atmosfera tal-karattri ewlenin tar-rumanz. Dan għaliex, diskors ta' figura politika huwa msawwar minn ideoloġiji li jħaddan il-partit li jagħmel parti minnu l-kelliem u għalhekk is-semmiegħ jistenna naħa politika jew ideoloġija partikolari fid-diskors tal-oratur. Mill-banda l-oħra, il-qarrej tar-rumanz ma jistax jippresupponi l-għanijiet u l-ħsibijiet ta' personaġġi li qatt ma eżistew minkejja l-element ta' intertestwalità misjub fihom. Minħabba f'hekk, l-awtur jalludi għall-filosofija ta' Djoġene, iċ-Ċiniżmu. L-awtur jibni l-karattru ta' Karlu Manju f'wieħed li jħaddan il-filosofija tal-bniedem ċiniku u għalhekk jiddistingwih mill-bqija tas-soċjetà, kif tidher fir-rumanz. Analiżi xierqa ta' Karlu Manju twassal biex wieħed jagħraf ċerti paraguni u riferimenti storiċi lejn Djoġene u l-ħajja tiegħu skont il-bijografija *Lives and Opinions of Eminent Philosophers* tal-filosfu Grieg, Laertius. Il-paraguni li joħorġu bejn il-protagonist tar-rumanz u Djoġene jimmotivaw l-idea ta' kunflitt li toħroġ mill-pessimiżmu taċ-Ċiniżmu.

Il-ksur tal-valuri ewlenin tal-ħajja u ċ-ċaħda tad-drawwiet tas-soċjetà jikkaratterizzaw lil Karlu Manju bħala l-bniedem singulari, il-wieħed f'soċjetà oppressa u l-għarib f'pajjiżu stess. Dawn il-karatteristiċi ribellużi u ċiniċi tal-protagonist huma stqarrija favur l-antierojiżmu tiegħu. Għalkemm l-awtur jalludi għal Djoġene fil-mod ta' għajxien u twemmin tal-karattru ewlieni tar-rumanz, kien jeħtieġ li jifred il-karatteristiċi l-aktar grotteski tal-filosfu minn Karlu Manju. Minħabba f'hekk, l-allużjoni ta' Djoġene hija mifruda f'żewġ entitajiet: il-protesta intellettwali u l-aġir annimalesk. Fil-fatt, Karlu Manju jiret l-ideoloġija tal-bniedem Ċiniku filwaqt li l-aġir primittiv jirtu l-kelb tiegħu, Ċerbru. Din l-għażla hija essenzjali għax l-allużjoni tintuża biex tagħti prominenza lis-suġġett mingħajr ma ġġiegħel lill-udjenza titlef l-iskop prinċipali tal-argument. F'każ li l-karatteristiċi annimaleski wirithom Karlu Manju l-iskop tal-allużjoni seta' jkun ta' ħsara għall-karattru tal-protagonist.

Hershinow jistqarr li l-aġir ta' Djoġene kien nissel kemm ammirazzjoni kif ukoll kritika minn soċjetà li tqażżitu (807). Dawn is-sentimenti jħosshom ukoll Karlu Manju, meta jħabbatha mal-kritika tal-kbarat filwaqt li jiġbor warajh individwi li emmnu fir-rettorika tiegħu. Huwa rilevanti

l-fatt li għalkemm Karlu mhuwiex annimalesk għall-aħħar, ċerti manjieri tiegħu jirithom f'forma differenti u elevata. Filwaqt li Djoġene kien jobżoq lil dawk li kienu juruh stmerrija, l-istess il-protagonist jitfa' lil dawk li jmaqdruh f'pożizzjonijiet skomdi u goffi billi jegħlibhom bl-orazzjoni u l-mod rettoriku tiegħu għax in-nies mhumiex kapaċi jlaħħqu ma' ħsbijietu. Il-beżqa ta' Karlu hija waħda ta' stil għoli, għax mhix waħda li tħammeġ u ddellek iżda waħda li ġġiegħlek taħseb, tistaqsi u tfittex għal tweġibiet f'sistema fejn kollox huwa aċċettat b'għajnejn magħluqa.

L-allużjoni tinsab ukoll fil-mod kif it-tfal tal-ispettur jitgħallmu jew jaddottaw it-tagħlim ta' Karlu Manju. L-ispettur huwa personaġġ b'fatturi Makjavelliċi għax jimponi fuq il-wieħed li jesprimi d-dritt tal-espressjoni jew li jiddubita mir-regoli staġnati u fissi. Bħal Djoġene, Karlu Manju fiżikament isib ruħu priġunier wara li jintbagħat f'ċella mill-ispettur, iżda xorta waħda ma jonqosx milli jesprimi l-forza tiegħu permezz tal-ideat. Bħalma Djoġene ħa ħsieb jgħallem it-tfal tas-sid tiegħu, l-istess Karlu Manju, għalkemm mhux b'mod dirett, jinfluwenza lit-tfal tal-ispettur hekk kif it-tfal tiegħu jaddottaw il-ħsieb elevat ta' Karlu Manju, tant li jmorru kontra l-indottrinazzjoni ta' missierhom.

Friggieri jalludi wkoll għaż-żjara li għamel Alessandru l-Kbir lil Djoġene. Għal darb'oħra, f'dan l-episodju naraw element allużiv fid-differenza tal-ġerarkija soċjali bejniethom li hija riflessa wkoll f'Karlu Manju u l-kumplament tal-personaġġi mexxejja. Iż-żjara li għamel Alessandru kienet waħda mimlija b'ironija li tirrifletti d-djalogi ta' bejn Karlu Manju u l-personaġġi mexxejja bħall-ispettur, l-onorevoli Rodomonte u l-kuntistabbli. F'*Lives and Opinions of Eminent Philosophers*, Laertius jirrakkonta l-episodju ta' bejn Djoġene u Alessandru l-Kbir. F'din il-ġrajja, Alessandru jistqarr ma' Djoġene li, li kieku kellu jitwieled bħala bniedem ieħor, kien jixtieq ikun Djoġene. Mill-banda l-oħra, b'ton kemxejn ironiku Djoġene sostna li, li kieku kellu jitwieled bħala bniedem ieħor, xorta waħda xtaq li jkun Djoġene. Il-punt prinċipali tal-avveniment imsemmi bejn Djoġene u Alessandru l-Kbir huwa l-apprezzament li juri dak li jmexxi lejn il-persuna inferjuri. Fir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, Friggieri jalludi għal dan l-episodju permezz ta' Karlu Manju, li bil-kapaċità oratorja tiegħu jinfluwenza lin-nies ta' madwaru. Saħansitra, l-istess karattri li jaqfluh f'ċella jaslu biex japprezzaw il-filosofija u l-ideoloġija ta' Karlu Manju u jispiċċaw jissieħbu miegħu.

## 3. Riflessi Aristoteliċi

Għal Aristotli, ir-rettorika tifrex il-funzjoni tal-persważjoni f'oqsma differenti b'mod inġenerali (Kennedy 38). F'*Rhetoric,* Aristotli jistħarreġ tliet *pisteis* ewlenin; l-*ethos*, il-*pathos* u l-*logos*. Fid-diskorsi pubbliċi u d-djalogi ta' bejn il-personaġġi tar-rumanz, dawn it-tliet modi ta' persważjoni huma applikati skont l-esiġenza tal-karattru.

Ngħidu aħna, minħabba l-pożizzjoni antierojka ta' Karlu Manju fis-soċjetà, il-protagonista għandu l-ħtieġa li jsaħħaħ il-kredibilità tiegħu minħabba l-qagħda ħażina li tinsab fiha. Għal din ir-raġuni, l-*ethos* ta' Karlu Manju huwa dgħajjef u b'hekk fid-diskorsi tiegħu jeħtieġ li jsaħħaħ u jeleva l-prestiġju tal-karattru tiegħu biex in-nies jisimgħuh. Il-fraġilità tal-karattru ta' Karlu Manju f'għajn l-udjenza hija prodott tal-element Ċiniku li jaħkem il-karattru tiegħu. Dan għaliex, it-twemmin Ċiniku ta' Karlu Manju jifirdu mill-kollettività u mis-sens ta' komunità. Minħabba f'hekk il-protagonist mhux dejjem jirnexxilu jipperswadi jew jikkonvinċi lill-udjenza minnufih, għax tiddubita hi mill-kredibilità tiegħu.

Xhieda ta' dan huwa l-ewwel diskors pubbliku li Karlu Manju jagħmel quddiem udjenza ta' folla partiġġjana li tinġabar madwaru wara li jlissen diskors politiku. Mill-ewwel reazzjonijiet, l-udjenza turi li ma tiffavorihx u mill-bidu tibda tiddubita mill-kredibilità tiegħu. Din l-inċertezza tidher mill-mistoqsija immedjata li bdiet tidwi minn fuq fomm ir-raħlin li nġemgħu madwaru, "Ta' liema partit hu dan?" (Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* 84). B'mod immedjat, Karlu Manju jindirizza lill-ġemgħa b'mistoqsija rettorika u jsejħilhom tfal. Għalkemm dan jista' jidher bħala insult jew tgħajjira, Karlu Manju jokkupa rwol ta' missier li qiegħed jindirizza lit-tfal tiegħu f'waqtiet ta' ċanfir. Dan ma jagħmlux b'sens ta' superjorità iżda jagħmlu bi skop li jikseb l-irwol ta' għalliem u b'hekk isaħħaħ il-kredibilità tiegħu u fl-istess waqt iħeġġeġ lin-nies jisimgħu d-diskors. Permezz tar-rwol didattiku tiegħu, Karlu Manju jqanqal dubju dwar l-ethos tal-mexxejja tal-partiti tagħhom u dan idgħajjef il-fiduċja tas-soċjetà fil-mexxejja tagħha. Barra minn hekk, fir-rettorika tiegħu, Karlu Manju jtaffi s-saħħa tal-karattru tal-mexxejja billi joħroġ distinzjoni bejn is-soċjetà bħala poplu wieħed u l-kbarat bħala mexxejja Makjavelliċi. Dan jiksbu billi jindirizza lill-udjenza fit-tieni persuna, 'intom', filwaqt li jirreferi għall-kbarat u l-karattri mexxejja fit-tielet persuna, 'huma'.

L-awtorità tal-protagonist tieħu xejra oħra aktar 'il quddiem fid-diskors

tiegħu billi jistqarr li ma jagħmilx parti mill-partit tal-kotra iżda qiegħed jitkellem f'isimhom bħala poplu wieħed magħqud. Dan id-diskors iwassal biex jeskludi 'l-kbarat u fl-istess waqt jgħaqqad lilu nnifsu magħhom. Biex jilħaq livell għoli ta' kredibilità, Karlu Manju jintefa' f'moviment awtorevoli billi jitla' għal-livell ta' għalliem iżda jerġa' jinżel għal-livell komuni tal-kotra. Apparti l-kredibilità, Karlu Manju juri li l-għan tiegħu huwa li jikseb il-verità u mhux li jqarraq bin-nies ta' quddiemu.

L-oratur ma jirnexxilux jipperswadi 'l-kotra, u minn barra jidher li ħareġ tellief. Madankollu, dan id-diskors qawwi nibbet id-dubju fl-imħuħ tal-folla minħabba li kien diskors imsawwar b'teknika rettorika. Saħansitra, il-ħila rettorika tad-diskors pubbliku jaffermaha Indrì, wieħed mill-klikka, li ammetta l-impatt qawwi li ħalla d-diskors tiegħu fuq in-nies.

F'diskors pubbliku, l-oratur għandu l-ħtieġa li jqanqal l-emozzjonijiet mill-udjenza tiegħu. Dan il-fattur rettoriku jagħti element psikoloġiku lill-pathos għax l-individwu li jipperswadi jrid jiżen l-istat emottiv tal-udjenza jew "l-intelliġenza emozzjonali" tagħha (Ulku 192). Fir-rumanz mistħarreġ, il-karattri mexxejja jqanqlu element ta' biża' biex jinfluwenzaw u jipperswadu l-udjenza tagħhom. Huma konxji tal-kundizzjoni antidemokratika tas-soċjetà tagħhom u għalhekk jilagħbu l-logħba tal-uniformijiet biex jimponu r-rettorika tagħhom fuq ħaddieħor. Permezz ta' dawn l-appelli, il-karattri mexxejja jippruvaw inisslu ansjetà fil-protagonist. L-ansjetà hija waħda minn tliet emozzjonijiet prinċipali u sservi ta' iperonimu għal emozzjonijiet bħall-biża' u l-inkwiet (Stucki u Sager 379). Madankollu, is-suċċess rettoriku fit-tqanqil ta' dawn l-emozzjonijiet jiddependi mill-udjenza kif ukoll mill-ethos tal-kelliem (Perloff 387). Barra minn hekk, il-kapaċità li wieħed ma jiġix influwenzat mit-theddid tal-kelliem hija xhieda ta' kunfidenza għolja (Ulku 197). Din il-kunfidenza tidher fil-karattru tal-protagonist fil-mod ta' kif jaġixxi meta jsib ruħu f'kunflitt mal-karattri mexxejja. Ngħidu aħna, fir-rumanz ta' Friggieri, il-kuntistabbli jappella għall-emozzjoni tal-protagonist billi jipprova jqanqal biża' fih permezz tat-theddid li se jieħdu l-għassa (133). It-theddida tal-kuntistabbli tingħad biex irażżan it-tmaqdir ta' Karlu Manju fil-konfront tal-kbarat. Madankollu, it-tentattiv tiegħu ma jirnexxix. Din ir-relazzjoni iebsa ta' theddid bejn il-protagonist u l-mexxejja hija rikorrenti fir-rumanz. Hija evidenti wkoll bejn il-karattri mexxejja stess, bħal ngħidu aħna il-konfront bejn is-sur Tigellino u l-onorevoli Rodomonte kkaratterizzat minn teatralità esaġerata fit-tlestija tar-rapport. Ironikament, huma dawn

il-karattri li jintimidaw ruħhom fil-konfront tas-superjuri tagħhom.

Il-mekkaniżmu tal-logos huwa meqjus bħala l-aktar mekkaniżmu li jġorr kwalitajiet ta' utilità minħabba li l-kelliem ikun qiegħed jippreżenta argumenti bbażati fuq ir-raġuni, l-evidenza u provi empiriċi (Gottweis 243). Huwa l-ogħla mekkaniżmu ta' persważjoni għax jinqeda l-aktar fuq l-abbiltajiet intellettwali tal-kelliem u s-semmiegħ (Wròbel 409). Dan il-mekkaniżmu jidher b'mod ċar fl-ittra li Karlu Manju jibgħat lill-Parlament. Fil-fatt, huwa jsostni li l-argumenti tiegħu huma bbażati fuq il-preżent li ra, għex u esperjenza bħala ċittadin komuni. Barra minn hekk, jirrifjuta milli jirreferi għall-imgħoddi u l-ġejjieni għax jistqarr li mhuwiex "storiku" u lanqas "profeta" (Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* 245). F'din id-daħla, il-kelliem qiegħed jirriġetta l-implikazzjoni li d-diskors tiegħu huwa biss ipoteżi ta' soċjetà ideali mingħajr evidenza empirika, anzi jistqarr li l-argumenti tiegħu huma mlaħħmin mit-tiġrib personali tiegħu. Madankollu, xejra li xxekkel l-insistenza tal-logos fl-argumenti ta' Karlu Manju hija l-użu kontinwu ta' diskors metaforiku. Dan għaliex, biex Karlu Manju jipperswadi 'l-udjenza, kellu l-ħtieġa li jistabilixxi l-karattru tiegħu kif ukoll li jqanqal lis-semmiegħa.

## 4. Paraguni rettoriċi u d-diskorsi ta' Ċiċerun

Bħal Aristotli, Ċiċerun jappella għat-tliet appelli ta' persważjoni, l-*ethos*, il-*pathos* u l-*logos*. Minkejja l-użu tal-istess terminoloġija, Ċiċerun jagħti xejriet aktar kumplessi lit-tliet *pisteis* li jirriflettu d-diskorsi ta' Karlu Manju.

Għal Ċiċerun, biex il-karattru tal-kelliem ikun wieħed awtorevoli u konvinċenti jenħtieġ li dan joħroġ kemm mill-kapaċità tal-oratorija tal-kelliem kif ukoll minn aspetti esterni bħal dawk morali u soċjali (Kapust u Schwarze 101). Ngħidu aħna, il-karattri mexxejja għandhom titli li jelevawhom mill-bqija tal-poplu għax għandhom konnotazzjonijiet ta' prestiġju u superjorità. Pereżempju, Rodomonte, Petronio u Seiano huma l-onorevoli, Tigellino huwa s-sur, u dak li jagħti l-ordnijiet lill-pulizija huwa l-ispettur. Mill-banda l-oħra, Karlu Manju huwa bniedem sempliċi. Huwa bniedem 'komuni' f'għajn is-soċjetà u minħabba f'hekk il-karattru tiegħu ma jagħtihx id-dritt li jinstema' bħall-karattri mexxejja. Barra minn hekk, mhuwiex magħruf mas-soċjetà u wisq anqas konformi mal-valuri soċjali tagħha b'konsegwenza li tixxekkel il-possibbiltà li l-protagonist jinstema' u jipperswadi għax il-poplu ma jistax jirrelata miegħu. Minħabba dan in-nuqqas, Karlu Manju ma jiksibx rebħa rettorika fl-ewwel diskors pubbliku tiegħu.

Il-karattru tal-oratur huwa importanti biex jiġi mismugħ. Madankollu, Ċiċerun jisħaq li biex il-kelliem pubbliku jipperswadi jinħtieġ li hu stess iħoss l-emozzjonijiet u s-sensazzjonijiet li qiegħed jipprova jqanqal fl-udjenza tiegħu (Kapust u Schwarze 103). Din l-istqarrija turi li Ċiċerun iqabbel it-teknika tal-*pathos* mat-tisħiħ tal-*ethos*, jiġifieri l-emozzjoni mal-karattru personali tal-kelliem. F'*On the Ideal Orator*, Ċiċerun isostni li s-semmiegħ ma jistax jiġi mqanqal mir-rettorika tal-oratur jekk l-oratur stess ma jħossx l-istess emozzjonijiet li jrid iqanqal fil-kelliema tiegħu. Saħansitra, jenħtieġ li d-diskors jingħad b'emozzjoni profonda, ġenwina u passjonali. Dan il-livell għoli u emottiv huwa preżenti fir-rettorika ta' Karlu Manju. Dun Benjamin stess iħoss il-passjoni tal-kelliem u jieħu gost jisimgħu, iżda l-pożizzjoni tiegħu ta' ekkleżjastiku twasslu biex ma jiħux pożizzjoni attiva minkejja din il-ġibda lejn dan is-sentiment sovversiv. Biss hu jistqarr li kliem Karlu Manju "fih iż-żerriegħa ta' rivoluzzjoni" mibni fuq "il-blat ta' rieda sħiħa u mhux fuq l-opportuniżmu" (Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* 75). Din il-kwotazzjoni turi li Dun Benjamin tqanqal mill-onestà tal-oratur għax ħass element ġenwin u profond fid-diskors tiegħu. Saħansitra, il-ħsibijiet passjonali tal-protagonist ma jżommux lil Karlu Manju milli jsikket lilu nnifsu u kliemu jibda joħroġ bħal "ġelgul ilma" (83).

Fir-rumanz, Karlu Manju jaddotta t-tekniki rettoriċi li ħaddem Ċiċerun f'*L-Ewwel Diskors Katilinjan*. Dan id-diskors huwa mżewwaq bil-kunċett tar-rettorika tat-terrur. Ċiċerun inqeda b'din ir-rettorika biex jikxef il-konfoffa ta' Katilina kontra l-gvern Ruman (Potter 146). Huwa saħħaħ id-diskors tiegħu b'erba' prinċipji ewlenin, skont il-kategorizzazzjoni ta' Zarefsky.

L-ewwel prinċipju huwa magħruf bħala l-framing, jiġifieri t-tqabbil bejn attakk jew tip ta' vjolenza li saret ma' attakk storiku. Fid-diskors tiegħu, il-protagonist jagħmel referenza għal popli jew imperi differenti mqabbla mal-mexxejja ta' żmienu. Dan jagħmlu bħala stqarrija li turi li l-ħżunija u l-ħruxija li imponew il-ħakkiema preċedenti kienu se jiġu ripetuti mill-mexxejja ta' fuqu u tas-soċjetà ta' żmienu. Bħalma Ċiċerun iqabbel lil Katilina ma' C. Gracchus u l-bqija, Karlu Manju jqabbel 'l-onorevoli mal-Kavallieri u l-Gvernaturi li ħakmu lil Malta fiż-żminijiet ta' qabel. Permezz ta' din it-teknika, Karlu Manju jagħti xejriet imperjali lill-mexxejja 'demokratiċi' tal-poplu Malti bl-għan li jtebba' l-karattru ta' dawk li jmexxu. Teknika oħra fir-rettorika tar-rumanz ta' Friggieri li tidwi r-rettorika Ċiċeronjana hija s-sitwazzjoni

tal-*Manichean*. Din tidher fl-abbiltà tal-protagonist li jagħraf żewġ forzi antitetiċi; ir-rieda tajba tiegħu kontra l-vizzju tal-gvern. L-ambjent duwali ta' Ċiċerun huwa miksub bl-istess approċċ li jieħu Karlu Manju fl-ittra li kien bagħat għax jagħmel enfażi fuq il-kospirazzjoni tal-gvern li qiegħed iniżżel lis-soċjetà f'post baxx ta' sudditanza. Karlu Manju jibda b'ton assertiv ta' indirizz li jqanqal sens ta' ġudizzju mill-kelliem għal fuq is-semmiegħ. Barra minn hekk, l-element stilistiku ta' Ċiċerun huwa rifless fl-użu tal-ewwel persuna kontra t-tieni persuna. Ngħidu aħna, "il-gżira xiħa tagħkom" f'kunflitt mal-"gżira żagħżugħa tagħna" (Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* 245). Saħansitra, Karlu Manju jikteb l-ewwel u t-tieni persuna plural "(aħna)" u "(intom)" fil-parentesi biex jenfasizza d-dikotomija ta' bejniethom (246). Huwa jagħlaq id-diskors bl-istqarrija "intom m'intomx aħna" (252). Permezz ta' din it-teknika, Karlu Manju joħroġ l-effett ta' żewġ entitajiet opposti mingħajr lok għal pożizzjoni medja jew newtrali. B'kuntrast mar-rettorika ta' Ċiċerun f'*L-Ewwel diskors Katilinjan*, il-protagonist tar-rumanz ta' Friggieri ma jappellax għall-qawwa divina fid-diskors pubbliku jew fl-ittra indirizzata lill-parlament. Waħda mir-raġunijiet għal din l-għażla hija l-istil tal-protagonist ribell u mnikket tar-rumanz modern li jirrifletti l-ħakma tal-ekkleżjastiċi fuq is-soċjetà Maltija (Azzopardi 37). Il-protagonist tar-rumanz jaspira għal Malta li mhix maħnuqa mill-ħakma politika u reliġjuża u jasal biex jirribella kontriha (37). Barra minn hekk, ir-rumanz modern huwa kkaratterizzat minn kultura sekulari li tissostitwixxi d-dominanza reliġjuża misjuba fir-rumanzi storiċi (Sambrooke 2017). L-aħħar prinċipju jinsisti fuq il-pass li jmiss, fuq dak li għandu jseħħ, jiġifieri kif il-poplu għandu jirreaġixxi. Fil-fatt, matul l-ittra l-protagonist jinsisti fuq dak li għandu jsir wara li kixef il-ħżunija u l-attitudni dittatorjali li l-gvern impona fuq il-poplu. B'mod sempliċi, konċiż u dirett, Karlu Manju jistqarr li l-kbarat għandhom iwarrbu bħala turija ta' sfiduċja fil-gvern imperjali tagħhom.

## 5. Konklużjoni

Bosta fatturi u problemi politiċi, soċjali u reliġjużi huma mistħarrġa f'*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. Madankollu, hija l-ħila u l-kapaċità rettorika tal-protagonist li jqegħduh f'pożizzjoni li jattakka u jegħleb is-saram li jaħkem u joħnoq is-soċjetà ta' madwaru. L-utilità tal-element alluživ tal-karattri kemm minuri kif ukoll maġġuri, għen biex iperreċ l-ideoloġiji mistura, speċjalment tal-personaġġi li jokkupaw l-ogħla postijiet fil-ġerarkija tas-soċjetà tagħhom.

Ħarsa lejn il-fatturi esterni tar-rumanz modern urew kif is-singularità tal-individwu serviet ta' xkiel għall-protagonist antieroj li kellu l-għan li jipperswadi udjenza li ddubitat mill-*ethos* tiegħu. Evalwazzjoni tal-livell intellettwali tal-udjenza wasslet għall-konklużjoni li t-tqanqil tal-emozzjonijiet tal-udjenza (*pathos*), flimkien mal-karattru popolari u b'saħħtu (*ethos*) tal-kelliem, kienu bżonnjużi biex jintlaħaq l-għan ewlieni tar-rettorika, jiġifieri l-persważjoni.

## Biblijografija


Azzopardi, Carmel. *In-Narrattiva: Xejriet Ewlenin Tal-Protagonista*, 1992.

Demirdogen, Ulku. "The Roots of Research in (Political) Persuasion: Ethos, Pathos, Logos and the Yale Studies of Persuasive Communications." *International Journal of Social Inquiry*, vol. 3, nru 1, 2010, p. 189.

"Diogenes Laertius, *Lives and Opinions of Eminent Philosophers* R.D. Hicks, Ed." Diogenes Laertius, Lives of Eminent Philosophers, BOOK VI, Chapter 2. DIOGENES (404-323 B.C.),

www.perseus.tufts.edu/hopper/text?doc=Perseus%3Atext%3A1999.01.0258%3Abook%3D6%3Achapter%3D2.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. Klabb Kotba Maltin, 2010.

---. *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*. Mireva Publications, 2003.

Gottweis, Herbert. "17 Rhetoric in Policy Making: Between Logos, Ethos, and Pathos." Gottweis, Herbett. *Handbook of public policy analysis*, 2007, pp. 237.

Hershinow, David. "Diogenes the Cynic and Shakespeare's Bitter Fool: The Politics and Aesthetics of Free Speech." *Criticism: A Quarterly for Literature and the Arts*, vol. 56, nru 4, 2014, pp. 807-835.

Kapust, D., u Schwarze, M (2016). The rhetoric of sincerity: Cicero and smith on propriety and political context. *American Political Science Review*, 110(1), 100-111.

Kennedy, George A. *Aristotle*. It-2ni ed., Oxford University Press, 2007, pp. 37- 156.

Perloff, Richard M. *The Dynamics of Persuasion Communication and Attitudes in the 21st Century*. Is-6tt ed., Routledge, Taylor & Francis Group, 2017, pp. 385-408.

Potter, Franklin H. "The Date of Cicero's First Oration against Catiline." *The Classical Journal*, vol. 21, nru 3, 1925, pp. 164-176.

Sambrooke, Jerilyn. "Secularism, Religion and the 20th/21st Century Novel." *Literature Compass*, vol. 15, nru 1, 2017.

Stucki, Iris, u Fritz Sage. "Aristotelian Framing: Logos, Ethos, Pathos and the Use of Evidence in Policy Frames." *Policy Sciences*, vol. 51, nru 3, 2018, pp. 373-385.

Wróbel, Szymon. "Logos, Ethos, Pathos. Classical Rhetoric Revisited." *Polish Sociological Review*, nru 191, 2015, pp. 401-421.

# Il-Laqam Personali

## Analiżi Lingwistika

Studenta:
Abigail Deguara

Tutur:
Dr Michael Spagnol

# 1. Daħla

F'dan l-artiklu nistħarreġ il-binja morfosintattika ta' numru ta' laqmijiet personali Maltin, ħafna minnhom meħudin mir-reġistru elettorali tal-1947. Fl-analiżi nħares lejn elementi formali fil-laqmijiet, bħall-artiklu jew il-prepożizzjoni *ta',* li normalment jieħdu fil-bidu, u l-kategoriji grammatikali li jaqgħu taħthom. Fi kliem ieħor, f'dan l-istudju niffoka fuq laqmijiet b'komponenti lessikali li jistgħu jiġu analizzati u kklassifikati skont għadd ta' kriterji lingwistiċi.

## 2. X'inhu l-laqam

Skont Kennedy, il-laqam hu "nom propju li jirreferi għal xi individwu u li jvarja (imqar bi ftit) fl-istruttura mill-isem formali assoċjat ma' dak l-individwu" (652). Dan ifisser illi anke forom qosra mnisslin mill-isem jew mill-kunjom jitqiesu laqmijiet. Kennedy jgħid li ħafna drabi l-laqam jinħoloq għall-kumdità, u għalhekk jargumenta li l-konċiżjoni għandha tkun waħda mill-karatteristiċi tiegħu (667). Madankollu, jidher li ħafna nies jippreferu laqmijiet kreattivi, li kultant ikunu twal, għax jiddeskrivu lill-persuna li titlaqqam aħjar (Kennedy u Zamuner 392).

## 3. Xi nkiteb dwar il-laqmijiet Maltin

L-istudjużi Maltin jitkellmu dwar tipi differenti ta' laqmijiet. Ngħidu aħna, Bonelli jsemmi l-laqmijiet li jingħataw lill-komunitajiet Maltin fl-irħula u l-ibliet, bħal *Tal-Ħama* għall-Bormliżi u *Ta' Ċaċu* għal tal-Isla (35-36). Cassar Pullicino jelenka wkoll xi laqmijiet tal-komunitajiet Għawdxin, bħal *Tal-M'hemmix* jew *Il-Maltin* għal tan-Nadur ("Bejn raħal u laqam" 26), u jagħti xi għanjiet tradizzjonali li jsemmu wħud minnhom, bħal din li ġejja:

Ta' Ħ'Attard **is-Saraċini**
Ta' Ħal Lija n-nies **Twajbin**;
**Sakranazzi** l-Qriema kollha
**Ħallelin** iż-Żebbuġin
(Cassar Pullicino, "Bejn Raħal u Laqam" 24).

F'artiklu ieħor, Cassar Pullicino jsemmi l-laqmijiet tal-baned, tal-futbol u tal-politika, bħal *Tal-Agħma* għall-Banda Duke of Connaught f'Birkirkara, *Il-Ħallelin*, il-laqam tal-plejers Bormliżi, u *Tal-Buttuna*, il-laqam tal-Partit Kostituzzjonali ("Social Aspects" 91-93). Anke Agius jagħti xi laqmijiet ta' rħula, baned, partiti politiċi u partitarji tal-futbol, imma magħhom iżid il-laqmijiet li jingħataw in-numri fit-tombla, pereżempju *Tad-Diżgrazzji* għas-sbatax u *Is-Sorijiet Għarkupptejhom* għat-tnejn u għoxrin (206).

Xi riċerkaturi Maltin jagħtu informazzjoni storika dwar il-laqam. Scerri jgħid li l-kelma *laqam* ġejja min-nom *laqab* fl-Għarbi, li jfisser karatteristika tal-individwu jew kunjom (4). Fil-fatt huma ħafna dawk li jitkellmu dwar in-nisel ta' xi kunjomijiet mil-laqmijiet (Preca 639-640; Cassar Pullicino, "Social Aspects" 68; Calì 67). Preca, pereżempju, isemmi l-kunjom Cini mil-laqam *Ix-Xini* u Bonello minn *Bunell*, u jgħid li ħafna drabi din il-bidla kienet isseħħ minħabba li xi nutara kienu jagħtu xejra Latina jew Taljana lill-kliem li

jużaw f'kitbiethom, inklużi l-laqmijiet (639-640).

B'rabta mal-istorja, Briffa jikkwota lil Frazer dwar il-funzjoni tal-laqam fl-imgħoddi. Jgħid li kien jintuża flok l-isem biex jipproteġi lill-individwu milli jinħakem personalment, billi xi wħud kellhom it-twemmin li l-ħakma tal-isem tfisser ukoll ħakma tal-persuna (Briffa 18). Awturi oħra jsemmu żminijiet fejn il-laqam kien jintuża flimkien mal-isem, u mhux minfloku. Ngħidu aħna, Preca jgħid li fi żmien ir-Rumani tal-qedem, persuna kien ikollha erba' ismijiet u wieħed kien ikun il-laqam (626).

Minn fost il-funzjonijiet li għandu l-laqam personali, ir-riċerkaturi jagħtu importanza kbira lill-identità ċara u unika li l-laqam jipprovdi lill-individwi. U dan bir-raġun, għaliex il-Maltin tal-imgħoddi kienu jinqdew bl-istess ismijiet u kunjomijiet, u għalhekk kien biss l-użu tal-laqam li seta' jgħinhom jiddistingwu persuna minn oħra jew saħansitra razza sħiħa (Agius 3). Muscat saħansitra jqabbel il-laqam mal-GPS, bl-argument li dan iwasslek sal-bieb ta' dak li jkun bl-istess ħeffa u preċiżjoni (389).

Skont Briffa, il-laqam, bħala fenomenu soċjali, għandu funzjoni oħra, dik li jistabbilixxi relazzjoni ta' ħbiberija jew in-nuqqas tagħha (17). Jekk il-laqam ikun terminu ta' tifħir, faċilment jindika relazzjoni pożittiva bejn min ilaqqam u min jitlaqqam, mentri jekk ma jinħoloqx bħala ċajta, terminu li jmaqdar jew joffendi jista' juri l-oppost. Għal din ir-raġuni l-laqam iġib miegħu reazzjonijiet differenti skont xi jkun ifisser, hekk li wieħed isib kemm lil min jgħożżu u jiktbu wara ismu, kif ukoll lil min jieħu fastidju meta jissejjaħ bih (Scerri 5).

Xi studjużi Maltin jiffukaw fuq il-kontenut tal-laqmijiet u jikkategorizzawhom f'temi varji skont it-tifsir tagħhom. Fit-tabella li jmiss jidhru xi kategoriji li jsemmu awturi differenti, b'mod speċjali wħud marbutin ma' kwalitajiet fiżiċi u morali, billi dawn jissemmew ta' spiss fil-laqmijiet.

**Tabella 1: L-Oqsma Semantiċi**

| Referenza | Kategorija | Suddiviżjonijiet | Eżempji ta' laqmijiet |
|---|---|---|---|
| Cassar Pullicino, "Social Aspects" 73-86 | 1) Ġisem | a) Partijiet tal-ġisem | Ta' Gedduma<br>Tax-Xoffa |
| | | b) Sbuħija | Tal-Ħelwa<br>Tal-Pupa |
| | 2) Moralità, virtuijiet u difetti | a) Imġiba morali | Tal-Ingann<br>Tal-Kapriċċ |
| | | b) Referenza għal individwi ta' natura kwieta | Tal-Bajju<br>(l-Iblah)<br>Tat-Twajjeb |
| | 3) Flora | a) Pjanti u siġar | Ta' Ħarruba<br>(Carrob Tree)<br>Tas-Simara<br>(Common Rush) |
| | | b) Frott u ħaxix | Ta' Frawla<br>Ta' Karfusu |
| | 4) Flus, sinjurazzi u faqar | a) Referenza għal dawk li jberbqu flushom | Ta' Ħarbat<br>Ta' Ħlielu |
| | | b) Faqar | Ta' Marsusa<br>Ta' Qaxqax Għadma |
| Lia, 127-128. | 1) Dawk derivati minn kunjomijiet | | Ta' Gefiru<br>(minn Gaffiero)<br>Ta' Dwanes<br>(minn Inguanez) |
| | 2) Dawk li ssawru fuq xi kelma li l-individwu jippronunzjaha differenti: | | Ta' Ġanova<br>(*diġà nafha* bid-djalett)<br>Timprajter<br>(typewriter) |
| Muscat, 395, 400. | 1) Kuluri | | L-Aħmar<br>Il-Ħadra |
| | 2) Ħjata | | Buttuna<br>Il-Manċott |

Bejn wieħed u ieħor, minn ħamsa u għoxrin awtur li kitbu dwar il-laqam huma biss Cassar Pullicino, Muscat u Briffa li jqajmu d-diskors dwar elementi formali fil-laqmijiet. Fl-istudju preżenti nixħet dawl fuq dawn l-aspetti tal-laqam li ma ġewx daqstant diskussi. B'hekk, fit-taqsima li jmiss niddiskuti s-sejbiet li ħarġu mill-analiżi tat-teżina filwaqt li nirreferi għall-punti li jagħmlu dawn it-tliet awturi dwar il-binja tal-laqam.

## 4. L-Analiżi

### 4.1. Tipi ta' komponenti

Tul dan l-istudju ltqajt ma' tliet tipi ta' komponenti fil-laqmijiet. L-ewwel tip huma l-komponenti lessikali, jiġifieri kliem magħruf li jinsab fid-dizzjunarju, eż. *Tal-Fatati*[1], filwaqt li t-tieni tip huma dawk li m'għandhomx tifsira magħrufa, bħal *Tan-Nanoxka*[2] jew *Tal-Baswank*[3]. It-tielet tip huma magħmulin minn bażi lessikali u xi suffiss li mhux soltu jinhemeż magħha, eż. Ċfufu[4] (ċfuf + -*u*) jew *Tal-Vapura*[5] (*vapur* + -*a*). Dawn is-suffissi jidher li jista' jkollhom funzjonijiet differenti. Biex nieħdu wieħed bħala eżempju nistgħu ngħidu li s-suffiss -*u*:

- Jingħaqad ma' nomi u aġġettivi biex joħloq laqam, eż. *Ta' Barbettu*, jew biex jagħti sens peġġorattiv lil-laqam, eż. *Karfusu* (Briffa 351).
- Jiżdied mal-bażi biex jindika d-diminuttiv jew l-akkrexxittiv fil-laqmijiet, kif, skont Cutajar (161), jagħmel f'xi kliem Malti.
- Possibilment jimmarka l-laqmijiet għall-maskil, speċjalment għaliex numru minnhom bis-suffiss -*u* jiffurmaw il-femminil biż-żieda tas-suffiss -*a* mal-forma kif inhi, eż. Tabib + u = Tabib**u**, Tabibu + a = Tabib**uwa**[6].

Kif indikajt fil-bidu tal-artiklu, fit-teżina niffoka fuq il-laqmijiet tal-ewwel tip. Dawn jerġgħu jinqasmu fi tnejn: uħud magħmulin minn kelma waħda, apparti l-artiklu u/jew il-prepożizzjoni *ta'*, eż. *Tal-Madum*[7] u oħrajn komposti minn żewġ kelmiet jew aktar, eż. *Is-Sold u Nofs*[8].

### 4.2. Iż-żidiet quddiem il-laqam

Kif nafu, bosta laqmijiet fuq quddiem jieħdu l-prepożizzjoni *ta'*, l-artiklu jew għaqda tat-tnejn. Skont Cassar Pullicino, hemm tifsira interessanti għal kull żieda: laqam bl-artiklu (eż. *L-Għannej*) jirreferi għall-ewwel persuna li tkun irċeviet din it-tikketta, mentri laqam bil-prepożizzjoni (eż.

[1] Sciberras p. 40. [2] Zarb p. 39. [3] Reġistru Elettorali - L-Imqabba. [4] Scerri p. 10.
[5] Scerri p. 29. [6] Tat-Tabibuwa - Sit: Rabat Malta [7] Vassallo p. 90. [8] Attard et al. p. 41.

*Tal-Bdot*) jidentifika l-kumplament tad-dixxendenti tagħha. Il-prepożizzjoni mal-artiklu tista' tirreferi għal min ikun magħruf bin-negozju (eż. *Tal-Ħut*), filwaqt li ma' laqmijiet patronimiċi u matronimiċi (eż. Ġanni ta' Pawlu) il-prepożizzjoni waħedha tikseb l-istess funzjoni tat-truf *-son*, *-sen* u *-vich* f'xi kunjomijiet barranin, bħal *Harrison, Petersen* u *Mitrovich* (Cassar Pullicino, "Social Aspects" 69-70).

Minkejja li mhix komuni, il-laqmijiet ġieli jokkorru mingħajr żieda fil-bidu eż. *Passaporti*[9]. Cassar Pullicino jgħid li dawn "għandhom il-poter li jimmultiplikaw permezz ta' suffissi diminuttivi" u bħala eżempju jsemmi xufier impjegat ma' tabib li tlaqqam *Tabibu*. Biss b'dan il-kumment ma jispjegax kif qed iseħħ il-proċess multiplikattiv u għalhekk ma jagħtix informazzjoni utli dwar il-laqmijiet ta' bla żieda (Cassar Pullicino, "Social Aspects" 70). Mir-riċerka li għamilt nemmen li dawn tal-aħħar jirrappreżentaw individwi u aktarx ukoll li jkunu jingħadu flimkien mal-isem, eż. Giuseppe *Passaporti*, ħalli dak li jkun jagħrafhom bħala laqmijiet.

Barra minn hekk, fl-istudju tiegħi ltqajt mal-okkorrenza doppja tal-prepożizzjoni *ta'*; xi ħaġa li, għalkemm Cassar Pullicino ma jsemmihiex, tidher f'xi laqmijiet komposti minn żewġ ismijiet jew minn isem u laqam, eż. *Ta' Ċensu ta' Wiġi*[10] u *Ta' Feliċ tan-Nar*[11]. F'dan il-każ, iż-żewġ prepożizzjonijiet juru li l-persuna bil-laqam hija magħrufa għal xi ħadd ieħor li jiġi minnha, bħall-ġenituri, il-mara jew ir-raġel.

Sforz dawn iż-żidiet, xi partijiet tad-diskors li ma jiħdux id-definitezza fil-Malti jidhru bl-artiklu magħhom fil-laqmijiet, eż. *Iċ-Ċalija*[12] u *Tas-Sant*[13], billi din it-tendenza sibtha l-aktar ma' nomi propji li juru ismijiet u kunjomijiet. Possibilment tiġri wkoll fil-każ ta' xi laqmijiet b'verbi, eż.*Tal-Laħlaħ*[14] għax, minkejja li xi kelliema jafuhom jingħadu bil-prepożizzjoni biss, fis-sorsi li fittixt sibt uħud minnhom imniżżlin kemm bil-prepożizzjoni waħedha u kemm bl-artiklu magħha.

Finalment, mill-kampjun ta' 700 laqam li ġbart jirriżulta li l-prepożizzjoni hija l-aktar żieda komuni mal-laqmijiet personali. B'hekk, skont id-definizzjonijiet ta' Cassar Pullicino, dan għandu jfisser li l-laqam f'Malta normalment ma jeħilx biss ma' individwu wieħed imma jinfirex għar-razza.

[9-11] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa. [12] Artiklu - Wirt Iż-Żejtun. [13-14] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa.
[15] Reġistru Elettorali - Ir-Rabat. [15] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa.

## 4.3. Partijiet tad-diskors fil-laqmijiet

Komponenti komuni fil-laqmijiet lessikali li ġbart huma:
in-nomi komuni, eż. *Ta' Widna*[15], u l-aġġettivi, eż. *Tat-Trux*[16]
in-nomi tal-aġent, eż. *Tal-Ħassiela*[17]
in-nomi tal-unità, eż. *Tal-Ġebla*[18]
in-nomi propji, l-aktar dawk li juru ismijiet personali, eż. *Ta' Ġamri*[19]
il-verbi, eż. *Ta' Belagħhom*[20]
il-parteċipji passivi, eż. *Tal-Imbierek*[21].
L-inqas li jidhru huma:
in-nomi tal-għodda, eż. *Tal-Minġel*[22], u tal-post, eż. *Tal-Armerija*[23]
in-nomi verbali, eż. *Tax-Xorb*[24]
il-parteċipji attivi, eż. *Ta' Nieżla*[25]
l-avverbi, eż. *Ta' Kullimkien*[26].
Li jmiss huma xi dettalji interessanti dwar partijiet tad-diskors rikorrenti fil-ġabra, partikolarment il-verbi, in-nomi u l-aġġettivi.

### 4.3.1. Laqmijiet b'verbi

Ħarsa lejn il-laqmijiet verbali f'dan l-istudju turi li l-maġġoranza tagħhom jinflettu fit-tieni u fit-tielet persuna tal-perfett (eż. *Ta' Siddejthomlu*[27] jew *Ta' Selaħ*[28]), filwaqt li l-ewwel persuna rarament tintuża mal-verbi li sibt. Jista' jkun li dan iseħħ għaliex normalment individwu ma jlaqqamx lilu nnifsu imma jingħata l-laqam minn ta' madwaru, b'mod dirett (it-tieni persuna) jew b'mod indirett (it-tielet persuna). Iltqajt ma' laqmijiet fil-perfett (*Ta' Ħaraq*[29]), fl-imperfett (*Ta' Jaħbat*[30]) u fl-imperattiv (*Onfoħlu*[31]). Xi verbi jkollhom il-pronomi mehmużin, tal-oġġett dirett (*Ta' Ħallieha*[32]), tal-oġġett indirett (*Ta' Doqqlu*[33]), jew it-tnejn li huma (*Ta' Saffarhielu*[34]).

### 4.3.2. Laqmijiet b'nomi jew aġġettivi

In-nomi u l-aġġettivi huma l-aktar żewġ partijiet tad-diskors li jintużaw fil-binja tal-laqmijiet. F'din it-taqsima nagħmel xi osservazzjonijiet fuq il-ġens, id-diminuttiv u l-akkrexxittiv.

Il-ġens grammatikali ta' dawn il-komponenti mhux bilfors li jkun jaqbel mas-suġġett li jirċievi l-laqam, jiġifieri mara jista' jkollha laqam fil-maskil, eż. *Tal-Ħanin*[35], u raġel jista' jġorr laqam fil-femminil, eż. *Ta' Perita*[36]. Madankollu, Cassar Pullicino jsemmi xi nisa li għax żwieġhom kellhom pożizzjoni għolja fis-soċjetà, ħadu l-laqam tagħhom mibdul fil-femminil, eż. *Il-Presidenta* għall-mara tal-President ("Social Aspects" 79).

[17] Briffa p. 146. [18] Reġistru Elettorali - Iż-Żejtun. [19] Sit: Rabat Malta. [20] Muscat p. 417. [21] Reġistru Elettorali - Iż-Żejtun. [22] Social Aspects p. 84. [23] Sciberras p. 40. [24] Reġistru Elettorali - Il-Mosta. [25] Scerri p. 23. [26] Scerri p. 18. [27] Briffa p. 273. [28] Scerri p. 25. [29] Sciberras p. 40. [30] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa. [31] Muscat p. 439. [32] Zarb p. 39. [33] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa. [34] Reġistru Elettorali - L-Imqabba. [35] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa. [36] Reġistru Elettorali - Il-Kalkara. [37] Hemm komponenti fil-laqmijiet li ma jistgħux jibdlu l-ġens grammatikali tagħhom biex jaqblu mas-suġġett eż. Tal-Bhima, nom fil-femminil li m'għandux forma ekwivalenti fil-maskil.

Muscat jargumenta li f'ċerti każi, jekk il-laqam tar-raġel jew tal-familja jkun fil-maskil, il-mara jew il-bint tista' tiret il-verżjoni femminili tiegħu (393), dejjem jekk il-komponent ikun jippermetti bidla fil-ġens[37]. Tkellimt ukoll ma' xi kelliema u kkonfermajt li din isseħħ. Però, ma kinux jafu b'każijiet fejn laqam ta' mara fil-femminil jinbidel għall-maskil meta jirtu r-raġel.

Tul it-tiftix tal-laqmijiet iltqajt ma' xi wħud li l-komponenti tagħhom sibthom kemm fil-maskil kif ukoll fil-femminil, eż. *Tal-Baruni*[38] u *Tal-Barunissa*[39]. Madankollu ma kellix informazzjoni kuntestwali dwarhom, jiġifieri, ma stajtx ngħid jekk iż-żewġ laqmijiet kinux ġejjin mill-istess familja, inkella jekk il-laqam bidilx il-ġens grammatikali meta l-mara ħaditu mingħand ir-raġel jew forsi bil-maqlub.

Kif diġà argumentajt, bosta laqmijiet b'nomi u aġġettivi jidher magħhom is-suffiss -*u*, u għalhekk, meta s-suffiss -*a* tal-femminil jiżdied mal-forma kif inhi, tidħol il-konsonanti dgħajfa *w*. Pereżempju, iż-żieda tas-suffiss -*a* mal-laqmijiet *Ta' Tiġieġu*[40] u *Ta' Frisku*[41] tifforma l-laqmijiet *Ta' Tiġiġuwa*[42] u *Ta' Friskuwa*[43].

Għaldaqstant, f'dawn tal-aħħar is-suffiss femminili jimmanifesta ruħu bħala l-allomorf -*uwa*, li minn kliem li ġeneralment ma jintużax (*tiġieġu, frisku*) joħloq kliem ġdid li tista' tgħid jintuża fil-laqmijiet biss (*tiġiġuwa, friskuwa*). Kultant, is-suffiss -*(w)a* jingħaqad anke ma' laqmijiet b'ismijiet propji u għal darb'oħra jifforma verżjonijiet li ma jintużawx jekk mhux f'dawn it-tikketti. Aktarx għaliex fejn is-soltu jissostitwixxi l-aħħar ittra tal-isem, is-suffiss tal-femminil fil-laqmijiet jingħaqad mal-forma li jsib u minn isem bħal *Lippu* jifforma laqam bħal *Lippuwa*[44] (minflok *Lippa*).

Fuq nota differenti, in-nomi u l-aġġettivi fil-laqam juru wkoll l-akkrexxittiv u d-diminuttiv. Tal-ewwel jinħadem fuq is-sistema konkatenattiva, eż. *Ta'* ***Bu***żaqq[45], mentri d-diminuttiv jidher kemm bil-mod introflessiv eż. *Tal-Ħbejża*[46], kif ukoll bil-mod konkatenattiv, eż. *Ta' Pepp**inu***[47]. Interessanti għaliex mal-laqmijiet bl-ismijiet, id-diminuttiv jista' jkollu l-iskop li jiddistingwi l-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' familja mill-ġenerazzjoni adulta, għalkemm jista' jintuża b'mod differenti sabiex juri ċerta ħlewwa lejn dak li jkun. Flimkien mal-laqmijiet bid-diminuttiv, inkludejt oħrajn mhux

[38] Briffa p. 48. [39] Reġistru Elettorali - Marsaskala u Briffa p. 48. [40] Briffa p. 293. [41] Briffa p. 109. [42] Briffa p. 293. [43] Briffa p. 109. [44] Reġistru Elettorali - Ħal Għargħur. [45] Reġistru Elettorali - Ir-Rabat. [46] Scerri p. 16. [47] Reġistru Elettorali - Il-Mellieħa. [48] Briffa p. 150. [49] Briffa p. 176.

lessikali li jixbhuhom fil-forma eż. *Il-Ħuħina*[48] u *Ta' Knajpra*[49] għaliex nemmen li huma xhieda ta' kemm il-Maltin, forsi inkonxjament, japplikaw proċessi grammatikali huma u joħolqu kliem ġdid.

## 4.4. Laqmijiet komposti

Kif iddiskutejt fil-bidu, laqam mhux bilfors li jkun magħmul minn element wieħed imma jista' jkollu tnejn jew aktar. Il-lista li ġejja turi l-kombinazzjonijiet li sibt fil-laqmijiet komposti:

**Kategorija Nom + Nom**

- Tip 1: Nom propju + Nom komuni, eż. *Ta' Wenzu tal-Ħanut*[50]
- Tip 2: Nom propju + Nom propju, eż. *Ta' Ġanni ta' Apap*[51]
- Tip 3: Nom komuni + Nom komuni, eż. *Ta' Xkora Faħam*[52].

**Kategorija Nom + Aġġettiv**

eż. *Ta' Kelba Xiħa*[53], jew Aġġettiv + Nom, eż. *Big Joe*[54].

**Kategorija Numerali + Nom**

eż. *Ta' Seba' Rġiel*[55], jew Nom + Numerali, eż. *Ta' Biċċa Waħda*[56], jew Numerali + Numerali, eż. *Tas-Sebgħa u Għoxrin*[57].

**Kategorija Verb + Nom**

eż. *Ta' Ħala Flusu*[58], jew Nom + Verb, eż. *Tal-Linja Jaqbillek*[59].

**Kategoriji varji bħal:**

- Interjezzjoni + Nom, eż. *Ta' Ajma Xagħri*[60]
- Prepożizzjoni + Nom, eż. *Ta' Bla Snien*[61]
- Verb + Verb, eż. *Ta' Żommu Żommu*[62].

# 5. Għeluq

Din hi l-ewwel darba li sar studju dettaljat dwar l-istruttura morfosintattika tal-laqmijiet personali Maltin, għaliex kif diġà semmejt, il-maġġoranza tar-riċerkaturi Maltin jiffukaw l-aktar fuq it-tifsir tagħhom. B'hekk, din l-analiżi tgħin lill-qarrej sabiex jieħu idea ta' kif jifforma laqam, tal-komponenti varji li jista' jinbena fuqhom, kif ukoll tal-proċessi grammatikali li jistgħu jitħaddmu fih. Apparti minn hekk din ir-riċerka tqarreb lill-qarrej lejn mod ta' ħsieb partikolari, billi kull għażla fil-binja tal-laqam (bħat-tip ta' komponent li jintuża fih jew l-imġiba grammatikali tiegħu) tikxef tendenzi marbutin mal-użu soċjali tal-laqmijiet. Ngħidu aħna

[50] Muscat p. 426. [51] Reġistru Elettorali - Ħal Għargħur. [52] Scerri p. 30. [53] Sit: Rabat Malta. [54] Briffa p. 55. [55] Briffa p. 270. [56] Zarb p. 39. [57] Vassallo p. 90. [58] Attard et al. p. 38. [59] Vassallo p. 90. [60] Scerri p. 6. [61] Scerri p. 9. [62] Briffa p. 333.

fis-sezzjoni dwar il-laqmijiet verbali, semmejt li l-okkorrenza qawwija tagħhom fit-tieni u t-tielet persuna timplika li l-laqam ma tagħtihx lilek innifsek.

Madankollu, għad fadal ħafna xogħol xi jsir f'dan il-qasam. L-ewwel nett, jistgħu jsiru studji lingwistiċi dwar laqmijiet li mhumiex ta' individwi jew familji, imma li huma tal-ibliet u l-irħula (eż. *Tax-Xelin* għall-Islimiżi) jew tal-baned u l-forom assoċjati magħhom (eż. *Tal-Bagri* u *Bagristi*). It-tieni, tajjeb li jiġu studjati l-aspetti soċjolingwistiċi tal-laqam sabiex tinkiseb informazzjoni dwar il-firxa tal-laqmijiet f'lokalitajiet u kuntesti differenti, bħall-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol, il-politika u l-ispettaklu. Possibilità oħra tkun li wieħed jistudja l-użu tal-laqam fost iż-żewġ sessi u fost kelliema t'etajiet differenti. Inkella tista' tiġi rriċerkata l-funzjoni tal-laqam fil-letteratura Maltija, ħalli dak li jkun josserva kif jinħolqu xi laqmijiet fittizji u jistħarreġ x'rabta jista' jkollhom mal-iżvilupp tal-karattri.

# Biblijografija


Agius, Albert W. *Qwiel, Idjomi, Laqmijiet Maltin u trufijiet oħra*. BDL, 2004.

Attard, Anton, et al. "Laqmijiet mill-Birgu." *L-Imnara*, vol. 7, nru 26, 2002, p. 35.

Bonelli, Luigi. *Saggi Del Folklore Dell'Isola Di Malta*. Palermo, 1895.

Briffa, Charles. *Il-Laqmijiet Karkariżi Fil-Kultura Maltija*. Kunsill Lokali ta' Birkirkara, 2018.

Calì Bonnici, Rafel. "Il-Kunjom u l-Laqam fil-Folklor." *L-Imnara*, nru 3, 1980, pp. 66-68.

Cassar Pullicino, Ġużè. "Bejn Raħal u Laqam." *Leħen il-Malti*, nru 155-157, 1944, pp. 21-26.

---. "Social Aspects of Maltese Nicknames." *Scientia: a Quarterly Scientific Review*, vol. XXII, nru 2, 1956, pp. 66-94.

Cutajar, Fransianne. *Id-Diminuttiv u l-Akkrexxittiv fil-Malti*. 2018. L-Università ta' Malta, B.A. Unuri fil-Malti.

"In Remembrance of Iċ-Ċalija." *Wirt Iż-Żejtun*, wirtizzejtun.com/2011/03/23/inremembrance-of-ic-calija/. Aċċessata nhar il-21 ta' Novembru, 2018.

Kennedy, Robert. "Nicknames." *The Oxford Handbook of the Word*, editjat minn John R. Taylor. Oxford U.P, 2015, pp. 650-668.

Kennedy, Robert, u Tania Zamuner. "Nicknames and the Lexicon of Sports." *American Speech*, vol. 81, nru 4, 2006, pp. 387-422.

"Laqmijiet Rabtin." *rabatmalta*, www.rabatmalta.com/?page_id=2403. Aċċessata nhar it-3 ta' Marzu, 2019.

Lia, Carmen. "Dawk l-Imberkin ta' Laqmijiet fl-Imqabba ta' Dari u Llum." *Programm tal-Festa Titulari Santa Marija Mqabba*, 2004, pp. 127-128.

Muscat, Jimmy. *Il-Mellieħa: Lemħa Lejn Ġrajjietha*. L-Awtur, 2015.

Preca, Annibale. *Malta Cananea, ossia, Investigazioni Filologico-Etimologiche nel Linguaggio Maltese*. Alf. M. Galea (Tipo. Del Malta), 1904.

"Reġistru Elettorali", *Gazzetta tal-Gvern ta' Malta*. Ġunju, 1947.

Scerri, Victor. *Laqmijiet fin-Naxxar*. 1997.

Sciberras, Arnold. "Laqmijiet minn Ħal Qormi." *L-Imnara*, vol. 9 (1), nru 32, 2008, pp. 40-41.

Vassallo, Joe. "Il-Laqmijiet fil-Mellieħa." *L-Imnara*, vol. 8 (2), nru 29, 2005, p. 89.

Zarb, Tarcisio. "Il-Laqmijiet." *Bejtiet il-Lingwa: Aspetti ta' Lingwa fil-Folklor Malti, Dipartiment tal-Informazzjoni*, 1999, pp. 38-40.

# Ir-Realtà li Toħloq il-Letteratura

Studenta:
Rachel Saydon

Tutur:
Prof. Adrian Grima

## 1. Daħla

Il-lingwa użata fil-letteratura, bl-isfumaturi differenti li tippermetti, tiddetermina x-xejra differenti u ġdida li tieħu r-realtà fil-letteratura. B'*realtà* nfisser dak kollu li ngħixu fil-ħajja, minn esperjenzi ta' kuljum sa esperjenzi oħrajn aktar rari jew ta' darba; in-nies li nagħmluha magħhom, in-natura, il-mewt, il-kuluri, is-sentimenti u l-bqija. Lir-realtà tagħmilha tidher differenti minn kif is-soltu ngħixuha fil-ħajja ta' kuljum 'il barra mill-qasam tal-letteratura. Minkejja din id-differenza, ir-realtà li tidher fil-letteratura teżisti f'relazzjoni mar-realtà akbar u aktar kumplessa lil hinn mill-qasam tal-letteratura, u mhix maqtugħa minnha.

F'dan l-istudju nistħarreġ, fost l-oħrajn, x'differenza hemm, jekk hemm, bejn il-lingwa li nużaw biex nikkomunikaw waqt it-taħdit ta' kuljum u l-lingwa li nħaddmu fil-letteratura. Hawnhekk, il-kunċett tal-*letteratura* jinftiehem bħala l-użu speċjali tal-lingwa f'xogħlijiet mistħajla li jiddefamiljarizza dak li jirrappreżenta bl-għan li l-lingwa tħalli effetti differenti u tawmenta l-esperjenza tal-qarrejja waqt il-qari. Barra minn hekk, se nistħarreġ ir-relazzjoni bejn ir-realtà kif tidher fil-letteratura u r-realtà akbar li ngħixu ta' kuljum. F'xi partijiet, biex napplika l-kontenut teoriku għal test letterarju konkret, se nagħti eżempji mir-rumanz *Castillo* ta' Clare Azzopardi.

## 2. Bakhtin u n-natura tal-lingwa

L-idea ewlenija ta' Mikhail Bakhtin fl-esej "Discourse in the Novel" hija li l-lingwa hija "fenomenu soċjali" bil-ħajja soċjali tagħha, b'natura storika u fraġli u b'tifsir li kontinwament jinbidel u jiżviluppa (259). Il-lingwa mhix bħal oġġett li beda jeżisti darba u dejjem baqa' jintiret mingħajr ma jinbidel. Hija kontinwament affettwata minn żviluppi li jseħħu kemm fi ħdanha kif ukoll 'il barra minnha, tant li għandha "kapaċità kreattiva" dejjiema (Morris 4); ladarba għaddejja minn żvilupp kontinwu, dejjem tagħti lok għal sfumaturi kreattivi ġodda. Din in-natura soċjali u dinamika tal-lingwa għandha l-kontribut tagħha f'test letterarju għaliex sforz din l-istess natura, il-lingwa użata twassal iżjed minn tifsir speċifiku u tirrifletti l-ħajja soċjali tagħha (Bakhtin 259).

L-istilistika Bakhtin ma jqishiex bħala studju ta' "sengħa privata" għaliex hija l-ħajja soċjali tal-lingwa li tiddetermina l-istil tad-diskors (259). Mhumiex l-awturi li jagħtu stil imma d-diskors minnu nnifsu diġà jkollu l-istil tiegħu. Li jagħmlu l-awturi huwa li fix-xogħol jużaw stil partikolari skont l-atmosfera li jkunu jridu joħolqu. Huwa għalhekk li t-teorija tal-istilistika ta' Bakhtin hija "stilistika soċjoloġika" (300). Skont Bakhtin, l-istil huwa bħallikieku x-xejra tad-diskors li, flimkien mat-tifsira lingwistika espliċita, tħalli impressjoni speċifika u dak li jingħad tpoġġih f'ambjent rifless tiegħu. Għalhekk, mhux dak li jinkiteb b'mod espliċitu biss jikkontribwixxi għat-tifsira ta' xogħol letterarju. Hemm elementi oħrajn li għalkemm ma jidhrux fil-kitba, huma preżenti xorta waħda u joħolqu l-atmosfera tax-xogħol. Dawn l-elementi jaffettwaw il-mod kif it-test jinftiehem mill-qarrejja u jħallu fihom, fost l-oħrajn, bosta impressjonijiet u sensazzjonijiet. Ngħidu aħna l-istqarrija tas-Sinjura Sultana lill-pulizija f'*Castillo*, "Qiskom qatta ċwieċ, madonfi. Mhux ġa għidt lil sieħbek?" (193), tagħti impressjoni differenti minn stqarrijiet oħra possibbli bħal "Diġà għidt lill-kollega tiegħek." L-istqarrija tas-Sinjura Sultana timplika nuqqas ta' formalità fil-konfront tal-pulizija.

Bakhtin juża "diskors" flok "lingwa" biex jagħti importanza lin-natura soċjali tal-lingwa, lill-fatt li l-lingwa qatt ma tista' tkun newtrali għax isseħħ permezz ta' "diskorsi" differenti (Bakhtin 266). Il-kelma "diskors" għandha l-ħila tirrifletti l-att tat-taħdit f'kuntest aktar mill-kelma "lingwa," li għandha l-konnotazzjonijiet ta' lingwa waħda unitarja u miktuba. "Diskors" tirrifletti l-idea li l-lingwa teżisti fil-forma ta' lingwaġġi differenti skont il-kuntesti fejn tintuża u minn min tintuża. Meta tintuża fil-qasam

tal-letteratura, bħal fil-każ li qiegħda nanalizza, il-kelma "diskors" timplika li l-lingwaġġi m'għandhomx x'jaqsmu biss mat-taħdit, imma jidhru wkoll bil-miktub fil-letteratura, u permezz tal-implikazzjonijiet u l-impressjonijiet li jħallu, iġorru magħhom fix-xogħol il-kuntesti soċjali fejn normalment jintużaw.

Bakhtin joħroġ bit-terminu "eteroglossija" biex jirreferi għall-preżenza ta' diskorsi differenti, kull wieħed minnhom bil-perspettiva u l-kuxjenza partikolari tiegħu (291). Mhumiex fatturi lingwistiċi li jiddistingwu diskors minn ieħor, imma fatturi ekstralingwistiċi bħall-intenzjoni, il-valur u l-perspettiva (289). Fost id-diskorsi differenti li joħolqu l-eteroglossija f'*Castillo* ninnutaw: in-narrazzjoni ta' Amanda, ir-rumanzi ta' Cathy Penza, id-diskorsi bejn il-membri tal-familja u diskorsi fil-forma ta' ittri, noti u telefonati, u diskors mat-tfal (Saydon 18-20).

Id-"djaloġiżmu" ta' Bakhtin (275) imur id f'id mal-eteroglossija għaliex jirreferi għar-relazzjoni ta' djalogu li tinħoloq bejn elementi differenti ta' eteroglossija, u l-effett ta' din l-istess relazzjoni fuq l-elementi nfushom u fuq id-diskors li jinsabu fih. Filwaqt li l-eteroglossija hija l-preżenza ta' diskorsi differenti, id-djaloġiżmu huwa r-relazzjoni ta' bejniethom. Ngħidu aħna f'*Castillo* hemm djaloġiżmu bejn id-diskors ta' Amanda dwar ommha Emma u d-diskors ta' Emma nnifisha. Dak li tgħid Emma jinftiehem fid-dawl tad-diskors li tkun qalet qabel Amanda dwarha. Każ ieħor ta' djaloġiżmu bejn id-diskorsi jseħħ bejn id-diskors ta' Emma dwar in-nies li kienu joqogħdu ħdejha Ħal Għargħur u d-diskors tal-karattri nfushom, bħal dak ta' Ġina. Il-perspettiva li tagħti Emma tiddetermina kif imbagħad ninterpretaw id-diskors tal-karattri li tkun iddeskriviet hi qabel. Dan huwa livell wieħed ta' djaloġiżmu; jeżistu livelli oħra, fosthom fi ħdan it-tifsiriet tal-kelma u fi ħdan il-kelliema/qarrejja nfushom (Saydon 21-26).

## 3. In-Natura Rappreżentattiva u Organizzattiva tax-Xogħol

Ir-realtà tidher differenti u unika fil-letteratura, mhux biss għaliex tiddependi mill-kliem, li diġà għandu r-realtà soċjali tiegħu u jġorrha fix-xogħol, imma għaliex fil-letteratura r-realtà hija rappreżentata b'mod organizzat. Friggieri jispjega r-*rappreżentazzjoni* bħala "t-trasferiment ta' persuni u sitwazzjonijiet reali mil-livell normali tagħhom għal-livell tal-kitba" (Friggieri, s.v. rappreżentazzjoni). Dan il-"livell tal-kitba" huwa magħmul u organizzat permezz ta' narraturi,

taqsim tal-plott, karattri, ordni tal-fatti, temi, figurazzjonijiet, u l-bqija. Ir-realtà ta' barra hija nieqsa minn dawn l-elementi. Kollha flimkien dawn l-elementi jbiddlu esperjenza mid-dinja f'kitba letterarja b'mod li dik l-istess esperjenza tkun tista' tiġġarrab mill-ġdid minn min jaqraha. F'*Castillo*, dan il-livell organizzattiv u rappreżentattiv tal-kitba huwa magħmul, l-ewwel u qabel kollox, minn alternanza ta' narrazzjonijiet: in-narrazzjoni omodijeġetika ta' Amanda u n-narrazzjoni eterodijeġetika meħuda mir-rumanzi ta' Cathy Penza. Fost tekniki oħra, it-tekniki tal-figurazzjoni u d-deskrizzjoni wkoll jikkontribwixxu għal dan il-livell rappreżentattiv. Is-skiet jissarraf f'rappreżentazzjonijiet konkreti permezz ta' metafori bħal "is-sikta rqiqa, fina, tidħollok f'għadmek u ssikkithulek" (105).

## 3.1 Ir-Rabta tan-Natura Rappreżentattiva tal-Letteratura mar-Realtà

Fil-letteratura, il-finzjoni u r-realtà mhumiex antonimi għal xulxin imma jaħdmu flimkien għall-iskop tal-komunikazzjoni; il-finzjoni hija l-mezz biex nitkellmu dwar ir-realtà (Iser 7). Il-finzjoni hija bħal tikketta li taċċerta lill-qarrejja li l-kliem fil-letteratura ma jirrappreżentax xi realtà empirika. Waqt il-komunikazzjoni bejn il-qarrejja u x-xogħol letterarju, dak li tikkomunika l-finzjoni huwa effett mhux messaġġ. Għalhekk dak li nanalizzaw huwa l-effett tax-xogħol aktar milli t-tifsir tiegħu. Il-mezz użat biex ix-xogħol jgħaddi elementi li jorbtu mar-realtà mhux identiku għal dawn l-istess elementi. Għalkemm ix-xogħol mhux magħmul minn fatti reali, xorta għandu l-"attributi tar-realtà," għaliex jesprimi affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-realtà (7).

Friggieri jispjega d-differenza bejn il-kitba letterarja u forom oħra ta' kitba bħala differenza bejn "ir-rappreżentazzjoni u l-informazzjoni" (20). Bil-forma rappreżentattiva, dak li jingħad jinħoloq mill-ġdid b'mod li l-informazzjoni li tingħata iżjed tħalli effett, u tidher differenti milli kieku ġiet preżentata b'mod ieħor (20). Huwa proprju għalhekk li jibqgħu jinkitbu xogħlijiet ġodda dwar dawk li jidhru li huma l-istess temi u xorta jitqiesu differenti minn ta' qabilhom. Il-forma rappreżentattiva li jieħu l-kontenut taffettwah u tagħmlu differenti u ġdid. Ir-realtà f'forma rappreżentattiva iżjed tolqot mir-realtà diretta. L-oriġinalità hija kwistjoni ta' tiftix ta' "għamla differenti ta' rappreżentazzjoni" (15). Kitba titqies ġdida mhux neċessarjament għaliex tesprimi kontenut li b'mod ġenerali qatt ma ngħad qabel, imma għaliex tagħtih forma ġdida.

## 3.2 It-Taparsi u l-Livell Metafiżiku

Walton jispjega n-natura rappreżentattiva tal-letteratura u l-funzjoni tal-immaġinazzjoni tal-qarrejja waqt il-qari billi jqabbel ix-xogħol letterarju ma' attivitajiet "taparsi" li jsejħilhom *"make-believe activities."* Għalkemm jiddependu mill-immaġinazzjoni u t-taparsi, dawn l-attivitajiet jitqiesu daqslikieku huma sitwazzjonijiet reali (4). L-għan ta' din l-analoġija huwa li jinftiehem kif il-qarrejja, anke jekk għal mument qasir, donnhom *jemmnu* li l-karattri li jiltaqgħu magħhom fix-xogħol, u dak kollu li jgħidu, huwa reali, tant li jqanqal fihom interess biex jibqgħu jaqraw sal-aħħar; imma fl-istess ħin jafu wkoll li s-sitwazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom fit-test mhumiex veri (6).

Il-mod kif taħdem in-natura rappreżentattiva tal-letteratura jixbah il-logħob taparsi tat-tfal (11). Waqt li t-tfal ikunu qegħdin jilagħbu, jattribwixxu rwoli differenti u diskors lill-pupi u joħolqu sensiela ta' sitwazzjonijiet immaġinarji. L-immaġinazzjoni ma tiġix mix-xejn, imma tiddependi mill-oġġetti użati waqt il-logħob. Walton iqis dawn l-attivitajiet bħala bżonn naturali fil-bniedem għaliex jgħinuh jagħraf l-irwoli u s-sitwazzjonijiet differenti li jista' jsib ruħu fihom fil-ħajja. Għaldaqstant, dawn l-attivitajiet ma jiqfux meta t-tfal jikbru, imma jieħdu forma differenti f'xogħlijiet artistiċi rappreżentattivi.

Xogħol letterarju nqisuh sors ta' immaġinazzjoni, bħall-pupi waqt il-logħob tat-tfal; permezz tal-pupi, it-tfal joħolqu sitwazzjonijiet immaġinarji waqt il-logħob. L-istess fil-każ ta' xogħol letterarju: il-qarrejja jiltaqgħu ma' karattri, rwoli u sitwazzjonijiet li fihom infushom huma immaġinarji u li kieku ma kienx għall-qari tax-xogħol, ma kinux jiltaqgħu magħhom. Bħal fil-logħob, f'xogħol letterarju tippretendi li kulma taqra huwa *veru*: *veru* mhux fis-sens ta' preċiżjoni fid-dettalji imma kemm dak li jingħad jitqies qrib jew maqtugħ mir-realtà.

Walton jargumenta li analiżi strettament lingwistika mhijiex biżżejjed biex tistudja l-letteratura. Mil-livell lingwistiku trid tgħaddi għal dak li Walton isejjaħlu l-livell "metafiżiku" (6). Mill-analiżi tat-tifsir tal-kliem jeħtieġ tgħaddi għall-analiżi tal-ħsibijiet li jqanqal fil-qarrejja, ħsibijiet kemm biex tifhem il-mekkaniżmi lingwistiċi nfushom, kif ukoll għaliex is-sitwazzjonijiet li jippreżenta x-xogħol iqabbdu lill-qarrejja ma' ħsibijiet dwar l-esperjenzi tal-ħajja. Huwa għalhekk li Walton japplika t-teorija tat-taparsi għal-letteratura: għax f'xogħol letterarju, il-kliem b'mod speċjali, m'għandux

biss il-funzjoni li jagħti tifsir fis-sens dejjaq, imma jikkontribwixxi għal-livell metafiżiku tax-xogħol. Jikkontribwixxi għall-atmosfera li jkollhom f'moħħhom l-awturi u l-ħsibijiet li jkunu jridu li l-qarrejja jaslu għalihom, bħallikieku skont il-pjan ta' stħajjil li jkollhom f'moħħhom. Bħalma waqt il-logħob, it-tfal joħolqu kuntest jew sitwazzjoni immaġinarja bil-pupi, fix-xogħol letterarju l-kliem ma jintużax biss għat-tifsira tiegħu, imma għall-funzjoni li jaqdi fl-atmosfera li jkunu jridu joħolqu l-awturi. L-għażla tal-kliem "issir skont il-loġika ta' effetti u kontro-effetti fil-qarrejja u s-semmiegħa" (Portelli 20).

## 4. Id-"Dell": Sehem l-Għarfien tad-Dinja Reali Waqt il-Qari

Ruth Lorand titkellem dwar id-"dell" li jakkumpanja t-test u jagħti direzzjoni lill-ħsieb u 'l-immaġinazzjoni tal-qarrejja biex jaslu għal dak li mhux miktub b'mod espliċitu imma huwa l-qofol tax-xogħol. Dan id-"dell" jikkonsisti f'żewġ elementi ewlenin: (i) l-esperjenza tal-lingwa u (ii) l-esperjenza tar-realtà nnifisha. Dawn l-esperjenzi f'moħħ il-qarrejja jikkontribwixxu biex jinftiehem dak li jingħad fix-xogħol. L-esperjenza tal-lingwa tirreferi għall-fatt li minn qabel jiltaqgħu max-xogħol partikolari, il-qarrejja diġà jkollhom l-esperjenza tagħhom tal-użu tal-lingwa, esperjenza li jġorruha magħhom waqt il-qari tax-xogħol. Permezz ta' din l-esperjenza jinftiehem l-effett u l-isfond li joħloq il-kliem użat fix-xogħol. Min-naħa l-oħra, l-esperjenza ta' sitwazzjonijiet differenti fir-realtà 'l barra mil-letteratura tgħin lill-qarrejja jifhmu s-sitwazzjonijiet mistħajla fix-xogħol. Ix-xogħol u d-dinja reali 'l barra mil-letteratura jiddependu minn xulxin. L-esperjenza tal-lingwa twassal lill-qarrejja ta' *Castillo* jagħrfu l-implikazzjoni fl-imġiba u d-diskors formali ta' *Castillo* mal-klijenti, bħal fil-mistoqsija: "'Billejl x'ħin, Sinjura?'" (187), filwaqt li l-esperjenza tad-dinja, fost l-oħrajn twassalhom biex jagħrfu l-implikazzjoni tal-"bombi skjerati" fil-garaxx ta' Tommy (75).

Minkejja li r-referenza għad-dinja reali 'l barra mil-letteratura tiżviluppa b'reqqa u b'mod x'aktarx inkonxju, mhijiex referenza li biha jew mingħajrha, it-test se jibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess. Fil-każ tal-poeżija, din ir-referenza mhix ħlief "ir-realtajiet lingwistiċi, soċjali, kulturali, u politiċi li jitfaċċaw meta l-kliem tal-poeżija jiltaqa' mal-kuxjenza ħajja, kumplessa tal-qarrej u tal-qarrejja" (Grima 60); hija referenza li tattiva l-iskop tagħhom fit-test biex ikun jista' jikseb l-effetti mixtieqa. Ngħidu aħna, id-diskors tas-Sinjura Sultana

għand il-pulizija f'*Castillo*, "Qiskom qatta ċwieċ, madonfi. Mhux ġa għidt lil sieħbek?" (193), jikseb l-effetti mixtieqa għaliex jorbot, fost l-oħrajn, mar-realtà lingwistika u soċjali li l-qarrejja jġorru magħhom; jafu li dan it-tip ta' lingwaġġ jimplika nuqqas ta' formalità u rispett. Id-diskors bl-Ingliż tas-soru tal-iskola ta' Emma u Cathy jintrabat mar-realtà lingwistika u kulturali li f'dak il-kuntest storiku l-lingwa tal-iskejjel kienet l-Ingliż. Is-sigrieti politiċi fis-sistema tat-tmexxija jorbtu mar-realtà politika li jġorru magħhom il-qarrejja.

B'hekk nifhmu li x-xogħol letterarju ma jistax jikseb is-sens tiegħu mingħajr ma jintrabat mar-realtà ikbar li jagħmel parti minnha, realtà mhux biss soċjali imma wkoll lingwistika, kulturali u politika. Hija rabta li m'għandhiex l-għan li tixħet dawl fuq il-preċiżjoni tal-fatti preżentati fit-test imma li tħaddem l-għarfien tad-dinja reali biex jinftiehem it-test. Jekk ma nagħtux l-attenzjoni neċessarja lil din ir-rabta, naslu biex naħsbu li l-letteratura għandha "realtà separata mid-dinja kumplessa tal-persuna li tkun qed taqra" (Grima 60). Għandu jkun it-test innifsu li jiddetermina l-għarfien mitlub għax inkella hemm il-periklu li l-analiżi tax-xogħol tintilef fi stħarriġ ta' informazzjoni esterna u tispiċċa twarrab it-test. It-test jeħtieġ li jinftiehem skont dak li jippreżenta, mhux skont ir-referenzi li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar is-suġġett tat-test.

## 5. Il-Qari Bħala Esperjenza

F'kuntesti li mhumiex letterarji, jekk kitba ma tkunx ċara u ma nifhmuhiex mill-ewwel, inqisuha bħala dgħajfa jew difettuża. Fil-letteratura, iżjed ma kitba letterarja bħall-poeżija jkollha "kumplessità semantika" u ma nifhmuhiex mal-ewwel qari, iżjed inqisuha kitba tajba (Lamarque 19). Il-"prinċipju tal-koperazzjoni" fit-taħdit jew kitbiet ta' kuljum ma japplikax għal-lingwa letterarja (Culler 25). F'kuntesti 'l barra mil-letteratura, il-lingwa għandha skop ta' komunikazzjoni effiċjenti bejn il-persuni involuti. Fil-letteratura, l-iskop komunikattiv tal-lingwa jieħu dimensjoni differenti, għax għalkemm niltaqgħu ma' frażijiet li ma nifhmux mill-ewwel, ma nqisuhomx li ma jagħmlux sens. Lamarque jipprova jidentifika x'vantaġġ hemm fid-diffikultà tal-qarrejja biex jifhmu x-xogħol. "Il-valur prinċipali tal-poeżija jinsab fl-esperjenza/i li toffri meta tinqara bħala poeżija" (20). Il-mertu ewlieni huwa li din id-diffikultà lill-qarrejja tgħabbihom bl-impenn "li jridu jiksbu t-tifsir" u għalhekk tbiddel il-qari tal-poeżija f'esperjenza, għaliex ma tippermettix qari ħafif u awtomatiku (Somerville 3).

Kontenut simili jieħu xejra differenti skont il-forma rappreżentattiva li jingħata fil-poeżiji differenti; l-istess jiġri bl-esperjenza tal-qari. Kull poeżija toffri esperjenza differenti għaliex fil-qofol tagħha hija esperjenza tal-forma. Jista' jkun li xi poeżiji jaqsmu l-istess "esperjenzi ġenerali" minħabba xebh fit-temi jew fl-istil poetiku, imma poeżija ma tistax toffri l-istess esperjenza eżatt bħal poeżija oħra (Lamarque 22). Il-forma letterarja tiddetermina l-"karattru" u l-"identità" tal-esperjenza tal-qari (23). Il-kontenut tax-xogħol nifhmuh permezz tal-esperjenza tal-forma.

Lamarque jqis id-diskussjoni dwar l-esperjenza poetika bħala pass straordinarju fl-istudju tal-letteratura. Ladarba l-poeżija hija arti bbażata fuq il-lingwa, nistennew li biex nifhmu kif taħdem il-poeżija, nanalizzaw it-tifsir tal-kliem. Meta nitkellmu dwar l-esperjenza li toffri l-poeżija, inkunu qegħdin inpoġġu l-poeżija fuq l-istess livell ta' forom oħrajn ta' arti, bħall-mużika, it-tpinġija u ż-żfin (23). Minħabba li mhumiex marbutin mal-kelma, iżjed faċli nifhmu kif tidħol l-esperjenza fl-istudju tagħhom. Fil-każ tal-letteratura, id-diskussjoni dwar il-qari bħala esperjenza tagħmel sens għaliex il-letteratura mhijiex biss sensiela ta' tifsiriet tal-kliem imma proċess sħiħ ta' ħsieb. It-tifsir tal-kliem huwa biss il-bidu ta' proċess iżjed kumpless.

## 6. Konklużjoni

Il-lingwa użata fil-letteratura u dik użata fit-taħdit ta' kuljum mhumiex żewġ lingwi differenti imma l-istess lingwa mħaddma għal skopijiet differenti. Anzi, hemm relazzjoni b'saħħitha bejn dawn iż-żewġ dimensjonijiet. Il-lingwa letterarja kapaċi tħalli l-effetti tagħha proprju għaliex tkompli tibni fuq il-lingwa ta' kuljum, anke jekk titbiegħed minnha, li tinkludi t-tifsiriet diretti u awtomatiċi tal-kliem. Dak li nevitaw waqt it-taħdit ta' kuljum għaliex inqisuh bħala xkiel huwa proprju dak li nfittxu fil-lingwa letterarja. Dawn il-ħiliet tal-lingwa jikxfu n-natura soċjali dinamika u fl-istess ħin rikka tal-lingwa. Il-lingwa użata fit-taħdit ta' kuljum hija lingwa li tikkomunika filwaqt li l-istess lingwa użata fil-letteratura hija lingwa li toħloq.

Fost ir-rabtiet li ħarġu bejn ir-realtà li ngħixu u r-realtà kif inhi rappreżentata u interpretata fil-letteratura rajna li (1) il-lingwaġġi u l-kliem, biex jintużaw fil-letteratura, jinsiltu minn kuntest soċjali fejn diġà jintużaw. B'hekk iġorru magħhom fix-xogħol l-*istorja* soċjali tagħhom li tiddetermina l-effett li jħalli l-użu tagħhom. (2) Ir-realtajiet li l-qarrejja jġorru magħhom waqt il-qari għandhom sehem mix-xogħol għaliex il-lingwa u t-tekniki għandhom bżonnhom biex jiksbu l-effetti tagħhom. Mhumiex realtajiet

lingwistiċi biss imma realtajiet soċjali, kulturali u politiċi wkoll. Ir-realtajiet lingwistiċi huma l-esperjenzi personali u l-familjarità tal-qarrejja mal-lingwa filwaqt li r-realtajiet soċjali, kulturali u politiċi huma l-esperjenzi tad-dinja b'mod ġenerali.

Permezz ta' din ir-riċerka tiegħi ttrattajt qasam ta' studju, dak tan-natura tal-letteratura u r-relazzjoni tagħha mar-realtà, li għad m'għandniex daqstant materjal teoriku bil-Malti fuqu. Hija tema li jittratta Oliver Friggieri f'*L-Idea tal-Letteratura* iżda li l-kumplessità tagħha dejjem titlob iżjed riċerka. Hemm lok għal studju ta' temi aktar speċifiċi bħall-irwol tal-qarrejja, jew it-temi fil-letteratura, li għalkemm semmejthom, ma ffokajtx fuqhom. Barra minn hekk, jista' jsir studju li jittratta l-istess tema iżda jiffoka fuq il-proċess tat-tiswir flok ix-xogħol finali.

## Biblijografija


Azzopardi, Clare. *Castillo*. Merlin Publishers, 2018.

Bakhtin, Mikhail M. "Discourse in the Novel." *The Dialogic Imagination: Four Essays* by M.M. Bakhtin, editjat minn Michael Holquist, tradott minn Caryl Emerson u Michael Holquist, University of Texas Press, 1981, pp. 259-422.

Culler, Jonathan. *Literary Theory: A Very Short Introduction*. Oxford UP, 1997.

Friggieri, Oliver. *L-Idea tal-Letteratura*. Pubblikazzjoni Bugelli, 1986.

Grima, Adrian. "L-Esperjenza tal-Poeżija." *Il-Qari tal-Letteratura*: *Bejn Esperjenza u Kritika*, editjat minn Terence Portelli, Allied Publications, 2009.

Iser, Wolfgang. "The Reality of Fiction: A Functionalist Approach to Literature." *New Literary History*, Volum 7, Nru 1, 1975, pp. 7-38. JSTOR, doi:10.2307/468276. Aċċessat fit-2 ta' Marzu 2019.

Lamarque, Peter. "Semantic Finegrainedness and Poetic Value." *The Philosophy of Poetry*, editjat minn John Gibson, Oxford UP, 2015.

Lorand, Ruth. "Telling a Story or Telling a World?" *The British Journal of Aesthetics*, Volum 41, Nru 4, 2001, pp. 425-43. *Oxford University Press*, https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1093/bjaesthetics/41.4.425. Aċċessat fit-23 ta' Ottubru 2018.

Morris, Pam. Introduction. *The Bakhtin Reader*, editjat minn Pam Morris, Oxford UP, 1994, pp. 1-24.

Portelli, Terence. "X'Inhi l-Letteratura (Jew Kważi)." *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika*, editjat minn Terence Portelli, Allied Publications, 2009.

"Rappreżentazzjoni." Oliver Friggieri. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, 2000.

Saydon, Rachel. "Ir-Realtà Li Toħloq il-Letteratura." 2019. L-Università ta' Malta, Teżi tal-BA (Unuri). *HyDi*, https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/48566.

Somerville, Justine. "Il-Kunflitt fin-Narrattiva ta' Pierre J. Mejlak." 2013. L-Università ta' Malta, Teżi tal-BA (Unuri). *HyDi*, https://www.um.edu.mt/library/oar//handle/123456789/8841.

Walton, Kendall L. *Mimesis as Make-Believe: On the Foundations of the Representational Arts*. Harvard UP, 1990.

# Konfini, Silenzji u Mergħat

## Aspetti Queer fin-Narrattiva Maltija, b'Referenza Speċjali għal *Bep*

Student:
Romario Sciberras

Tutur:
Prof. Bernard Micallef

## 1. Daħla

Jista' jagħti l-każ li l-kelma *queer* f'rabta mal-letteratura Maltija tinħass stramba għal xi wħud. L-għan ta' dan l-artiklu huwa li jintroduċi l-perspettiva *queer*[1] fil-kritika letterarja Maltija, li minnha din l-iskola tal-ħsieb għadha, nistgħu ngħidu, assenti. Fl-ewwel taqsima se tingħata ħarsa lejn l-aspetti bażiċi tat-Teorizzazzjoni Queer, li jipproċedu mill-prinċipju fundamentali tal-inadekwatezza tad-definizzjoni, partikolarment fejn tidħol id-demarkazzjoni lingwistika tas-sesswalità. L-ewwel effett li din il-ħarsa se jkollha fuq il-qarrej - effett li nistgħu nqisuh bħala neċessarju - huwa li studju bħal dan jiddisturba n-nozzjonijiet stabbiliti dwar is-sesswalità, mifhuma bħala produzzjoni diskursiva b'kuntrast mal-idea Freudjana tas-sesswalità bħala l-forza istintiva intrinsika tal-libido li tirrikjedi r-restrizzjoni jew is-sublimazzjoni sabiex tħalli lill-ordni soċjali intatt. Fil-qasam Queer, is-sesswalità hija sfera soċjali li tikkonsisti fi sfumaturi - gradazzjonijiet u modulazzjonijiet fl-aġir - marbuta sfiq mas-sistemi epistemoloġiċi u awtorevoli fil-kuntest storiko-soċjali. Fi kliem ieħor, f'din il-perspettiva s-sesswalità - l-identità lingwistika iżda mhux l-atti jew il-ġibdiet sesswali - hija prodott tad-diskorsi soċjali u ma fiha xejn fiha nfisha li jirrendiha naturali, stabbli u inaġġustabbli.
It-tieni taqsima ta' dan l-artiklu tittratta l-metodu kritiku użat fit-teżina, b'diskussjoni ddettaljata ta' xogħol il-kritiku fl-istħarriġ Queer.

L-aħħar taqsima hija sommarju tal-osservazzjonijiet Queer mislutin mill-erba' rumanzi analizzati fit-teżina.

[1] F'dan l-artiklu se jintużaw kemm *queer* kif ukoll "queer". Għaldaqstant tajjeb li tiġi stabbilita d-differenza ta' bejniethom. Filwaqt li tal-ewwel tirreferi għat-teorija nnifisha u għall-prinċipji fundamentali li jibnuha, *queer* tintuża bħala deskrizzjoni ta' elementi kulturali li juru xi differenza jew differenzi min-norma.

## 2. Il-qasam teoriku Queer

Aspett kruċjali li mmotiva l-bidu tal-moviment Queer kien id-diviżjoni ħakkiema bejn l-eterosesswalità, meqjusa naturali, u l-omosesswalità. Fi kliem Noreen Giffney, it-teorizzazzjoni Queer "[tirrikonoxxi] l-identità bħala finzjoni kontinġenti, kostruzzjoni msawra f'ambjent storiku u soċjali partikolari, li simultanjament tippreskrivi u tipprojbixxi ċerti emozzjonijiet u azzjonijiet" ("Introduction" 2). B'hekk it-teoristi Queer jagħrfu li l-kategoriji *eterosesswali*[2] u *omosesswali* huma aktar instabbli milli statiċi, u l-binarju li jpoġġihom f'oppożizzjoni jeħtieġ li jiġi ddekostruwit sabiex toħroġ fid-dieher l-interdipendenza tal-kategoriji (Sullivan 51).

L-istħarriġ innovattiv ta' teoristi bħal Diana Fuss jinkludi t-tkissir tal-binarju *eterosesswali / omosesswali* permezz tad-dekostruzzjoni. Fuss issostni li din l-oppożizzjoni tinbena fuq il-binarju *ġewwa / barra* għaliex it-tifsir denotattiv ta' terminu dejjem jiddependi fuq l-elementi esterjuri għalih (1). L-omosesswalità ssir il-mezz li bih l-eterosesswalità tibni l-fruntieri madwarha billi teskludiha. Qabel iseħħ dan, madankollu, il-qagħda mistkerrha tal-omosesswalità għandha tiġi inkluża fl-eterosesswalità sabiex tiġi mifhuma bħala "l-ieħor ikkontaminat" u mbagħad tiġi eskluża (3). B'hekk, Fuss turi li l-privileġġ u l-kundanna tal-eterosesswalità u l-omosesswalità, rispettivament, jipproċedu mir-relattività ta' bejn iż-żewġ termini. It-teoristi Queer jaqblu bejniethom li l-eterosesswalità u l-omosesswalità huma kostruzzjonijiet soċjali, u l-istudju tal-produzzjoni diskursiva tagħhom huwa mezz li bih ir-relazzjoni djalettika ta' bejniethom tibda titkisser. Annamarie Jagose titkellem dwar l-istudji soċjoloġiċi ta' Michel Foucault u Alan Bray, li t-tnejn iqisu ċ-ċirkostanzi u l-isfond storiko-soċjali bħala l-kawża ewlenija tal-iżvilupp tal-eterosesswalità minn inklinazzjoni lejn tip ta' intimità għal stil ta' għajxien fil-Punent (10-11). Jonathan Ned Katz, mill-banda l-oħra, jiddiskuti d-diversi tifsiriet li akkumpanjaw l-att sesswali ta' bejn raġel u mara matul iż-żminijiet sabiex juri li l-eterosesswalità fis-sens kurrenti tagħha ma kinitx minn dejjem in-norma.

Fil-ħarsa ġenerali li Sullivan tagħti lejn il-kunċett Queer, dan jitqies bħala firxa ta' azzjonijiet, proċeduri u pożizzjonijiet politiċi li, filwaqt li mhumiex ristretti b'karatteristiċi partikolari, kollha għandhom il-

[2] Għall-fini ta' distinzjoni, il-kategoriji tal-identità f'dan l-artiklu qegħdin jiġu mmarkati bil-korsiv. Dan qiegħed isir sabiex id-diskussjoni dwar il-kategoriji nnifishom hija viżibilment differenti mid-deskrizzjoni ta' persuna.

potenzjal li jisfidaw l-għarfien u l-identitajiet normattivi. Għal Smith, Queer huwa strateġija u attitudni li jinterrogaw in-normi soċjo-kulturali u n-nozzjonijiet tal-ġeneru, is-sesswalità riproduttiva, u l-familja (kif ikkwotat f'Sullivan 43). David Halperin isaħħaħ dan bl-istqarrija li Queer jinvolvi kulma jvarja min-normali, il-leġittimu u d-dominanti, tant li aktar jirreferi għal pożizzjoni relattiva mal-istabbilit milli għal identità fis-sens umanist, jew pedament fundamentali li jiddetermina s-suġġettività tal-individwu (62). Għalhekk, l-assoċjazzjoni ta' Queer ma' parti magħżula mis-soċjetà, tipikament persuni gay u lesbjani, hija żbaljata, u teoristi bħal Halperin isostnu li kull min iħossu emarġinat minħabba t-tendenzi sesswali tiegħu jista' jiddeskrivi lilu nnifsu bħala queer. Ladarba Queer huwa pożizzjoni relattiva, dawn it-teoristi jgħidu li t-terminu nnifsu ma jistax jissostitwixxi l-kategoriji tal-identità *gay, lesbjana, bisesswali u transesswali.*

L-għan li t-teorija tittraxxendi l-kategoriji tal-identità stabbiliti wara li tirrendihom problematiċi ma jfissirx li d-differenzi bejn persuna u oħra jistgħu jiġu injorati; ifisser li mill-aħħar tat-tmeninijiet 'il quddiem inħass il-bżonn għal bidla minn enfasi fuq il-ġeneru tal-persuna mixtieqa għal ħarsa ontoloġika usa'. Filwaqt li l-Istudji Gay u Lesbiċi jiffokaw fuq l-esperjenzi personali ta' individwi f'minoranza minħabba l-omosesswalità tagħhom, it-Teorizzazzjoni Queer hija prinċipalment perspettiva li tisfida n-normattiv. Fi kliem ieħor, dan il-qasam teoriku għandu l-għan li jesponi n-normi kollha u l-mezzi ta' konsolidazzjoni li jsaħħuhom u jippreservawhom billi jemarġinaw lil min ma jikkonformax (Giffney, "Denormatizing Queer Theory" 74-75). Fil-fatt, skont Sullivan, l-għan tat-Teorizzazzjoni Queer huwa li tiddestabbilizza l-perspettivi eteronormattivi dwar is-sess, il-ġeneru, is-sesswalità, l-imġiba soċjali, u r-relazzjonijiet ta' bejn dawn il-fatturi (81). L-eteronormattività tinvolvi l-proċessi li jsaħħu l-eterosesswalità bħala l-forma elementari tal-għaqda umana, il-mudell ta' kif il-ġeneri għandhom jirrelataw, il-pedament tal-komunità, u l-mezz ta' riproduzzjoni li jassigura l-eżistenza tal-umanità (Warner xxi).

Distinzjoni importanti fit-Teorizzazzjoni Queer issir bejn l-eteronormattività u l-eterosesswalità. Skont Lauren Berlant u Michael Warner, jeżistu xi forom ta' sess bejn l-irġiel u n-nisa li ma jistgħux jitqiesu bħala eteronormattivi (548). Dan għaliex is-sess normattiv huwa teleoloġiku, jiġifieri għandu għan u prodott

(Thomas kif ikkwotat f'Sullivan 133). L-att sesswali li jseddaq jew jiddefinixxi l-identità tal-individwi involuti, jew li hu mmexxi mill-għan prokreattiv, huwa eteronormattiv. Michael O'Rourke jseddaq dan billi jgħid li huma tipi speċifiċi ta' eterosesswalità li jitqiesu normali u aċċettabbli, filwaqt li l-ogħla valur jingħata lil irġiel u nisa miżżewġin u bit-tfal (111). Għaldaqstant, Thomas jissuġġerixxi li koppji eterosesswali li, intenzjonalment jew involontarjament, jibqgħu mingħajr tfal huma parti mill-komunità transitorja queer (22). L-idea li persuna eterosesswali tista' wkoll tkun queer ilha teżisti mis-snin bikrin tad-disgħinijiet. Pereżempju, Karl Knapper, attivist Queer f'San Francisco, jiddeskrivi Queer bħala r-rikonoxxenza u ċ-ċelebrazzjoni tad-differenzi, tant li persuna straight ma tistax tkun gay imma tista' tkun queer (kif jidher f'Thomas 21).

It-Teorizzazzjoni Queer ma tipproblematizzax biss il-kategorija eterosesswali; anzi, Giffney taraha bħala għodda analitika indispensabbli għall-investigazzjoni ta' kif il-kategoriji tal-identità *gay* u *lesbjana* huma prodotti diskursivi ta' min jidentifika ruħu bihom u ta' min jużahom bħala tikketta għal ħaddieħor ("Introduction" 4). L-għan ta' Queer mhuwiex li jieħu post l-identitajiet eżistenti iżda li jbiddel l-istatiċità tal-identità - anzi, tal-bniedem - fi proċess. Il-bniedem m'għandux għalfejn jimxi minn kategorija tal-identità għal oħra jekk jaċċetta li l-att tal-għajxien innifsu huwa kkaratterizzat minn dinamiżmu dejjiemi. Queer joffri firxa ta' spazji li l-bniedem, fi proġett ippersonalizzat, jimraħ fihom u jżewwaqhom b'tifsiriet temporanji li jinkludu d-diversi aspetti li jsawru l-esperjenza umana (6-7). Għalhekk, it-teoristi Queer ifittxu li jeżaminaw il-ħbit kumpless bejn tendenzi omosesswali fuq naħa u tendenzi eterosesswali, il-ġeneru, ir-razza, u l-etniċità fuq in-naħa l-oħra (Hennessy 967); l-infinità ta' modi kif is-sesswalità ta' żewġ persuni li jidentifikaw ruħhom bħala gay tiġi mmodifikata minn dawn il-fatturi b'tali mod li l-esperjenzi tagħhom huma neċessarjament differenti. B'dan il-mod jiġu sfidati perspettivi monolitiċi ta' kif persuna għandha tesperjenza t-tendenzi omosesswali tagħha.

## 3. Il-metodoloġija

Ladarba dan il-qasam teoriku huwa għalkollox ġdid fil-kritika letterarja Maltija, kellu jsir qari preliminari estensiv dwar l-istrateġiji tal-istħarriġ użati u dwar it-termini li jagħmlu parti minn dan l-istħarriġ. Għaldaqstant, ix-xogħol involut fit-teżina kellu proċediment imqassam fi tliet stadji.

Fl-ewwel stadju ngħatat ħarsa lejn il-qari Queer li Donald Hall jagħmel ta' *The Yellow Wallpaper* ta' Charlotte Perkins Gilman, *The Strange Case of Dr Jekyll and Mr Hyde* ta' Robert Louis Stevenson, u *Giovanni's Room* ta' James Baldwin. L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li jinsiltu punti fundamentali kemm dwar kif il-kritika Queer taħdem f'komponenti testwali relevanti kif ukoll il-parametri li jkun stabbilixxa l-kritiku qabel jibda l-analiżi. Fit-tieni stadju dawn il-punti ntużaw fl-analiżi testwali ta' *L-Istramb* ta' Oliver Friggieri, *Jutta Heim* ta' Immanuel Mifsud, u *15-il Numru* ta' Trevor Zahra. B'dan il-mod it-Teorizzazzjoni Queer ġiet ikkuntestwalizzata fil-letteratura Maltija, b'attenzjoni partikolari mogħtija lit-teoriji ta' Foucault, Judith Butler u Eve Kosofsky Sedgwick. L-aħħar stadju kien jikkonsisti mill-analiżi tar-rumanz *Bep* ta' Tyrone Grima fid-dawl tad-dinamiżmu kontinwu li jikkaratterizza l-ħajja tal-bniedem, mifhum bħala fenomenu fluwidu fil-perspettiva Queer.

Mill-analiżi ta' Hall jidher li, ladarba n-norma u l-queer jeżistu fi frizzjoni ma' xulxin, il-probabbiltà hija li test queer ikun fih elementi inkompatibbli li b'xi mod jikkrepaw il-mekkaniżmu binarju *eterosesswali / omosesswali.* Fi kliem ieħor, it-test iħaddan fih evidenza tal-limitazzjonijiet, l-esklużjonijiet u l-preġudizzji inerenti fil-proċess tad-demarkazzjoni ta' normalità sesswali. Ta' min jenfasizza li huwa l-binarju li jiġi dekostruwit f'dan it-tip ta' kritika, jiġifieri t-test mhux neċessarjament ikollu karattri jew sitwazzjonijiet omoerotiċi. Tant hu hekk li diversi kritiċi jagħtu importanza lit-testi li mal-ewwel daqqa t'għajn jistgħu jiġu deskritti bħala straight. Ir-relevanza Queer tat-test tiddependi fuq elementi li juru tendenzi u xewqat sesswali li jinbidlu, u azzjonijiet - jew aħjar, prestazzjonijiet sesswali tal-ġeneru - li jmorru lil hinn mill-konfini tal-binarju. L-evidenza testwali li tipponta lejn l-ineffiċjenza tal-kategoriji riġidi *eterosesswali u omosesswali* jista' jkollha diversi forom, fosthom karattri, temi, sitwazzjonijiet fil-plott, stili ta' narrazzjoni, u xbihat. Infatti, jista' jagħti l-każ li t-trasgressjoni sesswali tkun inqas espliċita fit-test u tiġi rrappreżentata permezz ta' xbihat li jirrikjedu qari aktar metikoluż tat-test. Hall isostni li l-kritika Queer għandha dejjem tinvolvi qari kuxjenzjuż, b'attenzjoni mill-qrib għad-differenzi u l-kumplessità intratestwali, mingħajr ġeneralizzazzjonijiet.

Fit-test letterarju, il-lingwa tista' tilħaq livell queer b'sinifikat ogħla għall-kritika letterarja, anki lil hinn mil-lingwaġġ figurattiv. Il-kliem użat fit-test jista' jitneżża' minn kull denotazzjoni jew mill-firxa dejqa ta' konnotazzjonijiet sabiex

jiġi destabbilizzat u jistagħna b'multipliċità - jew infinità - ta' tifsiriet. F'test queer, kelma li tintuża kontinwament b'tifsira partikolari fid-diskors awtomatiku ta' kuljum titlef is-sinifikat essenzjali tagħha u ssir ġabra ta' tifsiriet kunfliġġenti skont ma jixtieq in-narratur jew il-karattru. Nistgħu ngħidu li l-kritika Queer tinvestiga kif l-isfumar li ssostni li jseħħ bejn il-kategoriji tal-identità huwa rifless fil-lingwa li, ironikament, hija l-għodda użata sabiex jinħolqu l-istess kategoriji. Bħalma s-sesswalità hija fluwida, hekk ukoll il-kelma tisfa ppersonalizzata, instabbli u varjabbli bħall-perċezzjoni individwali nfisha.

Fattur ieħor li Hall jittratta fil-kritika tiegħu huwa d-dinamika soċjali, terminu li jeħtieġ elaborazzjoni għall-istudju preżenti. B'mod ġenerali dan jirreferi għall-qsim soċjali bejn in-norma u l-individwi li ma jikkonformawx magħha, kemm fuq il-livell testwali kif ukoll dak reali. Il-kritiku Queer għandu jibda billi jagħraf liema elementi fit-test qegħdin jirrappreżentaw in-norma. Wara li jistabbilixxi dan, il-kritiku jeħtieġlu jifhem x'tip ta' relazzjoni teżisti bejn iż-żewġ partijiet. L-approċċ dekostruttiv tat-Teorizzazzjoni Queer jimplika u jinneċessita li l-kritiku jinvestiga x'turi dwar in-norma nfisha r-relazzjoni bejn il-komponent testwali li jinkorporaha u l-individwu meqjus differenti. Għalhekk għandu jistaqsi: In-norma qiegħda tiġi affettwata mill-azzjonijiet ta' min ma jikkonformax magħha? Din il-mistoqsija hija kruċjali għall-kritika Queer għaliex huwa b'dan il-mod li l-manifestazzjoni tal-instabbiltà tan-norma tista' sseħħ b'mod ċar f'forma letterarja.

Il-preżentazzjoni tan-norma bħala kostruzzjoni instabbli tvarja bejn xogħol letterarju u ieħor. Kif deher qabel, jekk it-test jinvolvi s-sesswalità b'mod espliċitu, kwalunkwe tendenzi jew espressjonijiet tax-xewqat sesswali li jittraxxendu l-limiti tal-binarju eteronormattiv jistgħu jintużaw bħala argument li juri kif in-norma sesswali tvarja bejn persuni li jidentifikaw ruħhom bħala eterosesswali. F'testi li ma jittrattawx l-identità sesswali, xorta waħda hemm lok għall-investigazzjoni tan-norma ladarba t-Teorizzazzjoni Queer tinkludi aspetti varji tal-identità, li fil-Punent ukoll jingħarfu permezz tal-oppożizzjonijiet binarji. Għaldaqstant, il-kritiku Queer m'għandux ifittex li jillokalizza mumenti omoerotiċi jew karattri omosesswali fit-test; anzi, għandu jħares lejn xi jkollha tagħmel in-norma sabiex tibqa' meqjusa naturali u fissa meta madwarha teżisti infinità ta' identitajiet possibbli. Ir-ripetizzjoni neċessarja tal-aġir normattiv, il-ħtieġa tal-interazzjoni ma' min hu meqjus differenti jew anormali, u l-possibilità li n-norma

nfisha tesebixxi karatteristiċi irregolari huma lkoll evidenzi testwali li n-norma mhijiex għajr kostruzzjoni.

Fir-relazzjoni bejn in-norma u l-individwu queer, il-poter mhuwiex unidirezzjonali u, għaldaqstant, il-kritiku Queer jista' jadotta perspettiva Foucaultjana sabiex jinvestiga d-diskors li qiegħed jopera fit-test għat-tħaddim tal-poter. Element testwali importanti f'din il-perspettiva huwa s-silenzju, li, aktar milli xhieda ta' omosesswalità ripressa, għandu jingħata funzjoni parallela ma' dik tad-diskors (Foucault 27). Fil-fatt, għal Foucault, jeżistu tipi differenti ta' silenzji b'tifsiriet jew riperkussjonijiet diversi.

Il-kritika ta' Hall mhijiex anakronista ladarba jagħti importanza lill-kuntesti storiko-soċjali li fihom inkitbu x-xogħlijiet imsemmijin, speċjalment dawk li jinvolvu xi tip ta' reazzjoni jew reżistenza mill-parti meqjusa anormali jew devjanti. Bħalma r-restrizzjonijiet imposti fuq karattru huma ddeterminati mid-diskorsi ta' żmien partikolari, hekk ukoll ir-reżistenza tiegħu sseħħ f'qafas soċjali ddominat mill-istess diskorsi. Il-kritiku Queer għandu qabelxejn jiddekostruwixxi l-binarju *suċċess / falliment* għaliex it-tifsir ta' dan il-kliem huwa wkoll kontinġenti: dak li jgħodd bħala suċċess fil-mument li qegħdin jaqraw il-qarrejja seta' ma kienx possibbli fiż-żmien li fih inkiteb ix-xogħol.

## 4. L-osservazzonijiet prinċipali tat-teżina

### 4.1 L-Istramb

F'perspettiva Foucaultjana, Baruk huwa veikolu għall-poter għaliex huwa ħolqa bejn numru ta' istituzzjonijiet li, flimkien ma' oħrajn, jifformaw ix-xibka tal-awtorità li topera fis-soċjetà, fosthom il-familja - li terġa' tinqasam fir-relazzjonijiet li Baruk għandu ma' missieru u ma' ommu - u l-Knisja. Il-protagonist jibni u jwettaq sensiela ta' reżistenzi matul ir-rumanz, u l-aktar waħda evidenti hija fil-konfront tal-binarju *eterosesswali / omosesswali*, pedament tas-soċjetà li fiha jgħammar Baruk, fejn l-eterosesswalità hija "aħjar" (10). F'termini Foucaultjani, l-eterosesswalità fir-rumanz hija standard li kontrih jitkejjel l-aġir sesswali, jew norma li ġiet meqjusa naturali minħabba r-ripetizzjoni jew ir-riproduzzjoni tagħha bħala l-istat ideali. Fi stħarriġ Queer ta' dan ir-rumanz, jispikka l-fatt interessanti li Baruk għandu bżonn lil xi ħadd jiggwidah 'il bogħod mill-ġibdiet li jispiċċaw jitturmentawh. Dan jissuġġerixxi - bi qbil mal-istqarrija ta' Butler li l-eterosesswalità hija identità f'riskju permanenti (kif ikkwotata

f'Sullivan 120) - li n-nomra teħtieġ viġilanza kontinwa sabiex tibqa' inforzata bħala l-qagħda naturalment jew superjuri għal kull diskors li jiġi wara. Minkejja dan, l-eterosesswalità tibqa' titqies bħala fatt f'numru ta' episodji fir-rumanz.

Is-skiet ta' Baruk huwa forma ta' reżistenza li ddgħajjef il-binarju sesswali dominanti għaliex mingħajr aġir omosesswali apert x'tikkundanna, l-eterosesswalità ma tistax isseddaq il-privileġġ tagħha. Is-silenzju jagħti ambigwità pożittiva lil Baruk fis-sens li tippermetti proliferazzjoni ta' possibilitajiet dwar min hu f'għajnejn dawk ta' madwaru. Fir-rumanz, dawn il-possibilitajiet jiżdiedu permezz tal-preferenza kontinwa li l-ġuvni juri għad-dlam li, minn perspettiva Foucaultjana, jista' jitqies bħala silenzju viżwali. Reżistenza oħra ta' Baruk kontra l-binarju dominanti tikkonsisti mill-qsim li jwettaq minn naħa għal oħra tal-binarju, waħda mill-manifestazzjonijiet tad-dinamiżmu li hu jippersonifika u li jpoġġih f'kunflitt mal-inerzja li jimponu l-istituzzjonijiet. Baruk jisfida l-binarju billi jġarrab livelli differenti ta' intimità ma' Anton fis-Seminarju u mal-prostituta ftit sigħat wara li jaħrab mill-bini.

## 4.2 Jutta Heim

Ir-relevanza Queer ta' *Jutta Heim* ma tistrieħx biss fuq protagonist li jaqsam il-fruntiera bejn l-eterosesswalità u l-omosesswalità bid-diversi atti awtoerotiċi li jwettaq, iżda anke fuq it-tluq mill-eteronormattività bil-mod kif jagħżel li jgħix it-tendenzi eterosesswali, u bil-varjazzjonijiet li hu nnifsu jġarrab fil-ħajja sesswali. Ir-relazzjonijiet sesswali ta' Erik man-nisa, partikolarment ma' Nella u Liża, ma jwasslux għat-tkomplija tal-eterosesswalità bħala l-qagħda umana naturali ladarba jisfidaw il-monogamija u l-prokreazzjoni. Minflok sempliċiment jingħata t-tikketta *eterosesswali*, Erik jista' jiġi deskritt permezz ta' stati li jiġu u jmorru - jew, kif issejħilhom Kosofsky Sedgwick, tassonomiji kontinġenti (22-23) - effettivi biss għal mumenti partikolari mill-ħajja sesswali tiegħu u li jżidu d-dimensjonijiet li jistgħu jintużaw għad-deskrizzjoni ta' individwu apparti l-kategorija magħrufa *eterosesswali*. Ġisem Liża jinbidel ħafna matul ir-rumanz u dawn il-bidliet ilkoll għandhom qawwa erotika għal Erik, li jasal anke biex jimmasturba għal Liża anke meta din issir biss "ġisem" wara li tkun mietet. F'Jutta Heim, Erik jara l-potenzjal erotiku tal-ġisem kollu u magħha joħloq sitwazzjoni intima li tlaqqa' s-sensi tal-ħars, tal-mess, tas-smigħ u tax-xamm mal-ġisem

fit-totalità tiegħu mingħajr ma jagħti prominenza eteronormattiva lill-organi prokreattivi, jiġifieri l-fallu, is-sider u l-vaġina. Is-sitwazzjoni li joħloq tixhed nuqqas ta' uniformità fi ħdan il-kategorija tal-identità sesswali, instabbiltà li tipproċedi mit-twaqqif tal-eterosesswalità bħala standard soċjali mogħti l-libsa ta' neċessità naturali li tirrendih forza normalizzanti.

## 4.3 15-il Numru

Ir-rumanz *15-il Numru* huwa partikolarment interessanti fid-dawl tan-nozzjoni Butlerjana tal-performattività tal-ġeneru, jiġifieri li l-ġeneru huwa att li jwettaq dak li jsemmi (Salih 64), jew aħjar, jikkostitwixxi l-identità li hija diskursivament ippreżentata u imposta bħala l-ġeneru nnifsu (Butler 33). Numru ta' karattri nisa u rġiel fir-rumanz jattwaw maskulinità eġemonika bl-azzjonijiet tagħhom fuq il-post tax-xogħol, iżda dawn l-azzjonijiet ma jipproċedux mill-bijoloġija ta' dawn il-karattri ladarba, f'kuntesti differenti, il-prestazzjonijiet tagħhom ivarjaw. Il-kontinġenza tal-azzjonijiet tal-karattri timplika li l-bniedem jinsab f'bidla kontinwa, karatteristika li n-narratur jippreżenta permezz tax-xbieha tal-metamorfosi multidirezzjonali u inkontrollabbli, li tista' tintuża biex jinftiehmu aħjar il-performattività u l-prestazzjoni tal-ġeneru skont kif tiddiskutihom Butler, billi jiġi diskuss ix-xebh bejn il-ġeneri dominanti jew intelliġibbli u l-fosdqa f'metamorfosi mreġġa' lura.[3]

## 4.4 Bep

Id-distinzjoni ċara bejn iż-żewġ maħbubin Bep u Nick fir-rumanz *Bep* għandha sinifikat kbir f'perspettiva Queer. Filwaqt li Nick jinseġ it-twemmin Kattoliku tiegħu mal-ġibdiet omosesswali, Bep ma jasalx sal-punt li jagħmel dan minħabba l-biża' mill-kundanna eterna fl-infern. Dan it-tinsiġ flimkien huwa komponent tat-"test ta' reżistenza" li jikkaratterizza tip ta' żvilupp intern ta' għarfien personali deskritt bħala "l-kitba queer tal-jien" ("*queer authorship*") minn Elisa Abes u David Kasch (626). Dan it-test huwa sensiela ta' azzjonijiet li jsawru l-identità mingħajr ma jirriflettu waħda lesta, b'moviment kontinwu bejn il-kostruzzjonijiet eteronormattivi tal-jien u l-binjiet li jirreżistu l-użu tal-eterosesswalità bħala l-kejl tal-ġeneru u s-sesswalità, dinamika li l-qofol tagħha mhuwiex il-kompromess bejn iż-żewġ estremi

[3] F'tip ta' metamorfosi li huwa ġdid għall-qarrej għaliex huwa mreġġgħa lura, il-fosdqa ssir il-kontenitur permanenti għal din it-trasformazzjoni. Din il-permanenza hija simbolu tal-mezzi ripetuti li l-binarju tal-ġeneru jużа bħala paraventu għall-karatteristika performattiva tiegħu.

iżda l-għoti ta' sinifikat ġdid lit-tnejn li huma fi proċess kontinwu. Fir-rumanz, is-salvazzjoni tibda tinftiehem u tidher possibbli biss f'termini ta' ġibda erotika lejn ġisem ta' raġel ieħor u, għalhekk, it-twemmin jingħata dimensjoni konkreta, tanġibbli, u għalkollox erotiċizzata omosesswalment, filwaqt li t-tendenza sesswali ssir simultanjament korporali u lil hinn minn dak li hu intelliġibbli għall-bniedem. Iż-żewġ aspetti jsiru dipendenti fuq xulxin; jitwaħħdu f'mod ta' għajxien wieħed li jkisser ir-rabta bejn is-sess u l-ġeneru kif mifhuma kulturalment: "Jien u int. Biss. U hekk anki l-ħsibijiet jgħosfru. Inkunu rbaħnielhom. Inkun nista' nħares lejhom u ngħidilhom mingħajr l-ebda biża' ta' xejn li din mhux gidba, din mhix ħolma. Dan mhux raġel. Dan mhux mara" (91). B'dan il-mod, Nick jinkorpora t-tbegħid min-norma u l-konfront magħha li l-Queer jirrappreżenta. Din in-norma hija kemm dik tal-eterosesswalità moralment obbligatorja fil-Kattoliċiżmu kif ukoll tal-firda bejn it-twemmin u l-orjentazzjoni sesswali li hija dominanti fl-għajxien noneterosesswali.

## Biblijografija


### Testi:

Friggieri, Oliver. *L-Istramb*. Merlin Library Ltd., 1980.

Grima, Tyrone. *Bep*. Horizons, 2013.

Mifsud, Immanuel. *Jutta Heim*. Klabb Kotba Maltin, 2014.

Zahra, Trevor. *15-il Numru*. Merlin Library Ltd., 1977.

### Sorsi:

Abes, Elisa S., u David Kasch. "Using Queer Theory to Explore Lesbian College Students' Multiple Dimensions of Identity." *Journal of College Student Development*, vol. 48, nru 6, 2007, pp. 619-636, https://pdfs.semanticscholar.org/d048/3662f448dbc415286a1f216650d0c902982d.pdf?_ga=2.102423937.1479226273.1551863867-679101902.1551863867. Aċċessat 17 Mar. 2019.

Berlant, Lauren, u Michael Warner. "Sex in Public." *Critical Inquiry*, vol. 24, nru 2, 1998, pp. 547-566. *JSTOR*, https://www.jstor.org/stable/1344178. Aċċessat 7 Nov 2018.

Butler, Judith. *Gender Trouble: Feminism and the Subversion of Identity*. Routledge, 1999.

Foucault, Michel. *The History of Sexuality: 1*. Traduzzjoni ta' Robert Hurley, Penguin Books, 1978.

Fuss, Diana. "Inside/Out." *Inside/Out: Lesbian Theories, Gay Theories*, ed. Diana Fuss, Routledge, 1991, pp. 1-10.

Giffney, Noreen. “Denormatizing Queer Theory: More Than (Simply) Lesbian and Gay Studies.” *Feminist Theory*, vol. 5, nru 1, 2004, pp. 73-78. *Sage Journals*, doi: 10.1177/1464700104040814. Aċċessat 5 Nov. 2018.

---. “Introduction: The ‘q’ Word.” *The Ashgate Research Companion to Queer Theory*, ed. Noreen Giffney u Michael O’Rourke, Ashgate Publishing Limited, 2009, pp. 1-13.

Hall, Donald E. *Queer Theories*. Palgrave Macmillan, 2003.

Halperin, David. *Saint Foucault: Towards a Gay Hagiography*. Oxford U P, 1995.

Hennessy, Rosemary. “Queer Theory: A Review of the ‘Differences’ Special Issue and Wittig’s ‘The Straight Mind.’” *Signs*, vol. 18, nru 4, 1993, pp. 964-973. *JSTOR*, https://www.jstor.org/stable/3174918. Aċċessat 10 Nov. 2018.

Jagose, Annamarie. *Queer Theory: An Introduction*. New York U P, 1996.

Katz, Jonathan N. “The Invention of Heterosexuality.” http://funnel.sfsu.edu/students/luyilin/Lu_Yilin/other/wgs/J.Katz_inventionofheterosexuality.pdf. Aċċessat 5 Nov. 2018.

Kosofsky Sedgwick, Eve. *Epistemology of the Closet*. California U P, 1990.

O’Rourke, Michael. “On the Eve of a Queer-Straight Future: Notes Toward an Antinormative Heteroerotic.” *Feminism & Psychology*, vol. 15, nru 1, 2005, pp. 111-116. *Sage Journals*, doi: 10.1177/0959-353505049713. Aċċessat 7 Nov. 2018.

Salih, Sara. *Judith Butler*. Routledge, 2002.

Sullivan, Nikki. *A Critical Introduction to Queer Theory*. New York U P, 2003.

Thomas, Calvin. “On Being Post-Normal: Heterosexuality after Queer Theory.” *The Ashgate Research Companion to Queer Theory*, ed. Noreen Giffney u Michael O’Rourke, Ashgate Publishing Limited, 2009, pp. 17-32.

Warner, Michael. “Introduction.” *Fear of a Queer Planet*, ed. Michael Warner, Minnesota U P, 1993, pp. vii-xxxi

# Ġabra Analitika tal-Materjal Lingwistiku fil-Programm *Seħer il-Malti*

Studenta:
Elaine Vella

Tutur:
Prof. Manwel Mifsud

## 1. Daħla

Il-programm *Seħer il-Malti* jilħaq firxa wiesgħa ta' semmiegħa f'bosta rħula ta' Malta u Għawdex, kif ukoll emigranti Maltin, u għalhekk huwa ġabra rappreżentattiva tal-użu lingwistiku tal-Malti llum. Il-maġġoranza tas-semmiegħa huma ta' età matura u għalhekk, filwaqt li jirrappreżenta l-wirt lingwistiku Malti, mhux bilfors iwassal ukoll il-lingwa esperimentali u innovattiva tal-kelliema żgħażagħ u tfal.

Id-dizzjunarju veru tal-lingwa qiegħed fuq fomm il-poplu u għalhekk programm tar-radju jista' jkun tajjeb ħafna biex jiġbor kliem li qatt ma ġie rreġistrat, kliem li konna naħsbuh mejjet, u tifsiriet u sfumaturi li d-dizzjunarji tal-lingwa għadhom ma wassluIniex. F'dan is-sens, jista' jkun għodda għall-arrikkiment tal-wirt lessikali u semantiku. Kien għalhekk li jien ħassejt li stajt nagħti l-kontribut tiegħi biex niġbor dan il-materjal lingwistiku sabiex dan it-tagħrif ma jintilifx mal-mogħdija taż-żmien. Għal dan il-għan, ħsibt li nikkodifikah u nippreżentah b'mod li jkun dħuli għal min irid jikkonsultah jew ifittex fih.

## 2. Il-Programm

Il-programm beda u għadu jitmexxa minn żewġ persuni flimkien: il-preżentatur, li jieħu ħsieb il-preżentazzjoni prattika tal-programm, u l-konsulent espert fil-lingwa, li jrid ifassal il-programm, jiżviluppa l-idea ewlenija tiegħu, jikkummenta dwar l-esperjenzi tas-semmiegħa u jwieġeb il-mistoqsijiet lingwistiċi.

### 2.1. Storja qasira

Il-programm inbeda fuq Radju RTK bl-isem *Kellimni bil-Malti* minn idea ta' Charles Coleiro u maż-żmien ħadu sehem numru ta' persuni li għenu fil-produzzjoni tal-programm, l-aktar il-Prof. Manwel Mifsud li ilu jagħmel dan ix-xogħol fl-irwol tal-konsulent mill-2004 u għadu jagħmlu sal-lum, tul l-aħħar 9 snin flimkien mal-preżentatur Thomas Pace. Dan il-programm illum jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Sibt għall-ħabta tal-kwarta u għandu t-tul ta' siegħa u għaxar minuti.

### 2.2. It-tipoloġija tal-programm

Il-programm *Seħer il-Malti* ma jkunx dejjem omoġeneu, imma joffri lis-semmiegħa varjetà mibnija fuq numru żgħir ta' mudelli ta' programm, li kollha jduru mal-pern ewlieni li hu l-ilsien Malti. Il-mudelli differenti jinbidlu prattikament minn programm għal ieħor. It-tipoloġija ta' dawn il-mudelli hija bażikament din li ġejja:

1. Programm bi ġbir ta' vokabolarju fuq suġġett komuni meħud mill-ħajja (eż. parti partikolari ta' ġisem il-bniedem).
2. Programm b'mistieden espert f'xi qasam tal-ilsien Malti (eż. Dr Adrian Grima).
3. Programm informattiv b'kittieb tal-letteratura bħala mistieden. (Jekk il-kittieb ikun mejjet, jingħata tagħrif dwar xogħlijietu u jsir xi qari minnhom), (eż. Ġorġ Pisani).
4. Programm b'mistieden (jew fuq persunaġġ) li mhux mill-qasam tal-Malti, imma jkun għaraf iħaddem l-ilsien Malti fil-qasam tal-ħajja tiegħu b'mod eżemplari (eż. Charles Clews).
5. Programm dwar aspett lingwistiku partikolari tal-Malti (eż. xi figura tad-diskors).
6. Programm dwar xi aspett kulturali Malti b'rabta mal-lingwa (eż. xi sengħa tradizzjonali).

## 3. L-iskrutinju tal-programm

Il-mira tat-teżi tiegħi kienet li nanalizza numru ta' programmi b'attenzjoni kbira u dettaljata. Minħabba r-restrizzjoni tal-ħin li fih kont mitluba nagħmel dan ix-xogħol, l-analiżi tal-programmi kellha

tkun ristretta għal skeda waħda (38 programm), u għalhekk jiena ħdimt fuq dik ta' bejn Ottubru 2011 u Ġunju 2012 kif ixxandru fuq l-RTK meta l-programm beda jieħu l-isem ta' *Seħer il-Malti*. F'dan ix-xogħol, jiena mort għas-sors primarju tar-rikordings, segwejt u kklassifikajt l-argumenti u l-elementi lingwistiċi varji li kienu diskussi fil-programm. Permezz ta' din it-teżina, għalhekk, dan il-materjal kellu jsir faċilment aċċessibbli għal min irid jikkonsultaha, u speċjalment għal min jitħajjar ikompli jaġġorna d-dizzjunarju Malti b'tant kontribuzzjonijiet dokumentati fonikament.

Sabiex stajt nibda nifformola l-analiżi ta' kull programm użajt l-applikazzjoni elettronika *Audacity* li, filwaqt li tagħtini l-possibiltà li neditja u nisma' l-programm, tagħti wkoll indikazzjoni tal-ħin fid-dettall. B'hekk stajt ukoll naqta' barra s-sigla ta' kull programm sabiex il-ħin jibda jgħodd mal-mument li fih jibda jitkellem il-preżentatur, u naqsmu f'setturi ta' għaxar minuti.

## 3.1. Id-diffikultajiet li ltqajt magħhom

B'mod ġenerali, biex programm ta' diskussjoni rikka bejn nies ta' livelli kulturali differenti ħafna jiġi analizzat u kkodifikat, kelli nagħmel numru ta' tentattivi sabiex insib l-aħjar mod li bih stajt nagħmel dan mingħajr ma nitlef xejn mill-informazzjoni lingwistika tiegħu. Fil-fatt, kemm-il darba kelli mmur lura u nerġa' nisma' l-istess partijiet tal-programm sabiex inkun ċerta li dak li qed nisma' qed inniżżlu b'mod korrett u fl-istess ħin ma jintilef l-ebda dettall. Barra minn hekk, kelli nagħmel distinzjoni ċara bejn l-argumenti li jseħħu f'diskussjoni kontinwa skont il-ħin u nikklassifikahom skont il-qasam ittrattat li, naturalment, ivarja kontinwament. Diffikultà oħra kienet li spiss l-argument kien jista' jiġi kklassifikat taħt iktar minn qasam wieħed.

Fil-ħidma tiegħi biex nibni l-ġabra ltqajt ma' numru ta' diffikultajiet. Waħda mill-akbar diffikultajiet kienet propju l-mod ta' kif għandi nikklassifika l-materjal innifsu, li kellu jinqasam skont klassijiet partikolari li fl-istħarriġ li għamilt jien jissejħu *oqsma*. B'dan il-mod stajt nagħżel tip ta' informazzjoni minn oħra (etimoloġija, vokabolarju, eċċ.) li tkun ingħatat fi programm sħiħ, anzi fil-programmi kollha analizzati.

Barra d-diffikultajiet tax-xogħol innifsu, tajjeb li wieħed jagħraf li għall-ħolqien ta' din l-analiżi kellha tiġi ffaċċjata r-realtà ta' programm dirett li, bil-preġji kollha tiegħu, joħloq diffikultà meta jkun hemm iktar minn kelliem wieħed li jitkellem fl-istess ħin, u għalhekk kultant kien diffiċli li

nagħraf naqbad eżattament dak li jkun qed jingħad. Dan mhux taħdita loġika ta' kelliem wieħed, imma programm fejn nies ta' livell edukattiv differenti ħafna jintervjenu u jgħidu tagħhom, u bil-mod ġieli erratiku tagħhom. Kultant kelliem jaqbad fil tad-diskors u jħallih sospiż, bla ma jagħlqu. Barra minn hekk, il-varjetà kbira tas-suġġetti ttrattati kienet diffikultà fiha nfisha, anke g ħaliex is-semmiegħa mhux dejjem iżommu mas-suġġett.

## 3.2. Għażliet u soluzzjonijiet

Fl-analiżi tal-programmi għamilt riferiment ċar għas-sors primarju tal-kelma rrekordjata permezz tat-tqassim tal-argumenti skont il-ħin tal-programm (sezzjonijiet ta' 10 minuti) sabiex wieħed ikun jista', b'kumdità kbira, isib l-informazzjoni tal-argument partikolari li jkun qed ifittex mingħajr ma jkollu bżonn jisma' l-programm kollu. L-għażla li l-argumenti jinqasmu f'sezzjonijiet ta' 10 minuti saret sabiex l-utent tal-iskrutinju jkollu jisma' biss sezzjoni żgħira biss tal-programm rikordjat u jkun jista' jsib malajr l-informazzjoni mixtieqa u dettaljata.

Fejn jidħol il-materjal lingwistiku, ix-xogħol kien jitlob ċerta reqqa biex nagħżel bejn tip ta' informazzjoni lingwistika u tip ieħor, u b'hekk max-xogħol ħarġet sensiela ta' kategoriji. Fil-fatt, minħabba li l-argumenti li jiġu diskussi fil-programm bosta drabi jidħlu f'xulxin, uħud minn dawn kellhom jiġu klassifikati taħt żewġ tipi. Hekk ġara, ngħidu aħna, meta ġiet diskussa u spjegata l-kelma *ċintorina*, li tista' taqa' kemm taħt il-vokabolarju kif ukoll taħt il-varjazzjoni djalettali ladarba, bħalma jiġi diskuss fit-tliet programmi fejn issemmiet, x'aktarx li din hija kelma djalettali marbuta l-aktar ma' Għawdex. L-għażla li kliem bħal dan jidher taħt iktar minn qasam wieħed saret biex, tfittex taħt liema qasam tfittex, il-kelma tinqabad xorta waħda. Taqsimiet oħrajn, bħall-mużika u l-letteratura, kienu aktar faċli biex jiġu mqassma fi klassijiet differenti.

Il-lingwa tinfirex u tista' tiġi studjata f'fergħat differenti, fosthom dawk tal-lingwistika, tal-letteratura, kif ukoll oħrajn storiċi u folkloristiċi. Ħafna minn dawn l-oqsma jiġu diskussi fi programm bħal dan li, għalkemm huwa wieħed li jiddiskuti primarjament l-elementi lingwistiċi tal-Malti, ħafna drabi parallelament jiżviluppa wkoll numru ta' temi lokali oħra. Mill-analiżi li għamilt tat-tmienja u tletin programm, ġbart il-materjal li jiġi diskuss taħt umbrelel differenti. Sabiex nagħmel dan, kelli nanalizza l-materjal kollu li jiġi diskuss fil-programm u nagħraf taħt liema oqsma jista' jinġabar. Għamilt distinzjoni bejn it-temi lingwistiċi: il-grammatika; il-fonoloġija u l-pronunzja; il-

morfoloġija; is-sintassi; il-vokabolarju; l-etimoloġija; l-idjoma; l-ortografija u l-varjazzjoni djalettali. Billi xi drabi l-programm ikun fih ukoll xi poeżiji jew siltiet letterarji, dawn ġbarthom taħt il-qasam tal-letteratura, is-siltiet mużikali taħt *mużika* u partijiet oħra bħal introduzzjonijiet tas-suġġett jew kummenti li ma jaqgħu taħt l-ebda wieħed mill-oqsma li semmejt, bħala *argumenti*.

Għall-fini ta' ġbir lingwistiku mill-aktar dettaljat u informattiv, għażilt li ninkludi wkoll il-lokalitajiet tal-kelliema minħabba li ċertu kliem, varjanti lessikali jew espressjonijiet jistgħu jkunu marbutin ma' post partikolari. Dan sar biex ma jintilfux dawk il-varjazzjonijiet jew kuntrasti djalettali imprezzabbli li jkunu ħarġu matul it-trażmissjoni tal-programm u li tant joħorġu tajjeb ladarba huma ppronunzjati fil-lokalità nfisha.

**Tabella 1: Spjegazzjoni tat-tqassim tal-informazzjoni miġbura**

Numru tal-programm fl-iskeda — *4.2.1. Il-Malti lsien żgħir* — Titlu tal-programm

Kelliema: Manwel Mifsud u Thomas Pace — Ix-xandara (u mistednin) fuq il-programm

Data tal-programm — 111008

| | Settur | Tema | Qasam | Kelliem | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 0 | 1.1 | Il-Malti lsien żgħir | arg. | MM | Il-lingwa Maltija meqjusa żgħira għax mitkellma minn ftit. |
| | 1.2 | Il-funzjoni tal-lingwa Maltija | arg. | MM | L-ilsien jaqdi 'l-kelliema u jinbidel skont il-ħtiġijiet tagħhom. |
| 10 | 2.1 | Il-funzjoni tal-lingwa Maltija | arg. | MM | *ikompli* Il-Malti bħala lsien ta' livell Ewropew. |
| | 2.2 | It-tifsira ta' lsien żgħir illum | arg. | MM | Il-ħtieġa li aħna ninfetħu għad-dinja minħabba l-globalizzazzjoni u r-realtà tal-bidla meta l-lingwa tiltaqa' ma' ilsna oħra. |
| 20 | 3.1 | Lessiku | vok. | T1 | *Tlaflif* jew *tlaflifa* tal-baħar u l-verb *jitlaflef*. |
| | 3.2 | Lessiku | vok. | T1 | Il-plural indeterminat *bexex* (sg. *bexxa*) b'rabta max-xita. |

Perjodi ta' 10 min. ta' trażmissjoni

Numru tal-argument diskuss fil-perjodu ta' 10 min.

## 3.3. It-tqassim li jsib il-qarrej

It-tabelli li jiġu ppreżentati fit-teżi huma rappreżentazzjoni tal-materjal li jiġi diskuss fil-programmi. Kull tabella tirrappreżenta programm wieħed. L-ewwel ringiela ta' kull tabella tidentifika l-programm skont id-data li fih ġie trażmess. Is-sitt numri jirrappreżentaw is-sena, ix-xahar u l-jum f'din l-ordni (SSXXJJ). It-tieni ringiela tirrifletti l-kontenut li jiġi deskritt f'kull waħda mill-ħames kolonni.

Fuq in-naħa tax-xellug fuq barra tat-tabella, wieħed isib il-ħin immarkat f'perjodi ta' għaxar minuti li fihom ġew trattati l-argumenti nnumerati fl-ewwel kolonna. L-ewwel numru ġol-ewwel kolonna (*Settur*) jindika l-perijodu ta' għaxar minuti tal-programm filwaqt li t-tieni jimmarka n-numru tal-argument f'dawk l-għaxar minuti, eż. '2.3' jindika t-tielet argument fit-tieni għaxar minuti tal-programm.

It-tieni kolonna (*Tema*) tiddeskrivi s-suġġett ittrattat, filwaqt li t-tielet tindika l-qasam (iktar ġenerali) li fih jaqa' s-suġġett. Ir-raba' kolonna tindika l-kelliem, u l-aħħar waħda tagħti deskrizzjoni qasira tas-suġġett diskuss.

It-tabella t'hawn taħt tindika l-oqsma (Kolonna 3) li fihom ġew maqsuma l-argumenti trattati u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom (li se jiġu spjegati fit-tabella ta' wara) u t-taqsiriet li dawn ingħataw u li ntużaw fil-kolonna *Qasam*:

**Tabella 2: It-taqsiriet tal-argumenti u l-oqsma trattati fil-programm**

| Taqsira | Tagħrifa dwar |
|---|---|
| arg. | Argument |
| djal. | Djalett, varjant djalettali |
| etim. | Etimoloġija |
| fon. | Fonoloġija |
| gram. | Grammatika |
| idj. | Idjoma |
| lett. | Letteratura |
| morf. | Morfoloġija |
| muż. | Mużika |
| ort. | Ortografija |

| | |
|---|---|
| poeż. | Poeżija |
| pron. | Pronunzja |
| proż. | Proża |
| sem. | Semantika |
| sin. | Sintassi |
| snaj. | Snajja' |
| stor. | Storja |
| vok. | Vokabolarju |

Xi oqsma, bħal Vokabolarju u Letteratura, li kienu ġenerali wisq ġieli nferqu f'temi differenti (eż. vok.snaj.; lett.poeż.; lett.proż.) biex l-iskrutinju jkun iktar dettaljat u komdu għal min irid ifittex fih. Naturalment, l-informazzjoni miġbura mill-programm setgħet tiġi maqsuma f'aktar temi, iżda jien għażilt li nispeċifika biss dawk li l-aktar ġew diskussi fis-sensiela sħiħa. Din l-ispeċifikazzjoni tidher fit-taqsira tat-tielet kolonna. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet saru għall-oqsma tal-argument, l-idjoma, il-letteratura u l-vokabolarju u l-lista tagħhom qiegħda tidher fit-tabella t'hawn taħt.

**Tabella 3: It-taqsiriet tal-Qasam + Speċifikazzjoni kif preżentati fit-tielet kolonna tal-iskrutinju**

| Taqsiriet tal-<br>*Qasam + Speċifikazzjoni* | Tagħrifa dwar |
|---|---|
| arg.djal. | Argument marbut ma' djalett/i jew varjant djalettali |
| arg.lett. | Argument marbut mal-letteratura |
| arg.muż. | Argument marbut mal-mużika |
| arg.ort. | Argument marbut mal-ortografija |
| lett.poeż. | Poeżija (li taqa' taħt il-qasam tal-letteratura) |
| lett.proż. | Proża (li taqa' taħt il-qasam tal-letteratura) |
| vok.muż. | Vokabolarju marbut mal-mużika |
| vok.snaj. | Vokabolarju marbut mas-snajja' |

Il-kolonna tal-kelliem tindika dak li qed jitkellem jew jiddiskuti dwar is-suġġett. Dawn jistgħu jinkludu l-preżentaturi nfushom, il-mistednin fuq il-programm, il-messaġġi tas-semmiegħa u t-telefonati. Il-preżentaturi u l-mistiedna ġew imniżżla bl-inizjali tagħhom, filwaqt li l-messaġġi u t-telefonati ngħataw l-ittra *M* u *T* rispettivament u numru li juri l-ordni li fiha jkunu ġew mismugħa fil-programm. Dawk is-semmiegħa li pparteċipaw għal iktar minn darba fl-istess programm reġgħu ngħataw l-istess numru għal dak il-programm. Barra minn hekk, meta l-kelliema taw il-lokalità tagħhom din ġiet imniżżla wkoll fejn isimhom skont il-kodiċi postali uffiċjali għal dawk li jgħixu Malta, *GZ* tirrappreżenta kelliem minn Għawdex, filwaqt li l-isem tal-pajjiż ingħata għall-kelliema li jgħixu barra minn xtutna. Meta tiġi msemmija jew spjegata kelma li l-kelliem ikun sema' f'post ieħor iżda li hu personalment ma jużahiex, il-kodiċi postali tal-lokalità fejn din tkun instemgħet ġiet imniżżla f'parentesi. L-ismijiet tal-preżentaturi u l-mistiedna ġew imniżżla wkoll fejn it-titlu ta' kull programm.

Taħt it-tabella li fiha l-iskrutinju tal-programm, l-utent jista' jsib ukoll tabella oħra li tirrappreżenta l-kliem, l-idjomi jew espressjonijiet li jiġu msemmija jew diskussi f'dak il-programm. L-aħħar kolonna ta' din it-tabella tindika s-settur li fih instemgħu. Għalhekk din it-tabella sservi ta' sommarju tal-programm sħiħ. It-tabella t'hawn taħt tista' sservi bħala eżempju.

**Tabella 4: Spjegazzjoni tat-tieni tabella preżentata għal kull programm**

F'dan il-programm issemmew jew ġew diskussi:

Settur

Qasam

| | | |
|---|---|---|
| Kliem | Tlaflaf (tlaflif / tlaflifa / jitlaflaf) | 3.1 |
| | Bexex | 3.2 |
| | Kkaldja (jikkaldja) | 3.5 |
| | Kajjasa | 3.7-4.1 |
| | Ħorr | 6.3 |
| Idjomi/espress. | Laħam il-kelb | 3.3 |
| | Spara Majjistral | 3.6 |
| Ortografija | Qiegħed / qiegħda / qegħdin u qed | 4.3 |
| | Għidt / għedt | 4.3 |
| | Qgħad | 6.2 |
| Poeżiji | *Lill-Mitħna tar-Riħ* | 7.2 |

Materjal lingwistiku jew varjant li gie diskuss fil-programm partikulari

## 4. Ir-riżultati tal-iskrutinju f'idejn l-utent

Permezz ta' dan l-iskrutinju, l-utent jista' b'kumdità u faċilità kbira jieħu l-massimu tal-ġid lingwistiku tal-programm, għaliex l-informazzjoni kollha li tingħata fil-programm rikordjat tista' tinstab b'mod miktub f'dak li nistgħu nsejħulu indiċi dettaljat tal-programm rikordjat. It-tqassim kollu li ġie spjegat fit-taqsima ta' qabel sar għall-fini tal-qarrej, sabiex ikun jista' jsib dak li jkun qed ifittex bla tbatija jew telf ta' ħin.

Għal min ikun irid juża din il-ġabra, il-frott prattiku tal-analiżi ġie miġbur f'żewġ appendiċijiet kbar. L-ewwel appendiċi huwa magħmul mill-kliem kollu li ssemma fil-programm matul is-sena magħżula (2011-2012) u ngħata f'ordni alfabetika, sabiex tiġi faċilitata t-tiftixa tal-kelma. Kull kelma mbagħad għandha referenza għall-programm partikolari u l-post preċiż fejn tkun ingħadet jew ġiet spjegata. It-tieni appendiċi jiġbor fih il-mijiet ta' idjomi u espressjonijiet li ngħabru mill-programm. B'hekk wieħed jista' jfittex il-kelma/espressjoni li tinteressah f'dawn l-appendiċijiet u minn hemm imur f'ras il-għajn biex jismagħha mitkellma minn min qalha fil-programm.

## 5. Konklużjoni

Din il-ġabra tista' titqies bħala dokument lingwistiku awtentiku u ħaj li qed jikkonserva numru ta' elementi lingwistiċi u termini li maż-żmien jistgħu jintilfu, kif ukoll ta' lessiku li jaf ma ġiex imniżżel fid-dizzjunarji li għandna sa issa, ladarba ħadd minn dawn ma nqeda b'mezz tant dirett u interattiv bħar-radju. Ta' min jiftakar li, billi l-medju hawn huwa l-kelma ħajja, ir-radju jkun qed jilħaq u huwa aċċessibbli għal kulħadd, imqar għal min ma jkunx jaf jikteb, għall-kuntrarju tal-mezzi tradizzjonali bħall-kotba u l-gazzetti. Għalhekk, permezz taż-żewġ appendiċijiet li ħlaqt minn għadd ta' rikordings magħluqin f'audio files, il-materjal kollu li jinġabar f'dan il-programm sar sors b'aċċess miftuħ għall-konsultazzjoni ta' kulħadd. Huwa għalhekk li nistieden lil riċerkaturi oħra sabiex jissottomettu xogħlijiet radjofoniċi jew televiżivi oħra għal skrutinju simili biex nersqu dejjem aktar lejn ir-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni sħiħa tal-lingwa nazzjonali tagħna.

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI